# L-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 879 LEĦEN L-GĦAWDXIN Ġunju - Lulju 2006




## Għal turiżmu aktar sod... u festi aktar insara



Suppliment Speċjali

## IŻ-ŻJARA TA' L-ISQOF MARIO GRECH FL-AMERIKA


Lumen Christi
Bookshop
Special Bargain!
ROHS
minn 25% sa 50%
fuq
KOTBA MILL-ISBAĦ
bħala rigali għat-tfal
fil-"Party" tal-
Preċett jew Griżma.
Din l-offerta speċjali hija miftuħa
sa meta jispiċċa 'stock'
ta' kotba li akkwistajna b'irħis,
minn 25c sa Lm3 kull ktieb.
VARJETÀ KBIRA
MNEJN TAGĦŻEL!
LUMEN CHRISTI BOOKSHOP
Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex
Tel: 21560496 Fax: 21561860

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 879***
***Ġunju - Lulju 2006***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Fehmet il-Qarrejja • 11
X'għadda minn għalina • 12
Kummentarju (1) • 20
Kummentarju (2) • 22
Versi Riflessivi • 23
Riflessjonijiet ta' ACM • 24
Ktieb x'Taqra • 26
**SUPPLIMENT SPEĊJALI**
Għawdex 300 sena ilu (145) • 27
Il-Misteru tal-Ewkaristija (11) • 28
Il-Biedja f'Għawdex (46) • 30
Għawdex fil-Media Lokali • 32
Passiġġata Biblika (17) • 34
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin:
San Lawrenz • 36
Xhieda Nisranija: P. Ġużepp Portelli (1) • 38
Mill-Knisja fid-Dinja • 39
Iż-Żjara tal-Kummissarju ta' l-UE • 49
Għawdxin li għandna niftakru (34) • 42
Apprezzament • 45
L-Istorja tal-Mediċina (5) • 46
Kummentarju Sportiv • 48
L-Irħula Għawdxin (5): Ta' Kerċem • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Joe Zammit, Stella Galea, Albert Vella, Mike Azzopardi, Dun Anton Sultana, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*




# *Lejn festi aktar nsara...*

*Illum se nieħu spunt mill-istqarrija tal-Kulleġġ tal-Kappillani tad-Djoċesi ta' Għawdex, li kienet approvata fis-7 ta' Ġunju 2006 waqt laqgħa taħt il-presidenza ta' l-Isqof Mario Grech, dwar il-Jum tal-Festa Titulari, biex naqsam magħkom xi rilfessjonijiet dwar il-festi għawdxin.*

*Il-festi tagħna jiffurmaw parti integrali fil-ħajja tas-soċjetà tagħna. Kull bniedem minnu nnifsu u b'mod naturali jħoss il-ħtieġa li jikkommemora mumenti speċjali, li f'xi waqtiet f'ħajtu jew f'kull tant żmien jgħix b'mod differenti, li joħroġ b'xi mod minn l-ordinarjetà tal-ħajja u jidħol fl-ambitu ta' l-istraordinarju. U naħseb li f'dan l-ambitu antropoloġiku rridu ninkwadraw iċ-ċelebrazzjoni tal-festi tagħna –* ***ċelebrazzjoni ta' fidi, ċelebrazzjoni soċjali****, u* ***ċelebrazzjoni kulturali****.*

*Issib min il-festa hi kollox għalih. Infatti huma ħafna dawk il-persuni li huma involuti b'xi mod jew ieħor, min ftit u min ħafna fl-organizzazzjoni tal-festi tagħna. Issib iżda oħrajn li l-festi jarawhom b'lenti kemxejn negattiva: hemm min jarahom bħala aljenazzjoni, tberbiq spostjat ta' flus u ħela kbira ta' enerġija; hemm min jara fihom element qawwi ta' pika jew okkażjonijiet ta' xalar. Iżda jekk wieħed jifli bir-reqqa l-pakkett kollu ta' x'inhi l-festa, aktarx li jirnexxielu japprezza u jifhem li fil-festi tagħna, minkejja xi elementi l'hawn u l'hemm li jistgħu jiġu ppurifikati, jeżisti ħafna pożittiv.* ***Imma x'ifisser sew "festi stil nisrani"?***

*Nemmen li dan kien il-bażi tal-ħsieb wara l-imsemmija stqarrija. Fil-fatt l-istess stqarrija, wara li tafferma li l-Knisja f'Għawdex tgħożż il-festi titulari, tikkwota siltiet rilevanti mid-Dokument Pastorali: Is-Sens Nisrani tal-Festi, tat-Tieni Sinodu ta' Għawdex, li fost l-oħrajn jisħaq li* ***l-festi fuq kollox għandhom iwasslu biex il-poplu nisrani permezz tal-qima tiegħu lejn il-qaddisin ikollu esperjenza privileġġjata ta' Alla.*** *Is-Sinodu jfakkar ukoll li minkejja li "l-festi huma karatteristika ta' pajjiżna u għandhom ħafna aspetti u skopijiet tajbin, fosthom: skop soċjali, artistiku, kummerċjali u kulturali, biex il-festa tibqa' awtentikament nisranija, m'għandux jiġri li l-iskopijiet sekondarji msemmija hawn fuq, ixejnu jew jgħaddu* ***l-iskop ewlieni tal-festa, li hu l-iskop spiritwali****, jiġifieri l-qdusija u l-qawmien spiritwali tal-poplu ta' Alla" (n.12/832).*

*L-istqarrija tkompli b'appell imqanqal lil dawk kollha li jgħinu fl-organizzazzjoni tal-festi esterni, biex jikkollaboraw ma' l-arċiprieti u l-kappillani ħalli l-****jiem tal-festa jkunu verament jiem ta' esperjenza qawwija l-ewwel u qabel kollox fil-fidi****, li jwasslu lil komunità parrokkjali titlob flimkien u tiċċelebra flimkien, megħjuna minn liturġija sabiħa, mifhuma u ipparteċipata.*

*Dan kollu jseħħ meta jkun hemm rieda tajba min-naħa ta' kulħadd. Kulħadd jeħtieġ li jifhem li jekk irridu nibqgħu niċċelebraw il-festi tagħna* ***hemm bżonn li neliminaw dawk l-elementi li m'humiex kompatibbli ma' ċelebrazzjoni nisranija.*** *B'hekk biss dak kollu li jsir madwar il-festa nisranija jkun sabiħ u jkollu sens. Din hi l-garanzija tal-futur tal-festi tagħna!*

***Dun Ruben Micallef***




***Għeluq il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla***



Wara ġimgħa ta' attivitajiet, nhar il-Ħadd 30 t'April, ġewwa r-raħal tax-Xagħra ntemm it-43 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, presedut mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Fil-għodu sar Pontifikal fil-Bażilika ta' Marija Bambina u fil-5.30 ta' filgħaxija, sar *defile* matul Vjal it-8 ta' Settembru. Mexxa l-E.T. Mons Isqof Mario Grech u ħadu sehem il-Kumitat Nazzjonali u dak Djoċesan tax-Xirka, Kapitlu u Kleru tax-Xagħra, Reliġjużi, u l-Parroċċi kollha t'Għawdex. Il-Victoria Scout Group imxew quddiem l-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb u wara mxiet il-Banda "Victory" iddoqq innijiet u marċi reliġjużi. Fi Pjazza il-Vitorja, saret manifestazzjoni li fiha ttellgħet mima dwar ir-Ragħaj it-Tajjeb mit-tfal ta' l-Iskola Patri Mattew Sultana waqt li żgħażagħ mill-Grupp "*The Guiding Light*" tan-Nazzarenu taw messaġġ djalogat dwar il-vizzju tad-dagħa. Il-Kor Djoċesan taż-Żgħażagħ anima il-kant. Fid-diskors tiegħu, l-Arċipriet tax-Xagħra Mons Carmelo Refalo tkellem fuq il-bżonn u l-ħtieġa urġenti li nibnu l-fidi tagħna fuq tagħlim sod u mhux fuq ħrejjef li jridu jieħdu post il-verità u li jpinġu l-verità bħala ħrafa. "L-isfida tagħna llum hija li ngħaddu mit-tradizzjoni għall-konvinzjoni, mis-superfiċjal għall-essenzjal u mill-għidut u ħrejjef għall-verità", saħaq Mons Refalo. L-E.T. Mons. Isqof Grech ħeġġeġ lis-semmiegħa biex jagħmlu esperjenza ta' Ġesù Rxuxtat bis-smigħ tal-Kelma t'Alla kif imxandra lilna mill-Appostli, xhieda awtentiċi tal-Vanġelu u l-Kelma. Lilhom biss Kristu deher wara li qam mill-imwiet, huma li kielu u xorbu Miegħu. Biex it-twemmin u x-xhieda tagħna jkunu awtentiċi, jeħtieġ li nitilqu minn



Ġerusalemm, jiġifieri nżommu sħiħ mat-tagħlim ta' l-Appostli u ngħixu f'komunjoni mal-Knisja ta' Kristu, enfasizza Mons. Isqof. Tkellem ukoll iċ-*Chaplain* Nazzjonali P. Joseph Vassallo O.P. waqt li l-Għannej tal-Mulej, Ġorġ Agius, qabbel erba' kelmiet. Fl-aħħar ingħatat il-Barka Sagramentali minn Mons Ewkaristiku Sultana, *Chaplain* Djoċesan tax-Xirka. Is-Sur Joseph Refalo, President Djoċesan ħabbar li l-Kungress li jmiss fis-sena 2007 se jsir ġewwa Għajnsielem, il-Ħadd 22 t'April.



***Mons. Isqof iżur il-Bank HSBC***

Mons. Isqof, nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju żar il-fergħa Ċentrali tal-Bank HSBC fi Triq ir-Repubblika, Victoria. Barra li tkellem mal-ħaddiema tal-Bank, Mons. Isqof għamel it-tberik ta' l-Għid fl-istess lokal.

***Mons. Isqof iżur il-fergħa ta' l-ETC f'Għawdex***

Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju, l-E.T. Mons. Mario Grech, għamel żjara fil-fergħa ta' l-ETC ta' Għawdex, fix-Xewkija. Mons. Isqof ġie milqugħ mid-direttur tal-ETC f'Għawdex Marcell Bonnici u mis-CEO Sue Vella, u magħhom tkellem dwar il-ħtieġa ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol fil-gżira tagħna. Fi tmiem din iż-żjara saret ikla ta' l-okkażjoni mal-*management* tal-ETC fl-*Arka Respite Centre*, Għajnsielem.

***Żjara Pastorali mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex ġewwa Dar Stella Maris***

Il-Festa ta' *Stella Maris* ġiet iċċelebrata nhar il-Ġimgħa 5 ta' Mejju 2006 ġewwa *Dar Stella Maris*, iż-Żebbuġ. Kien mument ta' ferħ speċjali għal din il-komunità għax magħha kien hemm l-E.T. Mons Mario Grech, l-Isqof ta' Għawdex, fl-ewwel żjara pastorali tiegħu. Għal din l-okkażjoni Mons. Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' Fr. Silvio Bezzina MSSP, Viġarju tas-Soċjetà f'Malta, Fr Alfred Farrugia MSSP, Fr Ignatius Micallef MSSP, Kan. Dun Noel Saliba, Arċipriet taż-Żebbuġ u Fr Eddie Zammit. Ħadu ħsieb janimaw din il-liturġija il-membri tal-grupp Lajċi MSSP. Qabel spiċċat il-quddiesa, Fr Alfred filwaqt li rringrazzja lill-Isqof talli



aċċetta l-istedina tiegħu biex imexxi din iċ-ċelebrazzjoni, f'isem il-komunità offra lill-E.T. Mons. Isqof ikona tal-fidda bix-xbieha tal-Qaddej ta' Alla Mons

Ġużeppi De Piro. Min-naħa tiegħu l-Isqof tenna l-apprezzament għas-sehem li jagħtu r-reliġjużi fid-djoċesi ta' Għawdex. Fi tmiem il-quddiesa, saret purċissjoni qasira għal ħdejn l-istatwa ta' Marija Kewba tal-Baħar fejn Mons. Isqof wara mument ta' talb, poġġa l-ewwel xemgħa quddiem ix-xbieha tal-Madonna, b'tifkira ta' l-ewwel żjara tiegħu ġewwa *Dar Stella Maris*. Mons. Isqof imbagħad kien mistieden għar-riċeviment li sar f'*Dar Stella Maris* fejn kellu ħin jitkellem ma' kull min kien preżenti, mument li ġie apprezzat ħafna speċjalment mill-anzjani preżenti.

***L-għoti tal-premjijiet tal-Festival Marjan***



Mons. Isqof Mario Grech, nhar is-Sibt 6 ta' Mejju attenda għall-Festival Marjan organizzat ta' kull sena mil-Leġjun ta' Marija ta' Għawdex. Fi tmiem il-festival, li sar fis-sala ta' l-Oratorju Don Bosco, Mons. Isqof qassam il-premjijiet lir-rebbieħa ta' kull kategorija.

***Il-Kwaranturi Mqaddsa u l-Festi Ċinkwantenarji fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex***

Nhar il-Ħadd 7 ta' Mejju 2006, fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex, Mons. Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni solenni flimkien mar-Rev.di Monsinjuri tal-Kapitlu tal-Knisja Katidrali fl-għeluq tal-Kwaranturi Imqaddsa u ta' l-ewwel parti miċ-ċelebrazzjonijiet li saru biex ifakkru l-ħamsin anniversarju mill-għoti ta' l-istatwa ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali mis-Soċjetà Filarmonika *Leone*.

***Pellegrinaġġ Djoċesan fuq il-qabar tal-Beatu Dun Ġorġ Preca***



Bħala parti mill-programm taċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mat-tifkira liturġika tal-Beatu Dun Ġorġ Preca, nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju sar pelegrinaġġ djoċesan minn Għawdex għad-Dar Ċentrali tal-MUSEUM, il-Blata l-Bajda. Dan il-pelegrinaġġ djoċesan tmexxa minn Mons. Isqof Mario Grech u fih ħadu sehem 'il fuq minn tlett mitt ruħ. Fid-Dar Ċentrali tal-MUSEUM saret quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech. Tul l-omelija Mons. Isqof tkellem dwar xi aspetti tal-ħajja ta' Dun Ġorġ Preca u l-ħeġġa li kellu għall-evanġelizzazzjoni.



Iktar tard filgħaxija, Mons. Isqof ippresieda l-Ewkaristija mas-seminaristi tad-Djoċesi ta' Malta fis-Seminarju f'tal-Virtù, ir-Rabat. Wara l-quddiesa Mons. Isqof kien mistieden għaċ-ċena flimkien mas-seminaristi maltin.

***Kampanja favur Ambjent Moralment Nadif***

Nhar is-Sibt 13 ta' Mejju filgħaxija, Mons. Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni fil-knisja tal-Madonna ta' Ħamet fl-okkażjoni tat-tifkira liturġika ta' l-ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima u li fiha nfetħet il-kampanja favur ambjent moralment nadif li ta' kull sena tiġi organizzata mill-Azzjoni Kattolika ta' Għawdex.

***Żjara Pastorali ta' Mons. Isqof fil-Parroċċa ta' Kerċem – Il-Pussess ta' Dun Nazju Borg bħala Kappillan***



Nhar id-9 ta' Mejju Mons. Isqof beda l-aħħar żjara pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Kerċem, marbuta ukoll mal-bidu tal-ħidma pastorali ta' Dun Nazju Borg bħala Kappillan. Il-poplu Kerċmiż attenda bi ħġaru sabiex isellem lir-Ragħaj tad-Djoċesi, li sena qabel kien qed iservi bħala Kappillan tal-parroċċa tagħhom. Tul dawn il-jiem ta' żjara pastorali Mons. Isqof iltaqa' mal-presbiterju parrokkjali, żar iċ-ċentri tad-duttrina tar-raħal, il-każini tal-banda, tal-futbol u tal-partiti politiċi, żar l-iskejjel primarji tal-gvern u tas-Sorijiet Karmelitani, kif ukoll iltaqa' mas-Sindku Joe Grima, u ma' sħabu l-kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta' Kerċem. Tul dawn il-jiem ma naqsux il-żjajjar ta' Mons. Isqof lill-morda u l-anzjani rikoverati fi djarhom. Tul din iż-żjara pastorali Mons. Isqof żar ukoll il-komunità ta' Santa Luċija fejn hemmhekk iltaqa' mar-rettur tal-Knisja ta' Santa Luċija Dun Frankie Sultana. Din iż-żjara pastorali ġiet fi tmiemha nhar il-Ħadd 14 ta' Mejju, waqt quddiesa konċelebrata fejn Mons. Isqof Mario Grech ta l-pussess lil Dun Nazju Borg bħala l-Kappillan il-ġdid tal-parroċċa ta' San Girgor u tas-Sokkors.



***Mons. Isqof jiltaqa' ma' l-Istudenti ta' "Guardian Angels School"***

Nhar l-Erbgħa 10 ta' Mejju, Mons. Isqof Mario Grech iltaqa' ma' grupp ta' studenti mill-*Guardian Angels School* akkumpanjati mid-direttur spiritwali tagħhom Fr. Raymond Cassar, fis-Sala tas-Seminarju tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, Victoria.

***Mons. Isqof iżur is-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù***

Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju, Mons. Isqof għamel l-ewwel żjara tiegħu fis-Seminarju Minuri fejn hawnhekk iltaqa'

kemm ma' l-istudenti kif ukoll ma' l-għalliema ta' din l-iskola sekondarja. Mons. Isqof ġie mdawwar mal-kumpless ta' din l-iskola mis-surmast Dun Manwel Magro. Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof ippresieda iċ-ċerimonja ta' Jum il-Premjazzjoni li saret fis-sala ta' l-istess Seminarju Minuri. F'diskors ta' l-okkażjoni Mons. Isqof tkellem dwar il-ħtieġa li l-istudenti jieħdu bis-serjetà il-formazzjoni nisranija tagħhom.

***Mons. Isqof jiltaqa' mas-Soċjetà tal-"Cataeans"***

Mons. Isqof nhar il-ġimgħa 12 ta' Mejju kien mistieden għall-ikla mis-Soċjetà tal-*Cataeans*, f'lukanda f'Għawdex. Is-soċjetà tal-*Cataeans* hija għaqda kattolika filantropika li tgħin lil għaqdiet soċjali u reliġjużi.

***Mons. Isqof imexxi il-funeral tal-Missjunarju Għawdxi Ġiġi Camilleri S. J.***

Nhar is-Sibt 13 ta' Mejju, Mons. Isqof mexxa l-funeral tal-ġiżwita Għawdxi Ġiġi Camilleri, fil-Bażilka ta' Marija Bambina, ix-Xagħra. Patri Ġiġi Camilleri qatta' bosta snin minn ħajtu jwettaq ħidma missjunarja fl-Indja. L-omelija f'dan il-funeral saret mill-provinċjal tal-ġiżwiti Fr. Paul Chetcuti *(Ara apprezzament f'paġna 45)*.



***Mons. Isqof iżur is-Sorijiet tal-Klawsura f'San Ġiljan***

Nhar it-Tnejn 15 ta' Mejju, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech żar lis-Sorijiet tal-Klawsura f'San Ġiljan. Mons. Isqof ġie milqugħ u mdawwar mal-kunvent mill-Madre Rose Ellis, mir-Rabat Għawdex. Ta' min jinnota li f'din il-komunità tas-sorijiet hemm għaxar reliġjużi Għawdxin. F'nofsinhar Mons. Isqof kien mistieden għall-pranzu ma' l-istess komunità klarissa. Iktar tard filgħaxija Mons. Isqof iċċelebra l-Ewkaristija mal-membri tal-komunità tar-Ragħaj it-Tajjeb, tal-Belt Victoria, li ukoll għamlu żjara lil dan il-kunvent f'San Ġiljan.

***Mons. Isqof jiltaqa' ma' Patri Dijonisju Mintoff***

Mons. Isqof nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju ltaqa' ma' Patri Dijonisju Mintoff, direttur tal-Laboratorju tal-Paċi, fil-Kurja Veskovili tad-Djoċesi ta' Għawdex fi Triq ir-Repubblika. Tul din il-laqgħa Patri Dijonisju spjega lill-E.T. Mons. Isqof il-ħidma u l-għanijiet tal-Laboratorju tal-Paċi.

***Mons. Isqof jiltaqa' mal-Koperaturi tal-MUSEUM***

Nhar il-Ħamis 18 ta' Mejju, Mons. Isqof Mario Grech iltaqa' mal-koperaturi tal-MUSEUM, fil-qasam tas-subien ta' l-istess soċjeta fil-Belt Victoria. Fi tmiem il-laqgħa kien hemm *light refreshments* għal dawk kollha preżenti.

***Żjara ta' Kortesija mill-Uffiċjali tal-BOV***

Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju, Mr Chalmers, iċ-*chairman* tal-bord tad-diretturi tal-Bank BOV, akkumpanjat minn Mr. Jack Teuma, il-*manager* tal-fergħa tal-BOV f'Għawdex, għamlu żjara ta' kortesija lill-Mons. Isqof Mario Grech fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex. F'din l-okkażjoni d-diriġenti tal-bank tkellmu dwar il-proġett ta' sponsorizazzjoni tar-restawr ta' pitturi oriġinali ta' Emvin Cremona li jinsabu fil-Bażilka tal-Madonna ta' Pinu. Mons. Isqof radd ħajr f'ismu u f'isem id-Djoċesi għal din l-inizjattiva.

***Mons. Isqof jattendi għal "Round Table Conference" dwar id-"Da Vinci Code"***

Nhar is-Sibt 20 ta' Mejju is-Segretarjat Pastorali tal-Kurja tad-Djoċesi ta' Għawdex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Pastorali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta organizzaw konferenza li fiha ttrattaw in-novella ta' Dan Brown '*The Da Vinci Code*'. Għal din il-konferenza li saret fis-sala tas-Seminarju tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù kienu preżenti Mons. Isqof Mario Grech, il-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci, numru konsiderevoli ta' qassisin u reliġjużi, is-seminaristi, u għadd ġmielu ta' lajċi li mlew is-sala kollha. Għal din il-konferenza ħadu sehem Rev. Dr. René Camilleri, mill-fakultà tat-teoloġija ta' l-Università ta' Malta; Sr Mari Scicluna, *lecturer* ta' l-istudji bibbliċi u ta' l-ispiritwalità Injazjana; u Dr George Gregory

DM

**David's Bakery Caterers**

**Il-Kwalità l-ewwel!**

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131



Buttigieg, li barra li huwa tabib u *lecturer* fl-Università ta' Malta huwa wkoll awtur ta' diversi kotba kif ukoll ambaxxatur tal-Ordni Sovrana u Militari ta' Malta. Mexxa d-diskussjoni l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia.

***Tberik tat-tfal fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Rita***
Aktar tard filgħaxija Mons Isqof mexxa quddiesa fil-knisja ta' Sant Wistin fil-Belt Victoria, u li fiha għamel it-tberik tat-tfal fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Rita, liema festa tiġi ċċelebrata f'dan il-kunvent agostinjan.

***Il-Pelegrinaġġ Djoċesan ta' Mons. Isqof ġewwa L-Istati Uniti***
Bejn it-23 u 31 ta' Mejju, Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-ewwel pellegrinaġġ tiegħu barra minn pajjiżna, lejn New York u Washington. Il-qofol ta' din il-mawra ntlaħaq nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju fejn eluf ta' emigranti Maltin u Għawdxin li joqgħodu l-Amerika, ingħaqdu ma' Mons. Isqof Mario Grech u attendew għall-quddiesa konċelebrata fil-Katidral ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ġewwa Washington. Din kienet immexxija mill-Kardinal ta' din il-belt metropolita, l-Emm. Tiegħu l-Kardinal Theodore McCarrick u li fiha sar it-tberik tal-kappella ddedikata lil Madonna ta' Pinu. Din il-kappella bix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu tinsab qalb kappelli oħra f'dan il-Katidral, u li lkoll jirrappreżentaw diversi nazzjonijiet minn madwar id-dinja kollha *(Ara Suppliment Speċjali).*

***Mons. Isqof jiftaħ il-festi fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mid-dedikazzjoni tal-Knisja tan-Nazzarenu, fix-Xagħra***
Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Ġunju Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-knisja tan-Nazzarenu, ix-Xagħra, fl-okkażjoni tal-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-75 anniversarju mid-dedikazzjoni tal-istess knisja.

***Tberik tal-wirja annwali organizzata mill-Gozo Business Chamber***
Mons. Isqof, nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju bierek il-wirja li torganizza ta' kull sena l-*Gozo Business Chamber*, il-*Gozo Trade Fair*. Bħas-snin l-imgħoddija il-*Gozo Trade Fair* saret fil-Kumpless Sportiv tal-Belt Victoria.

***Gradwazzjoni tal-istudenti li jattendu l-Iskejjel Sekondarji tal-Istat***
Nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju Mons. Isqof iċċelebra l-Ewkaristija flimkien ma' l-istudenti ta' *Form 5* li temmew b'suċċess l-istudju tagħhom fl-iskejjel sekondarji ta' l-istat; l-istudenti subien li għamlu l-istudji tagħhom fil-kumpless Ninu Cremona filwaqt li l-istudenti bniet fil-Kumpless Aguis de Soldanis. Għal għoti tal-premjijiet u ta' l-i*School Leaving Certificate* kienu preżenti wkoll il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, il-kapijiet tażżewġ skejjel sekondarji, kif ukoll il-ġenituri ta' l-istudenti.

***Żjara ta' Mons. Isqof fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex***
Nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju, Mons. Isqof żar l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn iltaqa' ma' Dr. Joseph Pace, speċjalista tad-dermatoloġija, u Dr. Livori, supretendent tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Tul din il-mawra tiegħu fl-isptar Mons. Isqof ingħata tagħrif dwar il-prevenzjoni mill-marda tal-*melanomia* u dwar il-problema li qed toħloq din il-marda qalb il-popolazzjoni ta' gżiritna, permezz ta' *PowerPoint Presentation* ippreparata minn Dr. Pace. Mons. Isqof ġie infurmat li bħalissa f'Għawdex jinsab għaddej proġett pilota ta' prevenzjoni tal-*melanomia*. L-awtoritajiet ta' l-isptar ħeġġu lil Mons. Isqof sabiex il-Knisja tagħmel użu mill-mezzi li hija tħaddan sabiex tħajjar aktar lin-nies jieħdu sehem f'dan il-programm ta' prevenzjoni.

***'L-Ispirtu s-Santu għajn tal-Ministeri fil-Knisja' - Velja Djoċesana ta' Pentecoste***
Nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju, is-Segretarjat Pastorali fi ħdan il-Kurja Veskovili ta' Għawdex f'kollaborazzjoni ma' l-amministrazzjoni tal-Parroċċa tal-Katidral, organizzaw Velja Djoċesana fl-okkażjoni ta' Pentekoste. Oriġinarjament ippjanata għall-Pjazza tal-Katidral ddominata mill-faċċata imponenti tal-Gafà, din kellha tiġi trasferita għal ġewwa l-knisja peress li t-temp ma kienx jippermetti. Il-velja kienet immexxija mill-E. T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, bil-parteċipazzjoni ta' għadd kbir ta' saċerdoti djoċesani fosthom l-Arciprieti u l-Kappillani tal-parroċċi. L-animazzjoni tal-kant kienet f'idejn il-kor djoċesan taż-żgħażagħ immexxi minn Ms Dorienne Portelli.

Il-velja kellha l-forma ta' quddiesa - simili għall-velja li ssir f'Sibt il-Għid. Il-folla li ħonqot kull rokna tal-Katidral ingħatat ktejjeb ta' tifkira li permezz tiegħu setgħet issegwi u tipparteċipa b'mod mill-aktar attiv fil-liturġija. Il-Liturġija tal-Kelma kienet tikkonsisti f'erba' siltiet ta' qari mill-Antik Testment u salmi kantati. Wara tkantat il-Glorja waqt li ndaqqu l-qniepen mill-kampnar tal-Katidral għat-tħabbira tal-glorja. Il-ħames qari mbagħad kien ir-rakkont ta' Għid il-Ħamsin mill-Atti ta' l-Appostli segwit mis-sekwenza. Wara l-proklamazzjoni ta' l-evanġelju, Mons Isqof għamel l-omelija tiegħu.



Il-velja kienet tinkludi wkoll it-tiġdid tal-wegħdiet li saru nhar il-Grizma ta' l-Isqof. Att simboliku interessanti kien il-preżentazzjoni ta' l-għelejjel tar-raba'. Dawn kienu offerti miġbura mill-parroċċi kollha ta' Għawdex matul l-aħħar ġimgħa, li mbagħad marru għall-karità li twettaq id-djoċesi.

L-għada l-Ħadd imbagħad, l-E.T. Mons Mario Grech flimkien mal-W.R. Monsinjuri tal-Kapitlu tal-Katidral mexxa l-Pontifikal tas-Sollenità ta' Pentekoste fid-9am. Dan is-servizz kien animat mill-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* li kien taħt id-direzzjoni ta' Mro Colin Attard.

***Żjajjar fl-Iskejjel Primarji Arturo Mercieca, tal-Belt Victoria u Santa Tereża ta' Kerċem***

Nhar it-Tlieta 6 ta' Ġunju Mons. Isqof għamel żjara pastorali fl-Iskola Primarja Arturo Mercieca tal-Belt Victoria. Għal din iż-żjara Mons. Isqof kien milqugħ u mdawwar mal-kumpless ta' l-Iskola mill-Kap ta' l-Iskola Miss Antoinette Psaila. Tul din iż-żjara Mons. Isqof iltaqa' mill-viċin mal-għalliema u ma' l-istudenti li jattendu f'din l-iskola.

Fl-istess ġurnata Mons. Isqof kien preżenti flimkien mal-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami għal *Open Day* fl-Iskola Primarja Santa Tereża fir-raħal ta' Kerċem. Mons. Isqof Mario Grech bierek irħama li nkixfet mill-President ta' Malta, liema rħama tfakkar il-50 anniversarju mill-ftuħ ta' l-istess skola. F'kelmtejn ta' l-okkażjoni Mons. Isqof fakkar li għal xi żmien huwa wkoll kien jattendi f'din l-iskola primarja bħala student. Iktar tard filgħaxija Mons. Isqof ippresieda Ewkaristija u fi tmiemha qassam l-i*School Leaving Certificate* lill-istudenti ta' *Year 6* li temmew b'suċċess l-istudji tagħhom fl-iskola primarja.

***Tqegħid ta' kuruni fiċ-ċerimonja ta' "Sette Giugno" fix-Xagħra***

Nhar l-Erbgħa 7 ta' Ġunju, Mons. Isqof ħa sehem fil-kommemorazzjoni uffiċjali f'Għawdex tal-Jum Nazzjonali tas-'*Sette Giugno*' li saret fix-Xagħra, Għawdex, quddiem ir-residenza ta' Ġużepp Bajada, wieħed mill-vittmi ta' l-irvellijiet ta' l-1919. Din is-sena il-kommemorazzjoni ta' dan l-avveniment saret bil-parteċipazzjoni tal-*Banda Victory* u l-Kor *Voci Angeliche*, il-banda u l-kor tax-Xagħra. Dan kien possibbli bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra u l-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

***Żjara uffiċjali ta' Mons. Isqof fl-Iskola tal-Konservatorju***

Nhar il-Ħamis 8 ta' Ġunju, Mons. Isqof żar għall-ewwel darba l-iskola tal-Konservatorju. Mons. Isqof ġie milqugħ u mdawwar mal-kumpless ta' l-iskola mill-Arċipriet Karm Gauci, Kap ta' l-Iskola. Mons. Isqof ħa l-okkażjoni sabiex jiltaqa' mill-viċin ma' l-għalliema u l-istudenti li jattendu f'din l-iskola.

***Żjara uffiċjali ta' Mons. Isqof fl-Iskola Sekondarja Ninu Cremona***

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju, Mons. Isqof għamel l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu fl-iskola sekondarja Ninu Cremona. Mons. Isqof kien milqugħ mill-Kap ta' l-Iskola s-Sur Pawlu Bezzina kif ukoll mill-istudenti kollha ta' *Form 2*. Mons. Isqof kellu ċans jiltaqa' mill-viċin ma' l-istudenti u ma' l-għalliema li jwettqu il-ħidma tagħhom f'din l-iskola. Aktar tard Mons. Isqof assista għal *play* u *PowerPoint Presentation* imtellgħa mill-istudenti ta' *Form* 2 u 3 rispettivament fis-sala ta' l-istess skola bil-kollaborazzjoni tal-għalliema tar-reliġjon, ta' l-għalliema tad-drama, u ta'l-I.T. Aktar tard Mons. Isqof kiteb messaġġ ta' l-okkażjoni fil-ktieb tal-viżitaturi li jmur lura għas-sena 1918. Mons. Isqof sab il-ħin sabiex jiltaqa' b'mod formali mal-għalliema tar-reliġjon li jgħallmu f'din l-iskola. Din iż-żjara ġiet fi tmiemha b'ritratt ta' l-okkażjoni mal-għalliema kollha li jgħallmu f'din l-iskola u wara b'riċeviment ad unur Mons. Isqof fl-*Entrance Hall* ta' l-istess skola. Waqt ir-riċeviment, li għalih kienu mistednin *ex-heads* u ex-għalliema li għallmu lill-E.T. Mons. Isqof, l-istess Mons. Isqof kixef lapida li tfakkar din il-ġrajja filwaqt li ġie ppreżentat b'*self-portrait* impitter mill-artista għawdxi Mark Sagona, għalliem ta' l-arti fl-istess skola.



***Mons. Isqof ibierek il-Qniepen il-ġodda tal-Knisja Rotunda tax-Xewkija***

Nhar is-Sibt 10 ta' Ġunju kienet ġurnata li tibqa' mnaqqxa fil-qalb ta' kull Xewki għax kien il-jum li fih Mons. Isqof Mario Grech bierek it-tliet qniepen ġodda għar-Rotunda tax-Xewkija magħmula fil-funderija *John Taylor Bellfounders* biex jakkumpanjaw żewġ qniepen oħra ġa eżistenti li għal din l-okkażjoni ġew restawrati. Mons. Isqof ingħata merbħa mis-Sindku, kunsilliera u mill-poplu Xewki fil-bidu ta' Triq Indipendenza. Il-Banda Prekursur akkumpanjat lil Mons. Isqof sa Pjazza San Ġwann Battista. Il-funzjoni kienet tikkonsisti f'żewġ partijiet prinċipali. L-ewwel parti kienet tikkonsisti f'qari ta' poeżiji u



interventi mużikali mill-Banda Prekursur tax-Xewkija. F'din l-ewwel parti spikkat l-poema "Qniepen Imbierka" ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex. Imbagħad fit-tieni parti sar it-tberik propju tal-qniepen. Wara l-qari mill-Kelma ta' Alla,

Mons. Isqof għamel omelija ta' l-okkażjoni. Hekk kif temm l-omelija tiegħu Mons. Isqof raxx l-ilma imbierek u inċensa il-qniepen il-ġodda. Hekk kif temm ir-rit tat-tberik Mons. Isqof flimkien ma' l-Arċipriet Karm Mercieca daqqew għall-ewwel darba kull qanpiena.

***Mons. Isqof iżur il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem u jiltaqa' mal-kapijiet ta' l-Iskejjel Sekondarji ta' Għawdex***



Nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju, Mons. Isqof Mario Grech għamel żjara ta' kortesija fil-bini tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem, fejn iltaqa' mas-sindku Francis Cauchi u l-kunsilliera tar-raħal. Aktar tard huwa għamel żjajjar lill-morda li jinsabu rikoverati ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Aktar tard Mons. Isqof iċċelebra quddiesa fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-bajja tax-Xlendi organizzata mill-Assistent Direttur tal-Iskejjel f'Għawdex is-sur Carmel Attard. Għal din il-quddiesa kienu mistiedna l-*Heads* u l-*Ex-Heads* tal-iskejjel sekondarji ta' Għawdex. Wara Mons. Isqof kien mistieden għall-ikla flimkien ma' dawn l-uffiċjali edukattivi.

***Mons. Isqof jattendi għall-għoti tal-Midalja Ġwanni XXIII lil Riona Attard***

Fil-Palazz Presidenzjali fil-Belt Valletta, nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju kien jum speċjali għal Riona Attard, studenta ta' tmien snin li tattendi l-iskola primarja tax-Xagħra, Għawdex, meta kienet l-ewwel tifla għawdxija li ngħatat il-midalja tad-deheb bi xbieha tal-Papa Ġwanni XXIII fuqha, bħala l-Premju tat-Tjubija 2006. Dan il-premju ngħata mill-President tar-Repubblika Dr Eddie Fenech Adami fil-preżenza ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, u ta' Patri Dijonisju Mintoff, Direttur tal-Laboratorju tal-Paċi. Riona Attard qiegħda fir-raba' klassi ta' l-Iskola Primarja Patri Mattew Sultana u ilha tagħti l-għajnuna tagħha lil Ġużeppina Galea għal dawn l-aħħar erba' snin. Bl-għajnuna li qiegħda tirċievi mingħand Riona, illum Ġużeppina tista' tikkomunika u tieħu sehem f'diversi attivitajiet ta' l-iskola. Minkejja li Riona għaddiet minn ħafna esperjenzi diffiċli fil-ħajja personali tagħha, fosthom it-telfa ta' missierha, ma naqset qatt milli ddur bil-ħabiba tagħha Ġużeppina, u dan tagħmlu mingħajr ma tistenna xejn lura.



***Mons. Isqof iqaddes għall-istudenti ta' Year 6***

Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju, Mons. Isqof iċċelebra l-Ewkaristija fil-knisja ta' Marsalforn għall-istudenti ta' *Year 6* ta' l-iskejjel kollha ta' Għawdex, liema studenti għadhom kemm temmew l-istudji tagħhom fl-iskejjel primarji rispettivi tagħhom. Mons. Isqof kellu kliem ta' tifħir u apprezzament għall-għalliema li b'sagrifiċċju u dedikazzjoni taw l-edukazzjoni u l-formazzjoni lil dawn l-istudenti.

***Tiġi fi tmiemha sena oħra ta' formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex***

Mons. Isqof Mario Grech, nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju, filgħaxija ppresieda ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija flimkien mas-superjuri tas-Seminarju Maġġuri fi tmiem tas-sena formattiva 2005-2006. Għal din il-quddiesa kienu mistiedna l-ġenituri tas-seminaristi u d-dami tas-seminarju. Fi tmiem il-quddiesa Mons. Isqof kellu ċans jiltaqa' mal-ġenituri tas-seminaristi f'riċeviment ta' l-okkażjoni li sar fil-bitħa ta' l-istess seminarju, madwar l-istatwa ċentrali ta' San Pawl.



***Mons. Isqof ibierek Tabernaklu ġdid fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz***

Nhar il-Ħadd 18 ta' Ġunju, Mons. Isqof Mario Grech mexxa quddiesa solenni fis-Sollenità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu u li fiha bierek it-tabernaklu l-ġdid tal-fidda, xogħol ta' l-artist Għawdxi Austin Camilleri Cauchi. Tul





din il-quddiesa sollenni Mons. Isqof għamel ukoll ir-rit ta' l-ammissjoni liż-żewġ seminaristi Michael Curmi (Xagħra) u Joshua Muscat (Nadur) li aktar tard dan ix-xahar ser jirċievu l-Ordinazzjoni tad-Djakonat minn idejn Mons. Isqof fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Fi tmiem il-quddiesa Mons. Isqof mexxa l-purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija mat-toroq prinċipali tal-parroċċa ta' San Lawrenz.

Intant, aktar kmieni tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu Mons. Isqof kellu intervista għal *Super 1 TV* mal-ġurnalista Melanie Magri dwar il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u l-Knisja f'Għawdex.

***Mons. Isqof jagħmel żjara pastorali fuq il-gżira ta' Kemmuna***

Nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju Mons. Isqof Mario Grech għamel l-ewwel żjara pastorali tiegħu fuq il-gżira ta' Kemmuna. Tul din iż-żjara Mons. Isqof żar iż-żewġ familji residenti fuq din il-gżira, il-familja ta' Marija Said u n-nepputija Evanġelista, u l-familja ta' l-aħwa Salvu u Anġlu Vella. Maria Said kellha kliem ta' apprezzament għas-saċerdoti li ta' kull ġimgħa jiċċelebraw l-Ewkaristija fil-kappella ta' Kemmuna. L-aħwa Salvu u Anġlu Vella ħadu ħsieb idawwru lill-E.T. Mons. Isqof mad-diversi siti storiċi li wieħed isib imxerrdin ma' Kemmuna kif ukoll mad-diversi proġetti agrikoli li huma għandhom fil-Wied ta' Kemmuna. Mons. Isqof matul din iż-żjara kien akkumpanjat mir-rettur tal-knisja ta' Kemmuna Dun Karm Xerri, minn ħuh Mons. Lawrenz Xerri u mill-assistent personali ta' Mons. Isqof Dun Eddie Zammit. Mons. Isqof iċċelebra l-Ewkaristija flimkien ma' dawn iż-żewġ familji fil-kappella ta' Kemmuna. Għall-ħin ta' nofsinhar Mons. Isqof kien mistieden għall-pranzu fil-Lukanda Comino.

Aktar tard filgħaxija Mons. Isqof mexxa l-funeral ta' Mons. M'Anġ Apap, Dekan tal-Kolleġġjata tal-Bażilka ta' Marija Bambina, fir-raħal tax-Xagħra.

ALX Custom Computers
Students' Card Accepted
- Computer Systems & Laptops
- Upgrades
- Components & Servicing
- Internet Connection
- Web Design & Flyers

Contact: Alexander Saliba 64, Ta' Said Street Nadur Gozo NDR 103
Mobile: 99864262 Tel: 21555358 Fax: 21556363
Email: alexandersaliba@gmail.com Vat No: 1725 7014

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

# FEHMET IL-QARREJJA

## Lourdes Home - Kif nafha jien

**Inħossu dmir tiegħi u wara li ħadt parir, li permezz tar-rivista tagħkom, insemmi ħidmet is-Sorijiet Dumnikani li għal ħafna snin ilhom imexxu d-Dar ta' Lourdes ta' l-Imġarr Għawdex. Dan l-aħħar ixxandru abbużi, li allegatament saru minnhom, għall-attenzjoni tal-pubbliku permezz tal-programm Bondi+ ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' April.**

*Ili naf qrib lis-sorijiet Dumnikani tad-Dar ta' Lourdes mill-1963 meta kellhom bħala superjura lil Sr. Celina Hili. Wara, naturalment, kien hemm oħrajn. Kien għad hemm biss il-parti l-qadima tad-Dar li fiha s-sorijiet kienu jorqdu f'kuridur twil maqsum f''ċelel' permezz ta' purtiera. F'ieħor kien hemm it-tfal, abbandunati minn ommijiethom xebbiet. Id-dħul finanzjarju tad-Dar kien jiġi minn ġbir ta' xebbiet adulti kull filgħodu f'Bieb il-Belt, minn għotjiet ta' nies ta' qalb tajba u minn ħlas lit-tfal imfarfrin li jakkumpanjaw waqt xi funeral. Jista' jkun li kien hemm xi għotjiet oħra- l-aktar ta' frott u ħxejjex – minn bdiewa għawdxin.*

*Kien ilu jberren f'moħħ is-superjura Hili li trid tkabbar id-dar ta' Lourdes. Il-problema dejjem kienet il-finanzi. Iżda hi qatt ma qatgħet qalbha u erħilha tibgħat l-appelli 'l hawn u 'l hinn, anke barra xtutna, għall-għajnuna. Hija riedet, akkost ta' kull sagrifiċċju, tagħti ħajja u ambjent aħjar lit-tfal abbandunati li kienu taħt il-ħarsien tas-sorijiet. Meta fis-sena 1963, ir-raġel tiegħi Arthur (illum mejjet), u jiena, għamilna konoxxenza ta' din id-Dar, u l-istat li fih – sorijiet u tfal – kienu jgħixu, Arthur, li kien dejjem jgħidli: 'Jiena fil-batut nara wiċċ Kristu', offra l-għajnuna tiegħu lill-Madre li mill-ewwel aċċettat. Billi dak iż-żmien kienet iżżur Malta s-Sixth Fleet Amerikana, huwa għamel kuntatt ma' Ambaxxata Amerikana f'Malta u mbagħad mal-Kappillan Kattoliku tagħhom, u tassew infetaħ bieb is-sema bil-providenza kbira li bdiet tintbagħat lid-Dar ta' Lourdes ma' kull żjara f'Malta. Arthur waqqaf ir-Rose Society b'nies magħrufa Għawdxin, Maltin u barranin residenti f'Għawdex bil-ħsieb li torganizza attivitajiet u tistieden nies membri tagħha biex jgħinu finanzjarjament. U l-ġid malajr beda jidher.*

*Il-wing il-ġdid tad-Dar ta' Lourdes tlesta u beda jitmexxa fuq linji moderni. Inqata' il-ġbir f'Bieb il-Belt u t-tfal mill-funerali u bdiet dieħla wkoll l-għajnuna finanzjarja anke mill-Istat. Kienet għadha skarsa l-idea li s-single mothers iżommu t-tarbija tagħhom u x'aktarx, trabi bħal dawn kienu jingħataw għall-adozzjoni. Billi t-talba ghalihom kienet kbira, ir-Rose Society, bl-approvazzjoni tas-superjura waqqfet kumitat biex jieħu ħsieb it-talbiet għall-adozzjoni. Għall-grazzja ta' Alla minn dak magħruf u mill-feedback li kellna, it-tfal mogħtija għall-addozjoni sabu xortihom ma' koppji li ma setgħux ikollhom tfal naturali tagħhom.*

*Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. It-tfal li għal ċerti raġunijiet ma ngħatawx għall-adozzjoni, kibru u wħud mit-tfajliet iżżewġu wkoll. It-tiġijiet saru fil-kappella ta' l-istess Dar bl-Isqof Nikol Cauchi jamministra s-Sagrament, u r-Rose Society flimkien mas-sorijiet, jaħsbu għar-riċeviment tat-tieġ u għall-honeymoon. Dan kollu bil-għajnuna ta' ħafna benefatturi ġenerużi.*

*Għaliex qed insemmi dan kollu? Żgur li mhux għal xi 'prosit' personali mingħand xi ħadd. Qatt ma stennejnieh. Qed insemmih biex, flimkien ma' nies oħra sinċiera u onesti, nagħti stampa differenti minn dik murija fil-programm Bondi+ li semmejt aktar il-fuq. Tul dan iż-żmien ukoll, Arthur u jiena kellna 5 itfal li riedu jitrabbew minkejja n-negozju privat li kellna u l-ħidma li dħalna għalija tar-Rose Society. Tul il-ħafna snin ta' din il-ħidma konna mmorru Għawdex kull weekend u nqattgħu l-parti l-kbira mix-xhur tas-sajf. Kif wieħed jista' jifhem, ebda ħidma ma ssir billi tfaqqa subgħajk. It-tfal tagħna, hekk kif nirfsu l-Lourdes Home, ma konniex narawhom aktar; ġirja waħda għal ħdejn it-tfal ta' din id-dar li kienu jistennewhom. Kienu jieklu u jorqdu magħhom, iqumu għall-quddiesa u jitolbu magħhom; u aħna naturalment, għaddejjin bil-ħidma tagħna bil-kwiet. Nista' ngħid, li tul dawn is-snin kollha, ħadd u qatt, u nirrepeti, ħadd u qatt, ma qalulna b'xi ħaġa li ma kenitx flokha u li kienet tiġri f'dik id-Dar. Anzi kienu ma jarawx il-mument li jmorru d-Dar ta' Lourdes. Tant it-tfal tagħna kienu jitħalltu kuntenti mat-tfal tad-Dar ta' Lourdes li darba kien hemm koppja (jekk niftakar tajjeb minn xi Ambaxxata) li kienet interessata f' adozzjoni. Dawn xeħtu għajnejhom fuq waħda mit-tfal tagħna, imma s-soru qaltilhom bi tbissima: 'Mela ma jagħtihilkomx is-Sur Barbaro Sant'. Li tkun tħobb it-tfal ma jfissirx li tħallihom jagħmlu li jridu - kif jaf tajjeb kull ġenitur. It-tfal tagħna ma kienux iħobbu s-sorijiet tad-Dar ta' Lourdes għax kienu jħalluhom jagħmlu li jridu. Altru li mhux hekk! Anzi konna ninsistu li jkollhom l-istess trattament. Kienu jħobbuhom għax is-sorijiet kienu jużaw id-dixxiplina magħhom, b'imħabba kbira bħalma kienu jużaw mat-tfal l-oħra ta' l-istess Dar ta' Lourdes. Din hi r-realtà tal-ħajja tad-Dar ta' Lourdes kif esperjenzajniha aħna għal ħafna snin. Naqbel ma' Mons. Isqof Mario Grech u mat-twaqqif tal-kummissjoni biex tanalizza l-allegati akkużi kontra s-sorijiet Dumnikani li mexxew u għadhom imexxu d-Dar ta' Lourdes. Jidhirli, li jekk wieħed ried ikun ġust ma' kulħadd fil-programm Bondi+ ma kellux jintwera biss re-enactment negattiv b'tali mod li d-Dar ta' Lourdes setgħet tat l-impressjoni li kienet xi kamp ta' konċentrament. Kellha tintwera l-imġieba u l-imħabba tas-sorijiet lejn it-tfal. Jiena u nikteb dan qed inġib quddiem għajnejja sorijiet bid-dmugħ f'għajnejhom kull meta tiġi adottata tarbija. Altru li s-sorijiet ma kienux terroristi kif ġew deskritti!*

**Emily Barbaro Sant**
**(Mosta)**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Ħarġa għall-anzjani f'Malta organizzata mill-Kunsill tal-Fontana*



*Fir-ritratt jidher il-grupp fl-Imtaħleb. Is-Sindku ta' Fontana, Saviour Borg jidher is-sitt wieħed mix-xellug, waqt li l-Viċi-Sindku Victor Cefai jidher id-disa' wieħed.*

Il-Kunsill Lokali Fontana, il-Ħamis, 16 ta' Marzu, organizza ħarġa soċjo-kulturali għall-anzjani f'Malta. Fost il-postijiet li żaru kien hemm is-Santwarju ta' San Ġużepp fil-knisja ta' Ġieżu fir-Rabat fejn ħadu sehem f'ċelebrazzjoni ta' quddiesa, il-Monti taż-Żurrieq kif ukoll id-*Day Centre* tal-lokal fejn ġew offruti mill-Kunsill taż-Żurrieq kafè u *snack*. Il-Grupp żar ukoll Wied iż-Żurrieq kif ukoll il-kampanja ta' l-inħawi tar-Rabat fosthom l-Imtaħleb, il-Kunċizzjoni, l-Baħrija, l-Buskett u l-irdumijiet ta' Had-Dingli.

## *Marco Masini fit-Teatru Aurora*



Il-kantant rinomat Taljan Marco Masini ħalla mpatt qawwi ma' dawk kollha li kienu preżenti għaż-żewġ kunċerti li ta dan l-aħħar ġewwa t-Teatru Aurora, nhar il-Ġimgħa 31 ta' Marzu u s-Sibt 1 t'April.

Fir-ritorn tiegħu fi gżiritna wara tnax-il sena, din id-darba ġewwa Għawdex, Marco Masini interpreta diversi kanzunetti mir-ripertorju vast tiegħu, fosthom dawk l-aktar popolari bħal *T'Innamorerai*, *Vai con Lui*, *Le Ragazze Serie*, *Celerentola Innamorata*, *Malinconoia*, *Ti vorrei*, *Ci Vorrebbe il Mare* u *Bella Stronza*. Masini interpreta wkoll kanzunetti mill-aħħar album tiegħu *Il Giardino delle Api* li huwa wkoll l-isem tat-*tour*. Masini kien ukoll kunfidenti mal-pubbliku u deher jieħu pjaċir jaqsam il-ħsibijiet tiegħu ma' dawk preżenti. Masini stqarr li l-kanzunetti li qed jikteb bħalissa jirriflettu l-ħajja tiegħu rikorrenti li hija differenti minn meta kien għadu aktar żagħżugħ. Huwa kompla stqarr mal-pubbliku li sab il-paċi miegħu nnifsu u b'hekk il-kanzunetti li qed jikteb bħalissa jirriflettu dan l-element. Għalhekk il-kantant ma naqasx li jinterpreta kanzunetti riċenti bħal *L'Uomo Volante* li biha kiseb suċċess fil-festival taljan San Remo u *Raccontami di te*.



Il-kantant kien akkumpanjat minn erba' mużiċisti oħra li flimkien ma' dawl mill-isbaħ taw spettaklu ta' sagħtejn ta' mużika taljana li niżlet għasel ma dawk kollha preżenti. Il-pubbliku preżenti wkoll ta s-sehem tiegħu fejn ma qagħadx lura milli jkanta kull meta Masini pponta l-mikrofonu lejn l-udjenza. Masini interpreta ukoll diversi kanzunetti waħdu fuq il-pjanu bħal *Dall' Buio*, *Caro Babbo* u *Malinconoia*.

Il-kantant innifsu rringrazzja lin-numru kbir ta' voluntiera li ħadmu bla heda sabiex dan il-kunċert seta' jkun suċċess. Josef Schembri, kelliem għat-Teatru Aurora qal lil '*il-Hajja f'Għawdex*' "...Il-koordinazzjoni fis-sigurtà, il-programm li kien rispettat sa l-inqas dettall u l-entużjażmu li wera l-pubbliku preżenti kienu verament ta' min ifaħħarhom. Ta' min ifaħħar ukoll il-preżentazzjoni ta' Ivan Filletti fejn flimkien mal-band tiegħu interpretà diversi kanzunetti mir-ripertorju tiegħu. Dan l-avveniment għandu jawgura tajjeb għal dan it-teatru li bir-riżorsi li għandu wera' li huwa kapaċi jtella' kunċerti ta' dan il-kalibru."

## *Jum il-Bizzilla ta' Għawdex*

L-attività annwali "Jum il-Bizzilla" ġiet organizzata għall-għaxar sena konsekuttiva. Din l-attività, li saret nhar il-Ħadd 30 ta' April fiċ-Ċentru ta' Għawdex ta' l-Università ta' Malta, kienet tikkonsisti f'numru ta' esebizzjonijiet ta' xogħol tal-bizzilla, kif ukoll numru ta' diskorsi fuq materji relatati max-xogħol tal-bizzilla.



Preżenti kien hemm Anton Tabone, Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Emeritus Nikol Cauchi, kif ukoll is-Sinjura Consiglia Azzopardi, il-koordinatriċi tal-'*Lace Making Programme*'.

Fid-diskors tagħha, Consiglia Azzopardi tkellmet dwar il-korsijiet tal-bizzilla li qed jiġu offruti kull sena fl-istess ċentru. Hi stqarret li l-ħolma li l-Università toffri kors li jwassal għal diploma fl-istudju tal-bizzilla, issa saret realtà. Fil-fatt l-ewwel kors ta' dan it-tip beda f'Ottubru li għadda b'numru sabiħ ta' studenti. Hi qalet li dan il-kors qed ikopri suġġetti varji bħall-Istorja tal-Arti, l-Istorja tal-Bizzilla f'Malta u fl-Ewropa, l-Aspetti Ekonomiċi tal-Bizzilla, kif ukoll id-Disinn Modern fil-Bizzilla tal-Pajjiżi Ewropej.



Fid-diskors tiegħu, Anton Tabone, faħħar l-inizjattiva tal-Università ta' Malta li tapprova kors li jwassal għal Diploma fl-istudji tal-bizzilla. Hu qal li jinsab kuntent li dan il-kors beda jiġi offrut is-sena l-oħra fiċ-Ċentru ta' Għawdex tal-Università ta' Malta. Hu rrifera għall-bizzilla bħala arti u qal li l-Għawdxin għandhom iħossuhom kburin li din is-sengħa ilha ssir f'Għawdex għal ħafna snin mingħajr interruzzjonijiet. Hu awgura li dan il-kors uniku jiġi mgħolli għall-livell ta' '*degree*'. Fl-aħħar hu feraħ lil dawk l-istudenti kollha li matul is-sena akkademika rnexxielhom ikomplu b'suċċess il-kors fil-bizzilla u li għalih kienu ser jingħataw ċertifikat.

*Fuq: Waħda mill-parteċipanti fil-ġurnata ddedikata lill-bizzilla t'Għawdex.*

*Xellug: Xogħol li kien jagħmel parti mill-wirja tal-bizzilla, mtella' mill-Koperattiva Għawdxija tal-Bizzilla u Artiġjanat.*

*Taħt: L-Isqof Emeritus Mons. Nikol Cauchi, jidher jitkellem waqt iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni taċ-ċertifikati. Jidhru wkoll mix-xellug għal-lemin Ms. Consiglia Azzopardi, l-iSpeaker Anton Tabone u Joseph Calleja, l-Uffiċjal Responsabbli mill-Amministrazzjoni taċ-Ċentru ta' l-Università, fix-Xewkija, Għawdex.*



L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Emeritus Nikol Cauchi għamel diskors interessanti ħafna fuq l-istorja tax-Xirkiet fl-Ewropa kif ukoll fil-gżejjer maltin. Hu fisser kif ix-xirkiet oriġinaw u kif żviluppaw matul iż-żminijiet. Mons. Isqof Cauchi żied jgħid illi llum il-ġurnata l-post tax-xirkiet ġie meħud mill-koperattivi, u ddeskriva l-kontribut siewi li l-koperattivi qed jagħtu lis-soċjetà tal-lum.

L-attività mbagħad kompliet bil-preżentazzjoni taċ-ċertifikati minn Consiglia Azzopardi. Wara, dawk preżenti kienu mistiedna biex iżuru u jipparteċipaw fin-numru ta' esebizzjonijiet mwaqqfa mil-'*Lace Making Programme*', mill-'*International Organisation of Needle and Bobbin Lace*' (OIDFA) u mill-'*Malta Lace Guild*'. Numru ta' stands oħra kienu mtella' mill-Koperattiva Għawdxija tal-Bizzilla u Artiġjanat.

## *Serata Mużiko-Letterarja f'Sannat*



Nhar il-Ħamis 6 t'April, is-Soċjetà Mużikali Santa Margerita bil-kollaborazzjoni ta' l-Arċipriet u l-kleru tal-Parroċċa ta' Sannat ippreżentat lill-pubbliku, Serata Mużiko-Letterarja ġewwa l-knisja parrokkjali ta' l-istess raħal. Taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Mons Isqof Mario Grech, ġew esegwiti xogħlijiet mużikali ta' surmastrijiet u kompożituri diversi fosthom ta' A. Miruzzi (*In Amaritudine*), V.Caruana Spiteri (*Responsori per il Giovedi Santo*) kif ukoll tal-kompożitur ġermaniż G.F. Handel (*Largo*). Inqraw ukoll tliet poeżiji miktuba mill-Papa Ġwanni Pawlu II, Joe Mifsud u Patri Remigio Galea. Indaqqu wkoll sett ta' erba' responsorji tal-Ġimgħa Mqaddsa, kompożizzjoni ta' Vincenzo Caruana Spiteri, miktuba oriġinarjament għall-orgni li ġew strumentati għall-banda mis-Surmast attwali tal-Banda Santa Margerita Mro. Joseph Debrincat. Sa fejn huwa magħruf dawn ir-responsorji nstemgħu għall-ewwel darba propju f'din is-serata. Flimkien mal-Banda ħadu sehem ukoll is-sopran Georgina Gauci u l-Kor *Ulied Margerita*.

## *Imtejjeb is-servizz għall-pazjenti ta' l-Isptar Ġenerali*



*Waqt l-inawgurazzjoni tas-Sistema l-Ġdida ta' l-Ikel fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Jidhru mix-xellug għal-lemin Dr Anthony Livori, 'Medical Superintendent', ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex, il-Ministru Giovanna Debono u Joseph Micallef, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex.*

Is-sistema tat-tqassim ta' l-ikel fis-swali ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex ġiet mibdula kompletament. L-inawgurazzjoni ta' din is-sistema ġdida, magħrufa bħala '*pre-plating system*', saret mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju.

Il-Ministru Debono faħħret lill-amministrazzjoni ta' l-isptar għall-implimentazzjoni ta' diversi tibdiliet neċessarji fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, li jinkludu titjib u modernizzar ta' faċilitajiet u servizzi offruti. Is-sistema l-ġdida ta' tqassim ta' l-ikel issegwi l-inawgurazzjoni riċenti ta' sala ġdida għall-każijiet ġinekoloġiċi u l-immodernizzar tas-sala tal-Maternità u tal-Kwartieri tat-Tobba.

Is-sistema l-ġdida tat-tqassim ta' l-ikel twassal għal mod iktar iġjeniku fil-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' l-ikel, b'riżultat ta' ikel bi kwalità ogħla fit-togħma u fil-preżentazzjoni li jiġi ppreparat mill-kċina ta' l-istess sptar. Is-sistema l-ġdida tippermetti lill-ħaddiema tal-kċina biex jippreparaw l-ikel fi platti separati u ndividwali għal kull pazjent, li jitqiegħdu fuq *trays* apposta li jiġu konservati fi trolleys speċjalizzati li jżommu l-ikel sħun jew kiesaħ skond kif meħtieġ. It-trays imbagħad jitwasslu għand il-pazjenti ndividwali fis-swali, bl-ikel miżmum skond it-temperatura meħtieġa tal-platti separati. Il-proġett ħaseb ukoll għat-taħriġ tal-ħaddiema fi prattiċi moderni marbuta mal-preparazzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-ikel fl-isptar. Il-Ministru Debono qalet li l-investiment li wettaq il-Ministeru għal Għawdex matul dawn l-aħħar seba' snin sabiex jitjiebu s-servizzi tas-saħħa u dawk anċillari qegħdin jinħassu ferm issa, wara li l-Ministeru nvesta fit-titjib tas-swali kollha ta' l-isptar, l-introduzzjoni ta' servizzi ġodda u t-titjib ta' servizzi eżistenti, għalkemm dejjem jibqa' x'wieħed jagħmel. Il-Ministru Debono qalet li l-Ministeru tagħha huwa kommess li jkompli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti kollha li jagħmlu użu mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex.



*Il-Ministru Giovanna Debono u Dr Anthony Livori jitkellmu ma' pazjenti wara l-inawgurazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' l-ikel fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex.*

Il-Ministru Debono fakkret li din is-sistema l-ġdida hija l-unika waħda tat-tip tagħha li hi mifruxa fuq sptar sħiħ tal-Gvern fil-gżejjer Maltin.

## *Għawdex ifakkar id-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropeja*



Fl-okkażjoni tat-Tieni Anniversarju mid-Dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, nhar it-Tnejn fil-għaxija, l-1 ta' Mejju 2006, il-Kumitat Organizzattiv Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ippreżenta lill-Pubbliku Għawdxi, Programm Mużikali fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk), Victoria mill-Banda Ċittadina *La Stella* taħt il-presidenza tal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono li għalih kienu preżenti fost l-oħrajn l-istess Ministru, l-i*Speaker* u s-Sinjura Tabone, is-Sindku tal-Belt Victoria Robert Tabone, il-Membru Parlamentari Frederick Azzopardi u s-Sinjura tiegħu, il-President tal-Festi Nazzjonali Nazju Abela u s-Sinjura tiegħu, iċ-Chairman tal-Kumitat Organizzattiv tal-Kultura Vincent Grech u s-Sinjura tiegħu, Kumitat tal-Banda *La Stella* u bosta Għawdxin.



Il-programm fetaħ bl-Innu lil Għawdex, versi tal-poeta Ġorġ Pisani u mużika tal-Professur Mro Joseph Vella, direttur mużikali tal-Banda *La Stella* li wara għadda biex idderieġa l-Banda f'siltiet minn tliet *musicals*: '*Bossa Nuova*' ta' Harold L. Walters; *Memories from 'Cats'* ta' Andrew L. Weber; u '*Beauty and the Beast*' ta' Menken/Ashman. Wara, il-banda għaddiet biex iddoqq '*Marguerite de Bourgon*' ta' Francesco Gabutti; '*Pavane*' ta' G. Faure'; '*Aria*' ta' Sebastian Bach; u '*Fanfares for an Occasion*' li Mro Vella kien ikkompona fl-okkażjoni ta' għeluq l-għoxrin sena tiegħu bħala Direttur Mużikali tal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat Malta. Dan il-Programm ta' tifkira għalaq bl-Innu tal-Banda *La Stella*, Innu lill-Ewropa u l-Innu Nazzjonali.

## *Wirja ta' Mark Sagona*



Wirja ta' pittura astratta bit-titlu *Visions of Light* ta' l-artist żagħżugħ għawdxi Mark Sagona, ġiet ospitata mill-*art..e gallery* fi Triq il-Librerija, Victoria, bejn il-Ġimgħa 5 u s-26 ta' Mejju. Il-wirja, ir-raba' waħda ta' dan l-artist, kienet tinkludi kwadri maħduma biż-żejt, bl-akrilika jew b'teknika mħallta, li ġew prodotti bejn l-2005 u l-2006. Mal-wirja, l-artist ippubblika katalogu bil-kulur b'kumment kritiku minn Dennis Vella, Kuratur fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, *Heritage Malta*.

*Xellug: L-Artist, Mark Sagona waqt ix-xogħol tiegħu.* ***Lemin:*** *Xogħlijiet ta' pittura ta' Mark Sagona li ġew esebiti., u uħud minn dawk preżenti waqt il-ftuħ tal-Wirja ta' Mark Sagona.*





## *Ix-Xelter tal-Pjazza tax-Xagħra reġa' nfetaħ*



1.



2.



3.



4.

Għaddew sittin sena minn meta x-xelters kollha u dak ta' Pjazza l-Vitorja x-Xagħra Għawdex kienu jintużaw fl-ewwel snin tat-Tieni Gwerra Dinjija ta' l-1941-1943. Għaż-żgħażagħ u t-tfal tal-lum ix-xelter hu biss parti mill-istorja, fil-waqt li għall-anzjani kien il-kenn imħaffer fil-blat taħt l-art biex jilqa' għall-attakki qawwija bil-bombi ta' l-għadu. Mons. Carmelo Refalo Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra ġietu l-idea sabiħa u oriġinali li jiżviluppa dan ix-xelter li fuq medda ta' 80 metru fih labirint b'mogħdijiet dojoq u kmamar żgħar fil-ġnub imħaffra fil-blat. Il-festi ta' l-Għid (2006) kienu fil-qrib u xtaq li tintrama wirja ta' l-okkażjoni propju hemm. Bdew l-ewwel kuntatti mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra u s-Sindku Joe Spiteri offrielu appoġġ sħiħ u kienu lesti jibdew ix-xogħol malli d-Dipartiment ta' l-Artijiet joħroġ il-permessi meħtieġa.

F'qasir żmien beda x-xogħol b'ħeġġa kbira u entużjażmu liema bħalu mis-sagristan Ġanni Attard u l-grupp ta' żgħażagħ li jaħdmu miegħu. Sar it-tindif meħtieġ u x-xelter ġie mdawwal kif jitolbu ż-żminijiet tal-lum u wkoll b'xi msiebaħ biex inħolqot atmosfera ta' dwal u kuluri li tpaxxi l-għajn. Dun Joseph Bajada mżejjen b'sens kbir artistiku ħa ħsieb jiddisinja u jqassam il-wirja, fil-waqt li l-Kanonku Dun Anton Refalo flimkien ma' xi żgħażagħ ikkoordina x-xogħol ta' simboli tal-Passjoni b'materjal addattat u arranġamenti bil-fjuri. Ħaġa ta' l-għaġeb fi żmien ġimgħatejn ittellgħet wirja straordinarja ta' 14 il-kwadru u xeni mill-Passjoni u l-Qawmien ta' Ġesù Kristu.

Natalina Sultana, l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Parroċċa Marija Bambina, qalet lil '*il-Ħajja f'Għawdex*' "..Ix-xelter tal-Pjazza l-Vitorja reġa' ħa l-ħajja. Sar attrazzjoni mill-aqwa mhux biss għan-nies tax-Xagħra imma wkoll għal madwar 3000 ruħ inklużi turisti li niżlu jżuruh. Kulħadd kellu kliem ta' tifħir li għalkemm ma kienitx biċċa xogħol ħafifa, l-għaqda u l-ħeġġa ssarrfu fi proġett li għamel unur lil kull min kien involut. Żgur li din l-attività mhux ser tkun l-ewwel u l-aħħar. Ix-xelter inbidel f'ġawhra oħra biex iżid ma' dawk l-attrazzjonijiet naturali u oħrajn frott idejn il-ħaddiem..."





8.



7.

*Ritratti: Simboli tal-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu, fil-wirja straordinarja, fix-Xelter ta' Pjazza l-Vitorja, ix-Xagħra (iddur skond l-arloġġ minn fuq nett): Il-kalċi tas-Sagrifiċċju; L-aħħar Ċena; Pietru jiċħad lil Ġesù; Effetti tad-dawl fix-xelter...Dehra ta' Kristu Ħaj; It-tgħalliq ta' Ġuda; Il-kolonna tal-flaġellazzjoni; Id-Difna; It-Tislib.*



6.



5.

## *Wirja Artistika "50 Sena fil-Katidral"*



"50 Sena fil-Katidral" hija t-tema ta' wirja artistika li ttellgħet mill-Knisja Katidrali t'Għawdex, bejn il-Ġimgħa 21 t'April u l-Ġimgħa 5 ta' Mejju, fis-Sala ta' l-Esebizzjonijiet tal-Ministeru għal Għawdex, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-għoti ta' l-Istatwa ta' Santa Marija mis-Soċjetà Filarmonika *Leone* lill-Katidral.



Il-wirja ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u tbierket mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Għawdxija, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci.

Fost ix-xogħol esebit, wieħed seta' jara skultura fl-injam taż-żebbuġ bi stil semi figurattiv, li jirrappreżenta t-tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissima, xogħol Mario Agius mix-Xagħra; Santa Marija, pittura biż-żejt fuq it-tila, li tinsab fil-każin tas-Soċjetà Leone u buzzett għall-kupletta tal-Katidral li tirrappreżenta l-għoti ta' l-istatwa ta' Santa Marija lil Katidral mis-Soċjetà Filarmonika Leone fl-1956, xogħol tal-magħruf pittur Għawdxi l-Kavallier Paul Camilleri Cauchi; Nostrum Matris, pittura, żejt fuq it-tila, xogħol ta' Paul Falzon, pittura sempliċi u ċara li turi l-faċċata tal-Katidral t'Għawdex u fuqha tidher b'mod majestuż minn ġos-sħab l-Verġni Imbierka. Il-kompożizzjoni hija bilanċjata minn żewġ forom ta' ċrieki opposti li jidhru fil-parti ta' fuq tal-faċċata tal-Katidral. Il-paletta hija karatterizzata minn ħafna tonalitajiet ta' blu u kuluri ċari oħra. Paul Farrugia kellu għall-wiri Santa Marija u Kopja tal-kwadru titulari tal-Katidral, xogħol ta' żejt fuq it-tila. John Grima esebixxa kwadru, żejt fuq it-tila, l-Assunta. Waqt li Anthony P. Vella esebixxa '*Maria Porta del Cielo*' *Basso riglievo, mixed media*. Il-linji ta' fuq ix-xellug ta' din il-pittura ta' Vella, jirrappreżentaw it-taraġ tal-katidral u fl-istess ħin it-taraġ tal-ħajja tagħna. Il-kuluri jirrappreżentaw l-intervent divin u l-preżenza ta' Marija fostna li tidderiġina fit-triq it-tajba. Il-vjola hu l-mistennija tat-trasformazzjoni *terrene*. Il-parti tonda ta' fuq il-lemin isfel tirrappreżenta l-ġuf ta' Marija li reġgħet welldet id-dinja, lilna lkoll mill-ġdid. Marija hi l-omm tagħna u l-bieb tal-ġenna, liema bieb hu rappreżentat bil-katidral fejn il-pubbliku jinġabar. Xogħol ieħor kien dak ta' Nicolette Vella mir-Rabat, Għawdex, bl-isem ta' '*Mater Contemporanea*', żejt fuq it-tila, b'tifsira ta' l-Assunzjoni ta' Marija ppreżentata minn katina tad-divinità. Il-katina li hija ta' forma kwadrata tifforma l-ġisem tal-Omm.







Wieħed seta' jifli wkoll Statwa ta' Santa Marija li nġabet mill-*Fabbrica di Statue Religiose* ta' Francesco Rosa f'Ruma, l-istess fabbrika mnejn inġabet l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fil-Katidral. Matthew Kassar esebixxa 'Iċ-Ċittadella u l-Katidral' '*acyrlic u collage*' ta' gazzetti u ġibs. Ġie esebit ukoll abbozz għall-kwadru titulari tal-Katidral (1791) ta' Michele Busuttil. Ma naqsux ukoll xogħlijiet ta' pittura ta' diversi personalitajiet magħrufa, fosthom ta' Henry Alamango; Victor Agius; Dunstan Hamilton; Patricia Hamilton; Louis Rengee'; Joseph Sagona u Mary Rose Saliba.



*1) L-Assunta ta' John Grima 2) L-Assunzjoni tal-Verġni Marija ta' Joseph Sagona 3) Maria Porta del Cielo ta' Anthony P. Vella 4) L-Istatwa ta' Santa Marija u Abbozz 5) Iċ-Ċittadella u l-Katidral, xogħol ta' Matthew Kassar 6) Kopja tal-Kwadru titulari tal-Katidral, xogħol ta' Paul Farrugia*

## *Wirja Artistika dwar il-Festa ta' San Ġorġ*

Bħala parti minn ċelebrazzjonijiet li saru fil-Belt Victoria fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ Martri u li kienu jilħqu l-qofol tagħhom nhar it-Tnejn 24 t'April, fil-kumpless tal-każin u l-*foyer* spazjuż tat-Teatru Astra, f'Victoria, nhar il-Ħamis 20 ta' April, ġiet inawgurata uffiċjalment wirja artistika u dokumentattiva li l-fergħa tal-armar fi ħdan is-Soċjetà *La Stella* ppreparat.

Iċ-ċerimonja fetħet b'messaġġ ta' l-okkażjoni mill-President tas-Soċjetà l-Avukat Joseph Grech, fejn irringrazzja lil dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazzjoni ta' din il-wirja. Huwa stqarr li l-oġġetti esebiti juru kemm verament is-Soċjetà *La Stella* għandha sabiex tiftaħar u tkun kburija b'dan il-patrimonju artistiku kollu. Mhux ta'



*Waqt l-inawgurazzjoni tal-Wirja fit-Teatru Astra. Jidhru mix-xellug għal-lemin, il-President tas-Soċjetà La Stella, l-Avukat Joseph Grech, Mons. Isqof Mario Grech , l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Mons. Dr. Joseph Farrugia u d-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, l-Arcipriet Emeritus Mons. Salv. Borg.*

b'xejn, kompla jgħid il-President Dr Grech li l-festa ta' San Ġorġ tiġbed lejha eluf kbar ta' nies minn kull rokna tal-gżejjer Maltin sabiex dawn imbagħad jitpaxxew u jammiraw dak kollu li jkun armat fil-pjazez u t-triqat tal-Belt Victoria matul il-jiem tal-festa Ġorġjana f'Lulju. Wara dan id-diskors, l-Isqof Mario Grech għamel ukoll messaġġ qasir ta' l-okkażjoni u wara talba flimkien mal-mistednin bierek il-wirja. Preżenti kien hemm ukoll l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, is-sur Anton Tabone, is-Sindku tal-Belt Victoria s-sur Robert Tabone, l-Arċipriet ta' San Ġorġ Mons. Dr. Joseph Farrugia, membri tal-Kumitat Ġenerali u bandisti fi ħdan is-Soċjetà *La Stella* u bosta mistednin, ammiraturi u partitarji tas-Soċjetà *La Stella*. L-esebizzjoni baqgħet miftuħa sa nhar is-Sibt 29 ta' April.



*Strumenti wżati minn bandisti tas-Soċjetà La Stella fi snin imgħoddija, esebiti fil-Wirja.*

## L-Assoċjazzjoni ta' l-NGOs tiltaqa' ma' l-Isqof Grech



Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet mhux governattivi għawdxin kellu l-ewwel laqgħa uffiċjali ma' Mons Isqof Mario Grech fl-uffiċċju tiegħu l-Kurja Djoċesana, nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju, filgħodu. Spjegawlu l-oġġettivi ta' l-Assoċjazzjoni u l-varjetà ta' membri li hemm fiha. Ingħata kopja ta' l-istatut u ta' xi materjal ieħor. Saret diskussjoni fit-tul dwar is-servizzi mogħtija u x'tip ta' kollaborazzjoni jista' jkun hemm. Anki ssemmiet l-idea ta' "Jum il-Volontarjat".

It-8 membri tal-Kunsill li setgħu jattendu (mit-tliet Gruppi ta' l-Assoċjazzjoni kienu (rispettivament): Mario Saliba (Viċi President), George Pace (Koordinatur Sports), Antoine Vassallo (President), Kevin Cutajar (PRO), (l-Isqof Grech), Giovanni Zammit (Kaxxier), Prof John Pace (Koordinatur Filantropija), Dun Ġorġ Borg (Segretarju) u Carmel Ballucci (Segretarju responsabbli mill-Membri).

## Wirja ta' l-arti ta' Andrew Diacono



"Andrew Diacono: *painting – sculptures*" hija l-isem ta' wirja ta' arti li ttellgħet fil-gallerija *art..e* li tinsab fil-Belt Victoria, bejn is-Sibt 8 t'April u l-Ħamis 4 ta' Mejju. Għalkemm din hija l-ewwel darba li Andrew Diacono wera x-xogħlijiet tiegħu f'Għawdex, nistgħu bil-kumdità ngħidu li Andrew Diacono huwa magħruf sewwa ma' dawk li jħobbu l-arti. Diacono jiġi t-tifel tal-artist Victor Diacono u għalhekk wieħed jaħseb li Andrew huwa iktar miġbud lejn l-iskultura. Imma Andrew hu artist komplet u mix-xogħlijiet tiegħu juri li ma jsibx diffikultà li jesprimi ruħu kemm permezz ta' pittura kif ukoll ta' xogħlijiet ta' skultura. F'xi każi l-artist għandu l-ħabta li joħloq ix-xogħlijiet tiegħu minn diversi oġġetti li jistgħu jkunu ntremew minn ħaddieħor, imma Diacono b'kapaċità jibdilhom f'oġġetti ta' l-arti.

L-idjoma li juża Diacono ntgħażlu minn artisti oħra billi kemm fix-xogħlijiet ta' skultura kif ukoll fil-kwadri tiegħu Diacono jagħtihom dik il-ħaġa partikulari li meta wieħed jarahom mill-ewwel jinduna li ħarġu minn id dan l-artist.



Bix-xogħlijiet tiegħu, Andrew Diacono jaf imiss is-sentimenti ta' dawk li jkunu jħarsu lejn il-kwadri jew l-iskultura tiegħu. Huwa diffiċli li wieħed jgħid taħt liema kategorija ta' arti jaqa' l-artist għax Andrew hu kapaċi li jkun satiriku, jew forsi *naïve* kif ukoll serju. Imma ħaġa waħda hi ċerta: ix-xogħlijiet tiegħu jintgħoġbu kważi minn kulħadd. L-artist hu kapaċi juża diversi medja differenti biex joħloq ix-xogħlijiet tiegħu: *stucco* għall-'*bas-relief*', injam għal skultura, diversi tipi ta' metall biex jiwweldjahom flimkien għal meta jkun irid joħloq xi figura, kif ukoll xemgħa biex jagħmel forom li mbagħad fl-aħħar isiru bronż.

Fil-wirja, Andrew wera xogħlijiet ġodda li huwa għamel f'dawn l-aħħar xhur. F'dawn ix-xogħlijiet l-artist wera l-aħħar fażi tal-iżvilupp artistiku li huwa wasal fih. Fil-fatt, l-artist iktar iħossu komdu artistikament meta jikkreja x-xogħlijiet tiegħu mingħajr ir-restrizzjonijiet li jkunu mposti fuqu meta jingħata xi kummissjoni.



Ix-xogħlijiet tiegħu, għalkemm magħmula fi stili differenti, għandhom xorta l-ħila li jmissu r-ruħ ta' dawk li jarawhom u jkebbsu fihom emozzjonijiet differenti. Dan għaliex ix-xogħlijiet ta' Diacono huma mimlija umanità u l-personaġġi tiegħu, l-iktar fil-biċċiet ta' skultura, jfakkruk b'mod umoristiku f'xi persuna l'inti tkun taf jew li tkun iltqajt magħha. Għall-artist ma hemm xejn aktar li jagħtih gost milli meta jara li l-krejazzjonijiet tiegħu jidħlu fil-qalb ta' dawk li jħobbu l-arti. F'Malta Andrew diġà tella' diversi wirjiet, infatti dan l-artist dejjem intlaqa' tajjeb mill-pubbliku li jħobb l-arti u x-xogħlijiet tiegħu jinsabu f'kollezzjonijiet kemm f'Malta kif ukoll f'diversi pajjiżi barra minn Malta. Ta' min wieħed isemmi li dan l-aħħar Andrew Diacono kien imqabbad biex jagħmel skultura kbira għall-lukanda Le Meredien li fetħet fil-bajja tal-Balluta.

*art..e gallery* tinsab 1, Triq il-Librerija, ir-Rabat, Għawdex, ftit passi 'l bogħod minn Pjazza Santu Wistin, kważi fil-qalba tar-Rabat.

## *Ktieb Ġdid dwar San Ġorġ Martri*




Fl-okkażjoni ta' l-ewwel Ħamis ta' San Ġorġ, nhar il-11 ta' Mejju, fil-Bażilika ddedikata lilu sar Pontifikal Sollenni mmexxi mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex flimkien mal-Kapitlu Ġorġjan. Il-knisja kienet imżejna għal din l-okkażjoni fejn nies minn kull rokna tal-Belt Victoria ħonqu l-knisja ta' San Ġorġ għal din il-quddiesa. Wara l-Pontifikal Dun Ġużepp Gauci offra ktieb ġdid lill-pubbliku preżenti, '*Il-Prinċep tal-Martri,*' xogħol letterarju li jittratta lil dan il-qaddis. Flimkien ma' din l-okkażjoni Dun Ġużepp irregala kalċi li kien ingħata lilu stess mill-familjarji ta' l-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Ġużeppi Pace. Wara din il-preżentazzjoni l-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Grech flimkien mal-kapitlu Ġorġjan u diversi uffiċjali fit-tmexxija tas-Soċjetà *La Stella* ġew mistednin sabiex jattendu għal bibita ta' l-okkażjoni.



***Fuq:*** *Dun Ġużepp Gauci jidher jippreżenta kopja tal-Ktieb tiegħu 'Il-Prinċep tal-Martri' lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech.* ***Lemin:*** *Il-kopertina tal-Ktieb 'Il-Prinċep tal-Martri'*

## *L-Awtorità Marittma ta' Malta tħabbar tmiem l-ewwel fażi tal-Proġett tat-Terminals*



*Waqt il-Konferenza ta' l-aħbarijiet fl-Mġarr.*

L-Awtorità Marittma ta' Malta nhar l-Erbgħa 12 ta' April, 2006, ħabbret li Fażi A tal-proġett tat-*terminals* fl-Imġarr tlestiet fil-ħin hekk li eluf ta' vetturi u passiġġieri kienu mistennija jaqsmu bejn Malta u Għawdex matul il-festi ta' l-Għid. Waqt żjara għall-ġurnalisti fit-*terminal* ta' l-Imġarr, il-ġurnalisti ġew indirizzati mill-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, il-Perit Ċensu Galea, mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u miċ-Chairman ta' l-Awtorità Marittma ta' Malta, Dr Marc Bonello.

Huwa u jindirizza lill-ġurnalisti, iċ-*Chairman* ta' l-MMA Dr Marc Bonello qal "aħna kuntenti li qed inħabbru li Fażi A ta' dan il-proġett tlestiet fiż-żmien kif kien ippjanat, u mal-grad is-serje ta' diffikultajiet li nqalgħu matul ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-port ta' l-Imġarr, b'mod partikolari minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena fit-temp matul dawn l-aħħar xhur tax-xitwa. Dan wassal biex intilfu ħafna ġranet ta' xogħol li għalihom kellhom ipattu kemm il-kuntrattur kif ukoll it-tim maniġerjali ta' l-Awtorità Marittma ta' Malta".

Fażi A fl-Imġarr kienet tinvolvi l-bini ta' parkeġġ għall-vetturi taħt l-art, il-bini u t-tlestija (inklużi s-servizzi) tal-*marshalling area*, il-bini ta' rampi ġodda u ta' triq li minn ġol-vapur twassal għad-daħla tal-port, kif ukoll il-bini ta' *sub-station* u *switch room*. Dr Bonello ħabbar ukoll li fil-ġranet li ġejjin, il-*marshalling area* l-ġdida u l-parkeġġ il-ġdid se jgħaddu f'idejn il-*Gozo Channel,* u wara dan, ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet fuq Fażi B tal-proġett. Ix-xogħlijiet fuq Fażi B jinkludu l-bini ta' *gangways* fuq Moll numru 1 u Moll numru 2, il-bini tat-*Terminal* innifsu u x-xogħol fuq it-toroq relatati mat-*terminal*, kif ukoll ix-xogħlijiet finali fuq ir-rampa numru 2. Minn żmien l-Għid 2006, l-operat kollu tal-vapuri beda jitħaddem minn *Berth 1.*

Fid-diskors tiegħu, il-Ministru Ċensu Galea esprima s-sodisfazzjon tiegħu għar-rata ta' progress li biha mexa' x-xogħol ukoll meta kien hemm ħafna problemi loġistiċi involuti. "Aħna konxji miċ-ċokon tal-port ta' l-Imġarr u minħabba n-natura tax-xogħlijiet li qed isiru, l-akbar sfida se tibqa' dik li nħarsu s-sigurtà fl-operat tas-servizz tal-vapuri fl-istess ħin li jkun għaddej ix-xogħol ta' kostruzzjoni. Fil-fatt, il-proġett kollu kien ippjanat u qed ikun



*Dehra ta' Fażi A tal-Proġett tat-Terminals fl-Imġarr.*

implimentat speċifikament f'fażijiet differenti sabiex niżguraw li dawn l-għanijiet jintlaħqu żgur. Tabilħaqq, waħda mill-indikazzjonijiet tas-suċċess f'dan il-proġett huwa l-fatt li għalkemm iltqajna ma' ċerti problemi, dawn ma kellhom l-ebda effett fuq l-iskeda tas-servizz tal-vapuri".

Il-Ministru Giovanna Debono kellha kliem ta' tifħir għall-Awtorità Marittma ta' Malta għax-xogħlijiet li tlestew s'issa u esprimiet is-sodisfazzjon tagħha li Għawdex issa jista' jiftaħar b'terminal modern li se jkun kapaċi jilqa' għall-bżonnijiet varji tal-komunità għawdxija u ta' dawk kollha li jżuru l'Għawdex, se jżid il-faċilitajiet li jkabbru l-aċċessibbiltà tal-gżira ma' Malta u b'hekk, lil hinn. Il-Ministru Debono qalet li t-tlestija ta' Fażi A tal-proġett fl-Imġarr u x-xogħlijiet li se jitkomplew bħala parti minn Fażi B jikkumplimentaw ix-xogħlijiet infrastrutturali li se jitwettqu f'Għawdex f'diversi lokalitajiet fix-xhur li ġejjin sabiex itejbu lil Għawdex bħala destinazzjoni turistika.

Il-Ministru Debono qalet li qed isir sforz kollettiv, immexxi mill-Ministru għal Għawdex iżda li jinvolvi wkoll is-sehem ta' imsieħba differenti fosthom l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu Għawdxija, l-Awtorità Marittma ta' Malta u oħrajn, sabiex ikunu mmoniterjati u mtejba s-servizzi u l-faċilitajiet li Għawdex għandu x'joffri kemm lill-popolazzjoni lokali u dik barranija li jżur lil gżira. Il-Ministru Debono rreferiet għal għadd ta' proġetti ewlenin li qed isiru f'Għawdex bħalissa u li għandhom effett dirett fuq l-industrija tat-turiżmu f'Għawdex fosthom il-bini mill-ġdid tat-triq li mir-Rabat twassal għal San Lawrenz u li warajha se jsiru t-toroq ta' l-Imġarr, tax-Xlendi u tar-Ramla; il-proġett ta' d-*decompression chamber* għall-industrija tat-turiżmu ta' l-għaddasa; u t-twaqqif ta' faċilità moderna għat-taħriġ fl-industrija tat-turiżmu.

## *Emigranti Kanadiżi ma' l-Isqof Grech*



Fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-*Malta Canadian Association* membri tal-Kumitat Eżekuttiv flimkien ma' membri oħra, immexxija mill-President tas-Soċjetà Joe Zammit, nhar it-Tlieta 25 t'April, għamlu żjara ta' kortesija lill-Isqof Mario Grech, fil-Kurja Djoċesana, Victoria.

Joe Zammit f'kelmtejn ta' introduzzjoni semma l-ħidma u l-għan ta' din l-assoċjazzjoni fejn wieħed mill-punti li issemma kien il-ħsieb li jibda l-proċess sabiex iwasslu lill-awtoritajiet kanadiżi ġewwa Ottawa l-għajta ta' dawk l-ulied ta' emigranti li fl-età ta' 18 il-sena kellhom jagħmlu għażla f'dik li hija ċittadinanza, u qabel ma f'Malta daħal l-att taċ-ċittadinanza doppja, ħafna minn dawn l-istess ulied tilfu ċ-ċittadinanza ta' art twelidhom, il-Canada. F'kelmtejn, Mons. Isqof, faħħar lil dan il-grupp tal-MCA u awguralhom ħidma kontinwa. Issuġġerilhom li jkunu eżemplari għal Emigranti l-oħra li jiġu lura jew biex jissetiljaw jew inkella bħala vista. Huwa wera x-xewqa li Għawdex tinħoloq bħal *hubb* ta' xi post li jiġbor fiha viżitaturi emigranti u oħrajn li jkunu jridu jattendu għal xi jiem jew ġranet ta' riflessjonijiet bħal irtiri.

Lejn tmiem il-laqgħa, is-segretarju tal-assoċjazzjoni s-Sur Alfred Camilleri, ippreżenta rigal żgħir li kien jikkonsisti f'sett ta' muniti kanadiżi.






Kummentarju (1)

# Għal turiżmu iktar sod f'Għawdex



## Int u jien x'nistgħu nagħmlu?

minn EUCHAR MIZZI

**Mill-Indipendenza 'l hawn, l-ekonomija ta' pajjiżna kellha tiddiversifika ruħha, l-aktar wara l-għeluq tal-Bażi Ingliża li b'mod dirett jew indirett kienet il-mezz ewlieni tal-għixien ta' eluf ta' familji Maltin u anke Għawdxin. Barra minn hekk l-agrikultura li dak iż-żmien kienet ukoll pilastru ieħor tal-ekonomija għawdxija, bdiet tidher anqas attraenti mal-ġenerazzjoni żagħżugħa li kienet tielgħa fostna. Dakinhar pajjiżna beda jiftaħ il-bibien tiegħu għall-industrija tat-turiżmu li baqgħet dejjem tikber u żżid fil-potenzjal tagħha.**

Ilkoll rajna l-iżviluppi kbar li saru f'din l-industrija sew mill-istat kif ukoll mill-privat u nafu wkoll x'hemm fil-*pipe line* sew mill-istat u xi ftit, nafu wkoll x'hemm fil-privat. Smajna anke bil-proġetti validi u ta' fejda li ser jitwettqu bil-għajnuna tal-Unjoni Ewropeja. **Veru li għad fadal ħafna x'isir. Pero' jien u int ser noqogħdu gallerija, b'idejna fuq żaqqna, ngħidu x'għandu jagħmel ħaddieħor biss, mingħajr ma nbillu subgħajna għall-ilma imbierek, fejn jidħlu dmirijietna?**

Biex inkompli ma' dak li kiteb tajjeb ħafna l-Editur ta' din ir-rivista fl-aħħar editorjal tiegħu, ejjew naqsmu flimkien dawn il-ftit ħsibijiet u naraw kemm għandna verament nagħtu s-sehem tagħna għal turiżmu aktar promettenti u sod.

- Nibda bl-aktar ħaġa elementari u li għandha importanza enormi. L- indafa 'l barra mill-bibien tad-djar tagħna, (mill-bieb 'il ġewwa kulħadd nadif jew kważi). It-toroq tagħna, l-widien tagħna, l-kampanja u x-xtajtiet tagħna, qegħdin inżommuhom nodfa? **L-iskart li niġġeneraw int u jien, qegħdin niddepożitawh fil-kontenituri tal-iskart**, jew fejn m'hemmx neħduh lura magħna d-dar biex narmuh mal-iskart l-ieħor tad-dar tagħna? Jew wara l-BBQ, qed inħallu miżbla warajna fuq ix-xtajta?
- **Ix-xufiera tal-*buses* u tat-*taxis*, qegħdin ikunu edukati biżżejjed fl-imġieba, liebsa pulit, professjonali u jiċċarġjaw prezz ġust lit-turist li jżurna?** Jew qed jilbsu ħwejjeġ kultant aktar adattati għal ġor-raba' milli għal mat-turisti? Huma professjonali xejn fl-ispjega li jagħtu lit-turisti dwar il-postijiet li jeħduhom jaraw? Inqisu xejn li dawn meta jmorru lura jistgħu jibagħtulna aktar turisti, daqs kemm jistgħu jgerxulna nies milli jiġu fostna?
- **Il-*bars* u *restaurants*, qegħdin joffru servizz ta' kwalità skond il-klassifika ta' l-istabbiliment tagħhom, jew 'ejja suq u mexxi'? Il-prezzijiet huma l-istess għal kulħadd?** Jew Għawdxi





niċċarġjaħ mod (għax nafu u jafni), Malti mod ieħor u frustier mod '*extra*'?

- Għadna magħrufa bħala poplu dħuli u kumplimentuż, jew m'għadx fadlilna ħin u paċenzja? **Għadna nagħtu servizz bi tbissima, jew qisna 'sid il-kera'?** Meta xi ħadd isaqsina xi domanda, qegħdin nuruh id-direzzjoni bl-aktar mod ċar u possibbilment faċli, jew naqtgħu fil-qasir, jekk ukoll ma nagħtuhx direzzjoni ħażina?
- **Qegħdin nosservaw is-serenità u t-trankwillità għat-turist li jiġi fostna għall-mistrieħ?** Jew nibdew minn kmieni fil-għodu nagħmlu l-istorbju bid-daqq tal-moti, sparar tal-murtali, *horns* tal-*hawkers* fit-toroq, tal-gass jitfa' ċ-ċilindri b'tisbita minn u għal fuq it-trakk, tal-*jack hammer* li jibda jkissirlek rasek minn sbieħ il-jum? **Il-privatezza tat-turist qegħda tiġi rrispettata?** Jew 'innemsulu' fuq ix-xtajtiet u ndejquh bil-fittagħni tagħna?
- Anke **il-manjieri tagħna mat-turist** jilagħbu parti importanti u jistgħu jħallu mpatt pożittiv jew negattiv fuqu, skond kif naġixxu. Kliem żorr, pastaż jew doppju sens; ċajt goff u twerżiq bla sens; argumenti u ġlied fit-toroq jew fil-pjazez bejn ġirien... Storbju eżaġerat fil-festi tagħna; għajjat, tgħajjir jew ħniżrijiet li xejn ma' jixirqu lil poplu nisrani; sokor jew ilbies imċerċer (kważi għarwenin) fil-marċijiet..... dawn jagħmlulna ġieħ u unur bħala poplu ċivilizzat?

Niftehmu, jien bl-ebda mod ma rrid niġġeneralizza, anzi naf ħafna u ħafna nies f'dan is-settur li verament huma serji, onesti u professjonali fil-veru sens tal-kelma. Pero' diżgrazzjatament, jeżistu anke oħrajn li l-imġieba tagħhom hija ta' detriment għal din l-industrija li hija, biex ngħid hekk, l-għixien ta' numru kbir ta' Għawdxin. Għax mat-turist igawdi kulħadd. Dan jgħodd kemm għat-turist barrani, kif ukoll għat-turist Malti li ma naħsibx li nkun niżbalja jekk ngħid li dan huwa l-aħjar u l-aqwa turist għalina l-Għawdxin, almenu kummerċjalment żgur.

**Mela jixraq u jaqbel li nagħmlu l-almu tagħna kollu biex nagħmlu l-parti tagħna bl-aħjar abiltà possibbli u nikkoreġu bil-kalma u l-karità kollha lil min narawh qed jiżbalja u nfehmuh li bl-aġir tiegħu qed jagħmel ħsara lil dan is-settur, fejn aktarx li uħud minn dawk li ser ibatu l-konsegwenzi huwa hu stess jew familjari tiegħu jew tagħha. Niftakru x'jgħid il-proverbju malti, "Iddardarx dik il-għajn li trid tixrob minnha!!". Jekk ilkoll inkunu responsabbli, nibqgħu ċerti li jkollna riżultati aħjar fl-industrija tat-turiżmu fi gżiritna.**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt



*Kummentarju (2)*

## Imdawrin bil-Qawwa tal-Media:

# DMIRNA LEJN REALTAJIET IMMA B'VALURI KRISTJANI

*minn Mons. Salv Grima*

L-eżistenza umana tħaddan u tħabbat wiċċha ma' għadd kbir ta' realtajiet fosthom bħala eżempju, għandna l-istess ħajja, is-sesswalità, il-karità, is-sofferenza u l-bqija.

Hu minnu li ħafna realtajiet umani jistgħu jiġu meqjusa bħala valuri fihom infushom, irrespettivament mit-twemmin imħaddan jew mill-kulturi mtellgħin fihom.

Dan ifisser li mhux kulħadd jarahom bl-istess nuċċali, għax għal x'uħud għandhom tifsira differenti, mil-lenti soċjali biss, b'fehmiet opposti u jistgħu jkunu saħansitra negattivi. Mhux bilfors ħtija tagħhom u ta' kulħadd.

Fejn jiddomina l-egoiżmu, l-intransiġenza u kull xorta ta' ebusija rigward il-verità, jekk mhux ukoll is-sens ta' ftaħir, pika, paraguni, ilkoll elementi bogħod sewwa mill-ispirtu kristjan, dejjem irid jibqa' min għandu l-kuraġġ isemma' leħnu, 'il fuq minn kull leħen ieħor, anki jekk mhux kulħadd lest li jagħtih widen għal dak li jingħad.

Ninsabu f'soċjetà li għadha fil-biċċa l-kbira tagħha tagħraf tagħmel għażla fejn hu ta' siwi u fejn mhux. Għalhekk jibqa' dmir pubbliku u kostanti li jitħarsu dawn ir-realtajiet, iktar u iktar meta jitqiesu bħala valuri li għandhom rabta ma' trobbija u kultura nisranija, bħalma hi dik maltija.

Żewġ pubblikazzjonijiet reċenti ta' natura reliġjuża u li ngħataw ċerta pubbliċità huma l-Enċiklika "Alla hu Mħabba" tal-Papa Benedittu XVI u "Ħalluni Mmur" fejn diversi kittieba qasmu magħna l-esperjenzi li kellhom dwar is-sofferenza u t-tbatija li għadda minnhom il-Papa Ġwanni Pawlu II. Jitkellmu ċar kemm hemm bżonn li r-realtajiet fuq imsemmija għandhom jitwasslu msaħħin fit-tifsira propja tagħhom.

Bħala temi u realtajiet umani, il-ħajja u s-sesswalità, it-tbatija u l-opri ta' karità, għandhom ħafna x'jitnaddaf fihom ħalli jitlibbsu l-valur li jixirqilhom anki fi ħdan is-soċjetà tagħna.

Iktar minn kull xorta ta' raġunar ieħor, huwa fid-dawl ta' Kristu li niskopru l-ogħla tifsira li tagħmel ġieħ lil kull kategorija. Fil-fatt huma suġġetti li l-mezzi tax-xandir spiss jittrattawhom u jesponuhom għar-riflessjoni u l-fehmiet tagħna. Hu servizz utli li jistħoqqlu l-apprezzament mixtieq.

Min-naħa l-oħra hija ħasra li sezzjoni mill-medja bi programmi li jilħqu l-massa tat-telespettaturi ma timpenjax ruħha dejjem u biżżejjed fid-direzzjoni t-tajba biex tesponi dawn il-valuri kif l-iktar jixirqu lill-bniedem li għad għandu l-għażla ta' Kristu f'ħajtu.

Biex jiġu akkomodati l-aspettattivi ta' xi preżentaturi televiżivi b'tendenzi liberali, ftit jitħalla spazju għal fehmiet ta' xeħta u qawwa kristjana. Bl-iskuża tal-pluraliżmu reliġjuż u ta' mentalità mħallta fost l-udjenza, qed ikun issagrifikat l-aqwa valur li l-messaġġ kristjan jibqagħlu dejjem x'joffri għall-ġid ta' kulħadd. F'isem il-libertà ta' l-espressjoni jew twemmin, interventi ta' natura kristjana min-naħa tal-lajċi qed jibqgħu lura bħallikieku jistgħu jiġu interpretati bħala mossi diskriminatorji jew b'xi forma ta' riħa medjevali.

Hija ħasra wkoll fejn issib xi saċerdoti / reliġjużi li għandhom għal qalbhom il-missjoni afdata f'idejhom imma jagħżlu li ma jisħqux b'iktar qawwa l-aspett "kristjan" ta' tant valuri umani. Xhieda ta' dix-xorta taf toħloq dubju jew forma ta' indifferenza fost dawk li għandhom kull dritt għad-dawl tas-sewwa.

Nafu kemm il-mezzi tax-xandir imħaddma bil-għaqal u bla tfixkil għandhom rwol importanti għall-umanità kollha u mhux biss għall-komunità nisranija. Għadu jidwi kliem Kristu meta qal lid-dixxipli tiegħu: "Dak li jien ngħidilkom fid-dlam għiduh fid-dawl, u dak li ngħidilkom f'widnejkom xandruh minn fuq il-bjut" (Mt 10, 27).

Jekk dawn il-mezzi moderni saru għodda għal kulħadd, xejn ma jnaqqsu mill-obbligu li jitwarrab ir-rispett uman biex iċedi postu dak li għandu valur kristjan għax "min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien ukoll niċħad lilu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet" (Mt 10, 33).

## VERSI RIFLESSIVI

# GĦAWDEX FL-ASSEDJU (1551)

*Bla kliem u bla sliem, qajl, qajl, mill-Imdina,
Torok neżlin, f'għaqda, għaqda, katina,
għax amar kien ħareġ, li tined isorru,
kanuni w armar għax-xatt fis iġorru.*

*Maż-żiffa ħafifa u ħelwa tar-riħ
ittellgħu, infethu bil-għaġġla qatigħ,
il-qlugħ ta' fuq l-iġfna tat-Torok armati,
fi xtut tal-Mellieħa u San Pawl, ankrati.*

*Bejn Sinam u Dragut il-ftehim sar kien,
li jaħbtu għal Għawdex bla xejn telf ta' żmien.
F'dil-gżira ċkejkuna bla għodda u bla swar,
l-isbark ħadd ma fixkel, tal-Mislem x'ħin mar.*

*L-egħdewwa dlonk xterrdu bħal ġrati f'wiċċ l-art,
b'għemilhom qerriedi jnisslu fik bard,
kif tined dlonk waqqfu w għal qagħda tħejjew,
taħt swar il-Kastell għat-taqbida tlestew.*

*Kienu ġa ħarbtu, serqu u ġarrew,
tar-raba, l-irziezet l-egħlejjel sarrew,
Stennew illi niesna jikilbu bil-ġuħ.
Jekk le jiftħu bwiebhom, ininu ruħ, ruħ.*

*De Sesse Galazjanu u miegħu kbarat,
raw kif f'dix-xibka jinstaram kulħadd.
Jibgħatu għalhekk minn ta' Santu Wistin,
lil dak Bonavia; f'kunjomu d-destin!*

*Wassallu lil Baxa: 'k iħalli l-kbarat
għal xogħ'lhom jitilqu, le jsiru ħsarat;
tal-Belt il-bieb jiftħu lill-Misilmin,
jara mbagħad x'jagħmel bl-imsejkna Għawdxin.*

*'Mma min iżomm lura dal-kiefra lpup?
Kollox ġie mkarkar, maħtut jew maħruq!
Min ħabat jeqfilhom jew iebes iżomm,
kien jisfa mbiċċer b'kefrija bla nom.*

*Wieħed tad-Dejma, Armando kien jismu,
qabel ma bċejjeċ mqatta' ġie ġismu,
qatel lil martu u liż-żewġ uliedu,
għaliex ta' lsiera ma riedx illi jċiedu.*

*Biex bħal iżomm kelmtu u joħroġ ta' raġel
x'erbgħin mix-xjuħ għakka, l-Baxa fis għażel.
Qal lil De Sesse: "Lil dawn ser nerħihom,
la dan aħna fteh'mna, dis-setgħa nagħtihom."*

*Għawdxin f'purċissjoni, marbuta, misjuqa,
l-irjus kbar tal-Gżira, quddiem, flok mitluqa,
qasmu lil Għawdex għal fuq ġfien u xwieni,
ħdejn port dejjaq, kenni, marbuta minn kmieni.*

*Sama' Għawdex 'l uliedu, jixhru, jitniegħdu,
b'qalbhom maqsuma, jitolbu, iwiegħdu.
Sama' tat-Torok, il-ħalf tgħajjir, dagħa,
jidwu mal-eku tal-wied, qalb dak l-għagħa.*

*Ra Għawdex lit-tfal u lin-nisa jitbeżżgħu,
kif minn ħwejjiġhom jitkarkru, jitneżżgħu.
Irġiel ra fil-ktajjen, idejhom marsusa,
b'ħarsithom mistħija u rashom baxxuta.*

*Beka Għawdex 'l uliedu, sitt elef, kif tnewlu,
l-imrasi, l-istivi tat-Tork, kollha mlewlu.
"Ras in-Newwiela," lill-blat bqajna nsejħu,
u "Mġarr ix-Xini," il-port mnejn dawn trejħu.*

*D'Omedes ftit basar f'Għawdex x'kien ġara,
u x-xorti lil Tripli messet ftit wara,
u meta tarrfulu fuq da' ż-żewġ telfiet,
saħħtu dlonk niżlet, iddgħajfet, battiet.*

*Cubelles kien l-isqof li ġabar xi flus,
biex Għawdxi war' ieħor, bil-mod ġie meħlus.
'Mma dawk li fil-jasar, ħajjithom temmew,
lil nieshom, lil Għawdex, min jaf kemm semmew!*

**Francis Sultana**

---

# TISLIMA LIĊ-ĊITTADELLA

*Darba biss stħajt inti f'għomrok
meta t-Torok daħlu fik:
Lill-uliedek ħadu rsiera
meta x-xorti laqgħbet bik!....*

*Ħarqu l-karti ta' ġrajjietek
biex tintesa għal dejjem żgur:
Imma int għadek fostna
naħarqulek biss il-bhur!....*

*Għaliex int glorjuża tibqa'
sebħek jiddi, ma jmut qatt:
Kemm-il darba int ħarrabthom
Lill-egħdewwa? Dana fatt!....*

*Int benniena ta' l-istorja
ta' l-istorja ta' l-Għawdxin:
Swarek xhieda tal-qlubija
ta' l-Għawdxin il-qalbenin!....*

*Isellmulek l-uħud kollha
meta jiġu ħa jżuruk:
Għall-imgħoddi kburi tiegħek
Ċittadella,... Ifaħħruk!!!....*

**Baruni K. Vella Haber**

*Wara l-ewwel sena mill-ħatra tal-Papa Benedittu XVI*

# MINN WOJTYLA GĦAL RATZI

## ŻEWĠ PAPIET BL-ISTESS MISSJONI IŻDA DIFFERENTI FL-ISTIL

*L-Arċisqof Angelo Comastri Vigarju Ġenerali għall-Belt tal-Vatikan.*

Fl-irkejjen kollha tad-dinja, **L-ILMA HU DEJJEM L-ISTESS** iżda fl-istess ħin **DIFFERENTI**

A) **l-istess**: għax l-ilma dejjem hu kompost mill-*hydrogen* u l-*oxygen*.
B) **iżda differenti**: għaliex skond minn liema art jgħaddi, l-ilma jiġi nfiltrat u għalhekk l-ilma jieħu karatteristiċi diversi. **HEKK UKOLL JIĠRI GĦALL-PAPIET.**

A) Il-papiet huma kollha l-istess għax qed jaqdu l-istess missjoni u jwieġbu għall-istess sejħa ta' Kristu.
B) Iżda fl-istess ħin il-papiet huma differenti, għax kull wieħed għandu personalità u stil differenti, skond minn liema art u kultura ġie ffurmat.

Dan hu evidenti fiż-żewġ Papiet, Papa Ġwanni Pawlu II u Benedittu XVI.



## ALLA MA JĦOBBX JAGĦMEL FOTOKOPJI

Papa Benedittu mhux l-istess bħal Ġwanni Pawlu II, kif dan lanqas kien l-istess bħal ta' qablu. Alla ma jħobbx jirrepeti. Ma jħobbx jagħmel fotokopji, wieħed kopja ta' l-ieħor. Alla dejjem ġdid.

B'danakollu, il-papiet għandhom **ħaġa komuni**

- ħabbew lil Kristu b'imħabba enormi
- u qdew lill-Knisja b'fedeltà kbira.

*"Familia Cristiana"*
*16 April 2006*

## "VIVA KAROL", "FORZA JOSEPH"

hekk jgħajtu ż-żgħażagħ fi Pjazza San Pietru.

## HEMM KONTINWITÀ BEJN IŻ-ŻEWĠ PAPIET

Ovvjament l-istili huma differenti, din hi ħaġa normali u sewwa,

iżda t-tnejn huma iż-żewġt uċuħ ta' l-istess midalja.

"L-ikbar tagħlima li tana l-Papa Benedittu hija din – biex ma ninnamrawx mal-'persuna' iżda mal-'Papa', jew aħjar **MA' KRISTU** mxandar mill-Papa.

Hemm min jgħid li dan il-Papa jolqtok aktar jekk taqrah milli jekk tisimgħu jew tarah. Ma naqbilx.

Għandu ġesti differenti minn ta'qablu. Iżda għandu ħafna sensibbiltà u kapaċità li jikkomunika.

*Marco Pappalardo, raġel ta' 30 sena.*
*"Famiglia Cristiana"*
*16 t'April 2006*

## IT-TFAL JIBGĦATU L-AWGURI LILL-PAPA

It-tfal tal-V klassi tal-Iskola Primarja minn Salerno bagħtu l-awguri lill-Papa permezz tar-Rivista "*Famiglia Cristiana*" (16 April 2006.)

Hekku xi siltiet minn dawn l-awguri.

**1.** "Għażiż Benedittu, nixtieq niftaħ qalbi miegħek kif nagħmel man-nannu tiegħi... Int tidher persuna simpatika u umli...Togħġobni. U nixtieq niltaqa' miegħek. **INĦOBBOK U NIXTIEQ NGĦANNQEK WAĦDA KBIRA KBIRA. U NAGĦTIK BEWSA....**

*Graziella*

**2.** "Għażiż Papa, nittama li jkollok Pontifikat twil. Bħal dak ta' Ġwanni Pawlu II.... Għall-ewwel sthajjiltek xi ftit riservat. Iżda qaluli li inti tħobb il-qattus u għandek pjanu. Ħadt gost b'dan u mill-ewwel għaraft li int

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# GER... KNISJA PROGRESSIVA

simpatiku. Nawguralek Pontifikat twil. Nixtieq inbusek.

*PierGiorgio*

3. "Għażiż Papa, minn xħin rajtek fuq it-TV mill-ewwel għidt li inti twajjeb u simpatiku bħan-nannu... Nawguralek li tkun Papa Qaddis u tagħmel ħafna ġid fid-dinja kollha. Inħobbok.

*Morena*

## IL-PAPA TAL-KELMA

Andrea Riccardi, Fundatur tal-Komunità ta' Sant Eġidju qal hekk:

- "Matul din is-sena, il-Papa ħabrek biex jiżra' fil-fond.
- Kien **Papa tal-kelma** u fittex li jikkomunika l-fidi f'kull okkażjoni.
- Hu **teologu** li għaraf ifisser ruħu b'sempliċità kbira.
- Id-diskorsi tiegħu huma frott ta'ħafna riflessjoni u preparazzjoni. Xħin tisimgħu, mill-ewwel tifhem kif jaħsibha u x'irid jgħidlek il-Papa.

## L-ISKRITTURA U L-LITURĠIJA

- Il-Papa Benedittu jridna niggustaw u nduqu il-Kelma t'Alla.
- Il-Papa stqarr li sa minn tfulitu żewġ ħwejjeġ kienu ħafna għal qalbu... **L-ISKRITTURA** u wkoll il-**LITURĠIJA**.

"Skoprejt is-sbuħija tal-Liturġija u dejjem ħabbejtha, għax fiha kont nilmaħ is-sbuħija divina..."

**Il-prijorità tal-ministeru** tiegħu ta' Papa hu dan : **JISTEDINNA NAGĦRFU LIL ALLA.**

## L-IKBAR LEZZJONI LI TANA FL-ENĊIKLIKA "ALLA HUWA IMĦABBA"

Din l-enċiklika ma għandniex nerfgħuha fl-arkivju mad-dokumenti l-oħra.

Iżda għandna nimmeditawha biex nitgħallmu kif għandha tkun il-Ħajja Nisranija.

L-IMĦABBA HI **S-SUSTANZA**
U S-SBUĦIJA TAL-ĦAJJA NISRANIJA...,
dik is-sbuħija li sikwit isemmi il-Papa.



## L-ISFIDI TA' LLUM •L-ATEJIŻMU • U S-SEKOLARIŻMU

ALBERTO BOBBIO
EDITUR TAL-*FAMIGLIA CRISTIANA*
KITEB FIL-ĦARĠA TAT-23 TA'APRIL 2006

- "Kemm-il darba il-Papa Benedittu saħaq li l-ikbar sfida ta' żminijietna huwa s-sekolariżmu jiġifieri li l-bniedem ta' llum jgħix qisu Alla ma jeżistix"

Għalhekk il-Papa sikwit jirrepeti l-kuntrarju:

- Liż-żgħażagħ f'Cologne qalilhom: **"IL-VERA RIVOLUZZJONI TIKKONSISTI BISS FILLI INDURU LEJN ALLA MINGĦAJR KUNDIZZJONIJIET**
- L-istess qal liż-żgħażagħ qabel L-GHID: **"IRRIDU NDAĦĦLU LIL ALLA U NAGĦMLUH PREŻENTI FIS-SOĊJETÀ. MA NISTGĦUX NGĦIXU BĦALLIKIEKU KONNA AWTONOMI U INDIPENDENTI"**

## IL-ĦTIEĠA TAL-FIDI

Għalhekk fl-enċiklika "Alla huwa Mħabba" il-Papa qalilna xi tfisser il-FIDI.

- IL-FIDI MHIX TEORIJA
- IL-FIDI TFISSER LAQGĦA TA' PERSUNA MA' ALLA.

**KRISTU HU S-SINTESI** (l-ġabra) **TA' L-IMĦABBA T'ALLA LEJN IL-BNIEDEM U DIN L-IMĦABBA GĦANDHA TIĠI ATTWATA FIL-PRATTIKA, F'IMĦABBA LEJN IL-PROXXMU".**

KTIEB X'TAQRA

# "IL-VITTMI GĦAWDXIN TAT-TIENI GWERRA"

minn Charles Bezzina

*Bla dubju, isem Frank u Charles Bezzina se jibqa' marbut ma' ta' dawk li kitbu dwar it-Tieni Gwerra f'Malta li n-numru tagħhom mhuwiex li tgħidlu kbir. Frank u ibnu Charles twieldu u għexu Għawdex u allura l-interess ewlieni tagħhom hu prinċipalment fil-gżira għawdxija u kif dan u niesha ntlaqtu fit-Tieni Gwerra Dinjija. Frank, li fil-gwerra kien żagħżugħ, minbarra l-gwerra kellu wkoll, bħal xi membri tal-familja Bezzina, ġibda għall-istorja, id-dokumenti u r-riċerki. U dan joħroġ ċar mill-kitba tiegħu, speċjalment ''Il-Qilla ta' l-Għadu fuq Għawdex'' u ''F'Għawdex fi Żmien il-Gwerra''. U billi, kif ngħidu, skond iz-zokk il-fergħa, Charles ħareġ bħal missieru bl-istess ġibdiet u doni. Infatti hu ppubblika diversi kotba fuq is-suġġetti.*

*L-aħħar wieħed li xandar, ''Il-Vittmi Għawdxin tat-Tieni Gwerra'' (pubblikazzjoni Charles Bezzina, Stamperija J. Debono Printing Press Ltd, Nadur) jiġbor fih l-ismijiet ta' dawk l-Għawdxin vittmi fit-Tieni Gwerra Dinjija. Dawn jinkludu mhux biss l-ismijiet ta' pajżana għawdxin li mietu bil-gwerra (uħud minnhom f'Malta) iżda wkoll ta' dawk li kienu qed jaqdu dmirhom bħala baħrin fuq bastimenti ingliżi jew membri ta' xi riġment. Il-ktieb fih b'kollox 152 isem. Ma' kull isem (u laqam) hemm dettalji dwar età, kif u fejn mietu u meta ġara l-inċident li fih tilfu ħajjithom. Kif kiteb l-awtur innifsu dawn l-ismijiet u dettalji ħadu 35 sena biex inġabru; bdew minn Frank Bezzina (illum mejjet) u tkomplew minn ibnu Charles. Xogħol mhux faċli li sar permezz ta' tiftix fl-arkivju nazzjonali ta' Għawdex, fl-arkivji tal-parroċċi u fid-dokumenti ta' dipartimenti governattivi. Ċerti dettalji li nsibu ma' l-ismijiet huma wkoll tassew interessanti. Dwar uħud li tilfu ħajjithom barra minn xtutna hemm ukoll il-post fejn huma midfuna. Hemm xi tlieta, pereżempju, li jinsabu fiċ-ċimiterju tal-gwerra f'Bologna, l-Italja. Ieħor, Ġużeppi Cauchi, li kien emigra lejn l-Awtralja u ġie bħala suldat jiġġieled fl-Ewropa, inqabad minn-Nazi u safa xkubettjat meta pprova jaħrab mill-kamp ta' konċentrament. Il- ktieb fih ukoll tagħrif interessanti, għalkemm fil-qosor,dwar diversi aspetti ta' Għawdex, fi żmien il-Gwerra, fosthom dwar ir-refuġjati maltin li f'xi żmien laħħqu l-5,000, it-tħaffir tax-xeltrijiet, il-ġuħ, il-black market, il-bdiewa għawdxin u s-sehem li taw. Hemm ukoll tagħrif xejn inqas interessanti dwar il-monument tal-gwerra li hemm it-Tokk, Għawdex u li fuqu hemm minquxa l-ismijiet (mhux kollha), ta' l-Għawdxin li mietu fit-Tieni Gwerra Dinjija. Għal darb' oħra Charles Bezzina tana xogħol interessanti u siewja li għandha tappella għal dawk li jinteressaw ruħhom fil-Melitensia b'tema tal-gwerra.*




**Laurence Mizzi**

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Żala, Gozo
Tel: 2156 6236



*Iż-żjara pastorali ta'*

# l-Isqof Mario Grech fi New York u Washington

Rapport minn **Dun Eddie Zammit**
Ritratti meħuda minn **Albert Vella, Mike Azzopardi, Fr. Joe Vella, Stella Galea, Mary Xuereb u oħrajn**





# L-EWWEL ŻJARA PASTORALI TA' L-ISQOF MARIO GRECH LILL-EMIGRANTI GĦAWDXIN



**Bejn it-23 u it-30 ta' Mejju 2006, Monsinjur Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, għamel l-ewwel żjara pastorali tiegħu barra minn xtutna minn meta ngħata l-ħatra ta' Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi ta' Għawdex.**



Din l-ewwel żjara tiegħu Monsinjur Isqof għamilha fuq stedina li għamlulu l-komunitajiet Maltin li hemm jgħixu fid-diversi stati tal-Amerika. Barra minn hekk din l-ewwel żjara pastorali tiegħu kienet marbuta ukoll mat-tberik tan-niċċa ġdida li fiha tpoġġiet kopja tal-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu f'Washington. Monsinjur Isqof, li matul iż-żjara tiegħu kien akkumpanjat minn Dun Eddie Zammit, assistent personali tiegħu, ġie milqugħ fl-ajruport John F. Kennedy fi New York mill-President tal-*Maltese Centre* Tony Curmi u Fr. Joseph Vella, saċerdot miż-Żebbuġ Għawdex, li ilu għal diversi snin fuq ħidma pastorali fid-djoċesi ta' Brooklyn. Huwa ltaqa' ma' għadd kbir ta' emigranti Għawdxin u anke Maltin, f' Astoria u Brooklyn fi New York, Camden fi New Jersey, u postijiet oħra li żar. Iltaqa' ukoll ma' emigranti oħra li ġew apposta f'Washington mill-Kanada.










## *FI NEW YORK*

Fl-ewwel appuntament tiegħu Monsinjur Isqof qaddes għall-komunità tal-parroċċa *"Our Lady of the Cenacle"* fejn Fr. Vella huwa *assistant pastor*. Żjara oħra saret fil-parroċċa ta' *St Mary* f'Manhasset fejn bħalissa hemm Fr. Charles Sultana mix-Xagħra.

L-Erbgħa, 24 ta' Mejju, Mons Isqof kien il-mistieden tal-Ambaxxatur ta' Malta għall-Ġnus Magħquda is-Sur Victor Camilleri u flimkien ma' Fr. Joseph Vella u Mr. Tony Curmi żaru il-Katidral ta' *St. Patrick's* fi New York, l-*Empire State Building*, *Ground Zero*, kif ukoll is-Sede tal-Ġnus Magħquda. Hawnhekk is-Sur Camilleri flimkien mal-Konslu is-Sur Walter Mallia żaru diversi swali fejn isiru l-laqgħat ta' din l-organizzazzjoni ,fosthom is-sala prinċipali fejn jiltaqgħu d-diversi delegazzjonijiet tal-pajjiżi fosthom dik Maltija u s-sala fejn jiltaqa' il-Kunsill tal-Sigurtà. Filgħaxija l-Isqof Grech kien il-mistieden tal-unur waqt ċena offruta mill-membri tal-Kumitat Malti ta' Astoria.

Il-Ġimgħa, 26 ta' Mejju, Monsinjur Isqof kien mistieden flimkien mas-saċerdoti għawdxin għall-ikla offruta fir-residenza tal-Isqof ta' Brooklyn Mons. Nicholas de Marzio li fid-diskors tiegħu faħħar ħafna is-sehem tas-saċerdoti għawdxin f'din id-djoċesi. Filgħaxija imbagħad mexxa quddiesa fil-knisja ta' *Our Lady of Mount Carmel* f'Astoria, li għalija attendew mijiet ta' emigranti li jgħixu fl-istat ta' New York. Ikkonċelebraw ma' Mons. Isqof diversi saċerdoti Maltin u Għawdxin, fosthom Mons. Carmelo Refalo Arċipriet tax-Xagħra li tela' minn Għawdex għal din l-okkażjoni. Wara l-quddiesa Mons Isqof kien mistieden jżur iċ-Ċentru Malti f'Astoria u hemm iltaqa' ma diversi emigranti għawdxin li xtaqu jippreżentawlu l-familji tagħhom. Waqt laqgħa formali mal-membri tal-Kumitat Malti, Monsinjur Isqof irringrazzja lill-kumitat ħabrieki tal-istedina li għamlulu u tal-organizzazzjoni tal-programm interessanti li ħejjewlu.

Minn New York, il-Ġimgħa filgħaxija Mons. Isqof telaq lejn New Jersey fil-kumpanija ta' Fr. John Muscat minn Ta' Sannat li ilu fid-djoċesi ta' Camden kważi 22 sena. Fi New Jersey Mons Isqof iltaqa' mal-parruċċani tal-knisja fejn qiegħed iservi Fr. John Muscat waqt quddiesa li ċċelebra fl-istess knisja. Wara l-quddiesa Mons Isqof iltaqa' mal-parruċċani waqt *breakfast* li ġie organizzat fis-sala parrokkjali, kif ukoll mas-seminaristi









mix-Xagħra Joseph Curmi, li ġie apposta mill-Perù, u ma' Joseph Bajada, li t-tnejn qegħdin jagħmlu sena pastorali intermedjarja. F'din l-okkażjoni Mons Isqof kien mistieden għall-ikel fil-parroċċa ta' *St. Joseph* fejn hemm residenti bħalissa is-seminarista Joseph Bajada. Waqt iż-żjara qasira f'Camden, Mons Grech iltaqa' mal-Isqof tal-istess djoċesi Mons. Renato Galante.

## F'WASHINGTON

Minn New Jersey is-Sibt 27 ta' Mejju telaq bil-karrozza lejn Washington fil-kumpanija ta' diversi saċerdoti Għawdxin. Hemm kien alloġġjat fis-Seminarju ta' *St. Supplice* quddiem il-*Basilica of the National Shrine of the Immaculate Conception* fejn tqegħdet in-niċċa l-ġdida tal-Madonna Ta' Pinu. Is-Sibt filgħaxija Monsinjur Isqof kellu laqgħa sabiħa ma' mijiet ta' emigranti Maltin u Għawdxin f'lukanda ewlenija f'Washington. Diversi emigranti ġew minn diversi stati tal-Amerika u din kienet ukoll okkażjoni għalihom biex jiltaqgħu ma' xulxin wara snin twal. Xi emigranti ġew ukoll mill-Kanada. Għal din il-laqgħa kien hemm ukoll grupp ta' 50 pellegrin minn Għawdex, li telgħu l-Amerika apposta, immexxija minn Mons Beneditt Camilleri.

Il-Ħadd 28 ta' Mejju kienet ġurnata mportanti fil-programm taż-żjara ta' Mons. Isqof Grech. Dak in-nhar Monsinjur Isqof flimkien mal-Kardinal ta' Washington l-E.T. Il-Kard. Macarrick, Mons. Beneditt Camilleri u Mons. Walter Rossi, Rettur tas-Santwarju tal-*Basilica of the National Shrine of the Immaculate Conception* mexxew ċelebrazzjoni Ewkaristika fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni u t-tberik tan-niċċa tal-Madonna Ta' Pinu. Din kienet ħolma li nbdiet snin ilu fuq l-inizjattiva tal-Ambaxxatur Malti għall-Istati Uniti, Dr. Albert Borg Oliviet de Puget. F'din il-Bażilka nfatti nsibu altari u niċeċ iddedikati lil diversi titli tal-Madonna meqjuma f'diversi pajjiżi tad-dinja. Dan il-proġett ġie irrealizzat wara l-ħidma ta' Mons Beneditt Camilleri li kellu jegħleb diversi ostakli qabel ma ra iseħħ dan il-proġett li żgur ser ikabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu fl-Istati Uniti tal-Amerika. Preżenti għall-quddiesa kien hemm l-Ambaxxatur Malti għall-Istati Uniti is-Sur John u s-Sinjura Lowell; Dr. Albert Borg Olivier de Puget Ambaxxatur Malti għall-Brażil u Messiku, kif ukoll mat-800 pellegrin. L-omelija waqt il-quddiesa saret mill-Isqof Mario Grech. Mons. Benedit Camilleri



għamel ukoll diskors tal-okkażjoni u irringrazzja lill-benefatturi ta' dan il-proġett maħdum fil-mużajk minn ditta taljana fi Pietra Santa. Il-funzjoni ġiet fi tmiemha bit-tberik u l-inawgurazzjoni ta' din in-niċċa ġdida. Il-funzjoni kollha kienet imxandra dirett lejn Malta fuq Radio Maria.

Monsinjur Isqof fil-ġranet tat-Tnejn u t-Tlieta, 29 u 30 ta' Mejju, kien il-mistieden tal-Ambaxxatur Malti u s-sinjura tiegħu li barra li stednuh għal ċena fir-residenza tal-ambaxxata, ħejjew ukoll programm ta' żjarat kulturali fil-kapitali Washington.

Din l-ewwel żjara pastorali ta' Mons. Isqof Grech uriet kemm huma kbar u profondi ir-rabtiet li għad hemm bejn il-komunitajiet Maltin u Għawdxin residenti barra minn pajjiżna u l-għożża għall-valuri nsara tagħna.





Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -145

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2006

# Multa dwar Ġobon Frisk

Id-dokument numru mija ħamsa u erbgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi nota dwar multa mogħtija lill-bejjiegħ ta' ġobon frisk. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1705-1706), folju 78r (NAG, UG, *Acta*, 9 [1705-1706] f.78r).

Din hi traskrizzjoni tan-nota tal-multa:

**Item condaniamo a Gio(vanni) Antonio Busutil bottegaio denunciato dalli attacapani nostri Gio(vanni) Antonio Gafar e Mastro Basilio Grima a pagare tarì sette e grani dieci per haverli trovati il piatto nel quale teneva i formaggi freschi senza essere permisati e senza il tieno di prezio; da dividersi tra essi attacapani et hanc nostra Universitas.**



ĠannAnton Busuttil kellu ħanut tal-merċa u kien, fost ħwejjeġ oħra, ibiegħ il-ġobon frisk. L-*Universitas*, imħeġġa mill-gvern ċentrali tal-Kavallieri ta' San Ġwann, kienet tagħti kull attenzjoni għall-bejgħ li jsir mis-suq. Dan għal diversi raġunijiet, fosthom biex tħares id-drittijiet tax-xerrejja u s-saħħa pubblika.

Is-sorveljanza tas-suq kienet f'idejn uffiċjali msejħa l-*attakapani*. Dawn, bħal gwardjani tat-traffiku ta' żmienna, kienu jitħallsu mill-multi li jagħtu. Għaldaqstant kienu jfittxu, kif jingħad, ix-xagħra fl-għaġina.

Anton Gafar u Mastru Basilju Grima, tnejn minn dawn l-*attakapani*, għodwa waħda għamlu żjara għall-għarrieda fil-ħanut tal-merċa ta' ĠannAnton Busutil. Jidher li sabulu kollox sew, barra platt bil-ġobon frisk.

L-*attakapani* nnutaw żewġ nuqqasijiet. L-ewwelnett, il-ġobon frisk ma kienx tal-piż li suppost. Problema li għadha magħna, ngħidu aħna, fil-piż tal-ħobż li nixtru li rari jkun kemm suppost. Dak iż-żmien kien wieħed mill-ikbar nuqqasijiet li jagħmlu r-raħħala li kienu jbiegħu l-ġobon. Biex jaqilgħu xi ħaġa iktar kienu jagħmluh kemmxejn inqas mill-piż li suppost. Il-liġi kienet tippermetti varjazzjoni, iżda din ma kellhiex tkun kbira ħafna. F'dan il-każ, milli jidher, id-differenza fil-piż kienet mhux ħażin.

It-tieni, ma kienx hemm indikat il-*tieno di prezzo*, il-wiri tal-prezz tal-ġobon frisk, prezz li kien ivarja skond il-piż tal-ġobon.

L-*attakapani* xammew qerq b'dannu għax-xerrejja. Għaldaqstant lil Busuttil ċapċpulu multa ta' sebgħa irbgħajja u għaxar ħabbiet. Kienet somma konsiderevoli għal dak iż-żmien.

Id-dokument jinnota fit-tmiem li, skond ir-regoli, nofs dik is-somma kellhom jeħduha l-*attakapani* u nofs l-ieħor kienet tieħdu l-*Universitas*. Il-flus tal-multi kienu jitqiegħdu f'fond għat-tiswija tas-swar.

HOME STYLE
• Ceramics • Chandeliers • Appliances
• Furniture • Carpets
Ġużepp Labre Str., Pjazza Kennedy, Victoria, Gozo
Tel: 21 552099 Fax: 21 561438 Mob: 9942 0520
Web Site: www.homestylegozo.tk

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (46)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IL-ĦDAX-IL PARTI)*

## IL-PREŻENZA REALI TA' KRISTU FL-EWKARISTIJA

***Żvilupp tad-duttrina dwar il-preżenza ewkaristika***

Sa mill-ewwel sekli tal-Knisja, u matul l-ewwel millennju, it-twemmin kattoliku dwar il-preżenza reali ta' Kristu taħt ix-xbiehat ewkaristiċi, kien miżmum bl-ikbar qima, kemm fil-Lvant kif ukoll fil-Punent. Id-duttrina kattolika dwar l-Ewkaristija kienet dejjem mibnija fuq il-fidi li Kristu huwa realment preżenti, fl-elementi kkonsagrati tal-ħobż u ta' l-inbid.

Iżda fis-seklu ħdax, Berengarju ta' Tours, (+1088) qanqal xi dubji dwar il-preżenza reali fl-Ewkaristija, u waqa' fl-ereżija, għaliex kien iżomm li fl-Ewkaristija hemm biss il-preżenza dinamika ta' Kristu u mhux il-preżenza reali, waqt li ċaħad it-transubstanzjazzjoni. Qamu kontra tiegħu diversi teologi, bħal Durandus, Lanfranc, u Guitmund ta' Aversa, u waqqgħu t-tagħlim tiegħu, li ġie kkundannat mill-Papa San Ljun IX kif ukoll fis-Sinodu ta' Ruma, mill-Papa Girgor VII, fl-1079.

Fis-sekli tnax u tlettax, ċerti setet, bħal Katari u l-Albiġiżi, ċaħdu l-preżenza reali, u s-setgħa li biha s-saċerdot jikkonsagra l-ħobż u l-inbid. Kontra dawn l-ereżiji, ir-Raba' Konċilju Lateran (1215), uffiċjalment iddefenda d-duttrina tal-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija u t-transubstanzjazzjoni. Dan il-Konċilju għallem li bis-saħħa tat-transubstanzjazzjoni, l-offerti kkonsagrati jinbidlu u jsiru l-istess Ġisem u Demm li kellu Kristu ta' l-istorja. Kien f'dan il-Konċilju li ssemmiet għall-ewwel darba l-kelma "transubstanzjazzjoni." Wara ġiet imtennija fil-Konċilji ta' Lyons II (1274), ta' Firenze (1439) ta' Trentu (1545-1563) u tal-Vatikan I (1869-1870).

Dan it-tagħlim ġie kkonfermat u mfisser b'mod iktar preċiż fil-Konċilju ta' Kostanza (1414-1418) li kkundanna l-iżbalji ta' Wycliffe, Huss u oħrajn. John Wycliffe barra milli għallem li l-quddiesa ma kienitx imwaqqfa minn Kristu, ċaħad il-preżenza reali u qal li "l-insara, fl-Ewkaristija, jirċievu l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, spiritwalment biss".

Fost it-teologi tar-Riforma Protestanta, Zwingli u Kalvinu ċaħdu l-preżenza reali u nnegaw it-transubstanzjazzjoni. Imbagħad, Luteru waqt li ammetta l-preżenza reali, uża l-kelma "konsubstanzjazzjoni", għaliex huwa kien jaħseb li fl-Ewkaristija, flimkien mas-sostanza tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, tibqa' teżisti wkoll is-sostanza tal-ħobż u tal-inbid u mhux ix-xbiehat tagħhom biss.

Kontra dawn l-ereżiji, il-Konċilju ta' Trentu (1545-1563) stqarr li fil-konsagrazzjoni tal-quddiesa jkun hemm il-bidla tal-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Dan ifisser li wara l-konsagrazzjoni, mill-ħobż u mill-inbid jifdal biss l-ispeċi jew xbiehat tagħhom, li jsejħulhom ukoll aċċidenti, bħal ma huma t-togħma, il-lewn, ir-riħa, l-għamla u d-daqs, u dawn jibqgħu ma' jinbidlux. L-istess Konċilju stqarr li huwa eretiku min jiċħad li "fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija wisq Mqaddsa, huma preżenti realment u sostanzjalment il-Ġisem u d-Demm, flimkien mar-Ruħ u d-Divinità tal-Mulej tagħna, Ġesù Kristu" (Sessjoni XIII, can.1).

Il-protestanti liberali u l-modernisti jiċħdu li Kristu fl-aħħar ċena kellu f'moħħu li jwaqqaf l-Ewkaristija, iżda jgħidu li dik kienet biss ikla ma' ħbiebu qabel it-tluq tiegħu; u li kien San Pawl li beda jgħallem li t-tqarbin huwa t-tifkira tal-mewt tal-Mulej kif kiteb fl-ewwel ittra lill-Korintin (11,26).

Il-Papa Piju XII, fl-enċiklika "*Mediator Dei*" tal-1947, jgħidilna li bit-transubstanzjazzjoni kemm il-Ġisem ta' Kristu kif ukoll Demmu jsiru realment preżenti.



Il-Papa Pawlu VI, fl-enċiklika "*Mysterium Fidei*" tat-3 ta' Settembru 1965, iddefenda t-tagħlim dwar il-preżenza reali u l-użu tal-kelma "transubstanzjazzjoni". Fil-Kredu, ifformulat minn dan il-Papa, fid-29 ta' Ġunju 1968, aħna nistqarru li: "kif il-ħobż u l-inbid ikkonsagrati mill-Mulej, fl-aħħar ċena, nbidlu f'Ġismu u f'Demmu, li ftit wara kellhom ikunu offerti għalina fuq is-salib, bl-istess mod il-ħobż u l-inbid ikkonsagrati mis-saċerdot jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, li jsaltan glorjuż fis-Sema, u aħna nemmnu li l-preżenza misterjuża tal-Mulej, taħt ix-xbieha ta' dawk il-ħwejjeġ li jibqgħu jidhru l-istess bħal qabel għas-sensi tagħna, hija preżenza vera, reali u sostanzjali".

Mid-djalogu ekumeniku jidher li mill-Knejjes Protestanti, kemm il-Luterani kif ukoll il-Presbiterjani u r-Riformati waslu biex jaffermaw il-preżenza reali ta' Kristu, iżda waqt li hemm qbil dwar il-fatt tal-preżenza fl-Ewkaristija, għad ma hemmx qbil dwar il-mod kif Kristu huwa preżenti. Minn naħa l-oħra jidher li hemm qbil ċar u bla ekwivoċi bejn il-Kattoliċi u l-aħwa Anglikani u Ortodossi.

## *Il-preżenza reali*

L-Ewkaristija hija s-sagrament tal-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu, li fih Huwa realment preżenti biex jiġi offert b'sagrifiċċju lil Alla, u sabiex l-insara jirċievuh fit-Tqarbin Imqaddes. Wara l-kelmiet tal-konsagrazzjoni fil-quddiesa, il-ħobż u l-inbid ma jibqgħux iżjed preżenti imma jsiru l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Kif jgħallem il-Konċilju ta' Trentu , fl-Ewkaristija, bħala sagrament, hemm "il-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu, flimkien mar-ruħ u d-divinità tiegħu, u għalhekk f'dan is-sagrament jinsab Kristu sħiħ, verament, realment u sustanzjalment preżenti".

Dan it-tagħlim huwa mibni fuq ix-xhieda li hemm fil-kotba tar-Rabta l-Ġdida:

(i) Fl-aħħar ikla tiegħu ma' l-Appostli, awl il-lejl qabel il-passjoni u l-mewt ħarxa tiegħu, waqt li kellu l-ħobż f'idejh qal; "Dan hu Ġismi" u l-istess għamel meta ħa f'idejh il-kalċi bl-inbid u qal; "Dan hu l-kalċi ta' Demmi." Dan il-kliem li lissen Kristu, f'mument hekk sollenni fi tmiem ħajtu, żgur li għandu jittiehed b'sens litterali u ma jagħti lok għall-ebda ambigwità. Ma jistax ikun li Huwa ried iħalli anki wara mewtu lid-dixxipli tiegħu fl-iżball jew fid-dubju.

(ii) Kif hemm fil-kapitlu 6 tal-Vanġelu ta' San Ġwann, il-għada ta' meta Kristu għamel il-miraklu tal-multiplikazzjoni tal-ħobż, Huwa qal lin-nies: "Jiena hu l-ħobż ħaj li niżel mis-Sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż, jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja" (Ġw.6.51). Meta xi wħud ma emmnuhx u telquh, Huwa tenna b'insistenza u bla ebda tlaqliq: "Tassew, tassew, ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-Bniedem, u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom" (Ġw.6,53-55). F'dan il-kuntest, l-Imgħallem Divin tagħna jitkellem dwar Ġismu u Demmu li Huwa wiegħed li kien ser jagħti fl-Ewkaristija kif ukoll dwar il-ħtieġa ta' dak l-ikel u x-xorb, bi kliem ċar daqs dak li juża meta jitkellem dwar il-ħtieġa tal-Magħmudija. Kemm fi żmien l-Appostli, kif ukoll fis-sekli ta' wara, l-insara fehmu u aċċettaw dan il-kliem ta' Kristu bħala prova tal-preżenza reali tiegħu. Dan ngħiduh kemm dwar il-kliem li bihom għamel il-wegħda tal-Ewkaristija, kif ukoll dwar it-testi tar-Rabta l-Ġdida, fejn hemm in-narrazzjoni tat-twaqqif tagħha.

(iii) Xhieda oħra nsibuha fl-ewwel ittra ta' San Pawl lil Korintin (I Kor.10,16), biex jikkonvinċi lill-insara ta' Korintu li ma għandhomx jieħdu sehem fis-sagrifiċċji pagani, jiktbilhom: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu, m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?" Għaliex l-Appostlu jissoponi dan, bħala verità li huma diġà jafuha; u jkompli jwiddibhom: "Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej, bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej... Min jiekol u jixrob, bla ma jagħżel minn ikel ieħor, il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess" (I Kor.11,27-29).

It-twemmin fil-preżenza reali ta' Kristu, barra milli huwa mibni fuq il-provi li hemm fil-kotba tar-Rabta l-Ġdida, huwa msaħħaħ wkoll bit-tagħlim kostanti tal-Knisja matul is-sekli sa minn żminijiet l-iktar bikrin, kif jirriżulta mid-digrieti tal-Konċilji, kif ukoll mill-kitbiet tas-Santi Padri u tal-kittieba ekkleżjastiċi l-oħra. Ta' min jinnota wkoll li dan it-twemmin huwa aċċettat anki mill-Knisja Ortodossa, u saħansitra minn ċerti setet orjentali, li nfirdu mill-Knisja Kattolika sa mis-seklu ħamsa, bħal ma huma n-Nestorjani u l-Ewtikjani.

*(jissokta)*

**FOLKLOR GĦAWDXI**

*Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...*



*drawwiet missirijietna*

© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Is-Sitta u Erbgħin Parti )*

*(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)*

# *IKEL MILL-BDIEWA GĦALL-BDIEWA*

**Illum ħafna ikel jiġi minn barra u nixtruh lest kemm nikkunsmawh. Imma dari, u l-aktar il-Għawdxin, billi l-kotra tagħhom kienu bdiewa, kienu jaħsbu biex jaħżnu ikel kemm jistgħu milli jkollhom fir-raba'. Fil-kampanja tagħna, u l-aktar hawn f'Għawdex, kellna għadd kbir ta' siġar tat-tin, tal-parsott u tal-ferkizzan. Kienu jagħmlu frott ta' tipi differenti, kemm abjad kif ukoll iswed, ċatt u bżengul. Dawn is-siġar kienu jagħmlu ħafna frott, li kien isir għall-ħabta tal-festa ta' Santa Marija. Kien tin għal ġmielu mill-aqwa, isfar, kulur il-għasel, ifuħ, u din it-tjieba u din il-fwieħa, tikber jekk wieħed kien ikun jaf kif jieħu ħsiebu sewwa.**

### *Frott Imqadded*

It-tin jista' jittiekel xħin jinqata' mis-siġra u jista' wkoll jinħażen. Iż-żejjed kienu jqadduh, jiġifieri jnixxfuh fix-xemx, fuq iċ-ċnut tar-razzett jew l-opramorta tal-bejt. It-tin, wara li jsir, kien jinqata' mis-siġra mingħajr tkagħbir. Qabel ixemmxu wieħed għandu jagħżel il-ħażin mit-tajjeb. Imbagħad jitqassam fuq il-bjut jew fuq il-blat, u t-taqsim kien isir bis-sikkina għax bl-idejn ix-xemx taħkmu żżejjed u jonqos mill-għasel. Idum jixxemmex skond kemm tagħmel sħana u nxufa. Kienu jqallbuh għall-ħabta ta' nofs in-nhar u fil-għaxija jitgeddes u jitgħatta minħabba n-nida ta' bil-lejl. 'L għada, xħin tisħon ix-xemx kien jerġa' jitferrex u kultant jitqalleb sakemm ikun tajjeb biex jimtela fil-kaxxi. Hawn tajjeb jingħad li t-tin qatt m'għandu jitqassam fuq gozz tal-ħatab għax minn taħtu jgħaddi l-frisk u taqbad miegħu ż-żerriegħa tal-moffa u jitħassar. Kienu jgħidu wkoll li meta jitqassam fuq is-sagħtar ikun tajjeb, aktarx għax billi s-sagħtar hu mfattar ma' l-art ma tantx igħaddi frisk minn taħtu. Jista' jkun ukoll li kienu jaħsbu li bħalma s-sagħtar itejjeb il-għasel bis-sustanzi tiegħu li n-naħla terda' minn fuq il-warda tiegħu, hekk ukoll jaqbel li bir-riħa tas-siġra tas-sagħtar, it-tin jagħmel togħma tajba. Kienu jħawduh jew iqallbuh xi darbtejn, u fil-każ li xi taqsima titnidda bix-xita, kienu jxemmxuha għaliha u jimtewha f'barmil jew kaxxa għaliha. Issa t-tin ma kienx jitħalla jinxef bosta, jew jimtela artab iżżejjed. Wara li jinxef, kienu jistivawh tajjeb f'kaxxi apposta. Dan ix-xogħol kien isir f'riħ tajjeb għax inkella jintilef. Bejn saff u ieħor kienu jroxxu ftit melħ u l-weraq tar-rand. Ġie li kienu wkoll inidduh, jiġifieri jxarrbuh ftit, b'xi xorb jew meraq ta' ħxejjex aromatiċi, bħalma hu tar-rand stess. Biex jibqa' tajjeb it-tin kien irid jintrass sewwa. Issa dan kienu jsejħulu tin taċ-ċappa.

Billi t-tin imqadded jista' jdewwed jekk ma jiġix ikkunsmat malajr wara li jinfetaħ, tajjeb jingħad li, biex dan jiġi evitat, hemm min idaħħal it-tin imqadded għadu miftuħ għal ftit minuti ġewwa forn moħmi tajjeb, imbagħad jagħilqu u jkompli jippreservah kif għidna hawn fuq.

Frott ieħor li jista' jitqadded hu l-għeneb, li jsir żbib, passolina jew sultana u sultanina. Hemm ukoll il-berquq u n-naspli. Imma dawn illum aktarx inġibuhom mill-Greċja u mit-Turkija.

Fis-sajf ikollna wkoll ħafna tadam. Il-bdiewa tagħna kienu jqaddu wkoll it-tadam. It-tadam jista' jitqadded billi taqsmu tnejn, titfa' raxxa sewwa melħ fuqu u tħallih jinxef fix-xemx. Meta jinxef sewwa jagħilquh u jistivawh saff saff ġo vażett (dari kienu jużaw qannata), u bejn kull saff jerġgħu jroxxu ftit melħ.

### *Il-Ħarrub*

Fix-xahar ta' Awissu wkoll, il-ħarrub minn aħdar isir kannella. Il-bdiewa kienu jaqtgħu dan il-ħarrub qabel ma tagħmel ix-xita. Il-qtugħ kien jissejjaħ ħrit il-ħarrub. Is-sajran tal-ħarrub hu marbut mal-festa ta' Santa Marija, iżda ħrit il-ħarrub kien isir għall-festa ta' Santa Liena, u għalhekk jissejjaħ "il-ħarrub ta' Santa Liena". Mill-ħarrub kienu jagħmlu l-ġulepp tal-ħarrub biex jużawh bħala mediċina għas-sogħla. Minnu jagħmlu wkoll il-karamelli tal-ħarrub. Il-ħarrub jista' jintrefa' għal xi żmien biex min iħobbu jiekol minnu. Għandu togħma ħelwa u tajba.

### *Il-Lewż*

Meta tidħol il-ħarifa kien jinġabar ukoll il-lewż ħelu u l-lewż morr. Kien hemm diversi tipi ta' lewż ħelu: tond, tawwali, tal-qoxra ratba, li kien jitfesdaq mill-qoxra ta' barra u jinbiegħ bil-qoxra iebsa lil tal-qubbajt.

Dari fir-raħal tal-Għarb fit-23 ta' Jannar, kienet issir il-festa tat-Tieġ tal-Madonna u l-Arċipriet tal-Għarb kien jagħti borża lewż imbierek lit-tfal tad-duttrina. L-ommijiet kienu jtaqqbu

lewża minn dawk u jdendluha m'għonq it-tifel jew tifla għad-devozzjoni.

### *Basal għall-Pikles*

Dari kienu jiġbru l-basal l-irqiq, ineħħulu l-qoxra ta' barra u jitfgħuh fil-ħall ħalli jsir basal tal-pikles. Il-ħall ikun ġewwa važett li jitħalla għax-xemx biex il-basal isir aħjar. Fil-ħall jitfgħu wkoll il-felfel, li jkun bżar aħmar jaħraq ħafna, biex hekk il-basal fil-ħall ikollu togħma aħjar. Għalkemm il-basal hu l-aktar prodott popolari biex isir pikles, ħafna prodotti oħra jistgħu jinħażnu wkoll b'dan il-mod billi jitqattgħu fil-ħall: fjuri tal-pastard, ġidra, karrotti, tadam żenguli, bżar aħdar, u hekk, basta dak li jkun jippreservahom tajjeb skond ir-riċetta antika u tradizzjonali. Illum pikles bħal dan jissejjaħ ġardiniera.

### *Il-Bajtar tax-Xewk*

Frott ieħor li kien jinħażen għax-xitwa kien il-bajtar tax-xewk. Bajtar tax-xewk hemm tliet kwalitajiet komuni: bajtar abjad jew Franċiż, bajtar aħmar jew Malti u l-bajtar tad-demm, li jkollu lewn aħmar jagħti fil-vjola. Biex jinħażen il-bajtar tax-xewk kien jinqata' b'biċċa werqa miegħu ħalli hekk iżomm u ma jitħassarx. Kienu jaħżnuh fuq xi bejt baxx fir-razzett. B'dan il-mod jibqa' tajjeb biex jittiekel fix-xitwa. Hekk il-bidwi kien ikollu ħafna affarijiet ta' l-ikel minn tiegħu stess. Xi drabi frottijiet merfugħa għax-xitwa jinħassu itjeb. Għalhekk fejn jidħlu l-ħarrub u l-bajtar tax-xewk l-ommijiet kienu sikwit iwissu lil uliedhom li m'għandhomx jesaġeraw f'dan l-ikel għax il-konsegwenzi jistgħu jkunu ta' dwejjaq.

### *Il-Bettiħ*

Frotta oħra li dari kienet tintrefa' għax-xitwa u sservi sal-Għid il-Kbir kienet il-bettiħ li kien jintrefa' fuq xi bejt billi jitqiegħed waħda tistrieħ ma' l-oħra. Il-bettiħ kien jitqiegħed fuq rasu, jiġifieri bil-għerq 'il fuq biex ma jitħassarx. Illum dan m'għadux possibbli għax il-bettiħ tagħna ġie ppastardjat bil-bettiħ ta' Israel li ma jservix.

### *Ikel mid-Dqiq*

Fost l-akbar rigali li tatna n-natura, insibu x-xtieli taż-żara', l-aqwa fosthom il-qamħ u x-xgħir. Iż-żerriegħa tikber fis-sbul, is-sbul jindires, u l-qamħ u x-xgħir, imsejjaħ tgħam, kif ukoll maħlut, jittieħed għand it-taħħan biex jitħnu u jagħmlu dqiq. Il-kelma dqiq hija waħda verament antika, għax fiż-żminijiet l-aktar imbiegħda, it-tgħam, jiġifieri l-qamħ u x-xgħir, ma kinux jitħnuh, imma jdoqquh - jagħtuh id-daqqiet bil-lida - ġewwa mehrież sakemm jitfarrak. Il-lida tkun biċċa ħadida bit-tarf imbaċċaċ, u l-mehrież ikun bħal ħawt tar-rħam. Taraw, kemm hu qadim l-ilsien Malti!

Illum id-dqiq jiġi minn barra u l-ħobż nixtruh lest. Hux kemm hu komdu? Imma dari ma kienx hekk. Il-bidwi kien ikabbar ħafna żara' fl-egħlieqi tiegħu biex jiġbor ħafna tgħam: qamħ, xgħir u maħlut. Imma dan lanqas ma kien iservi għall-popolazzjoni kollha ta' dawn il-gżejjer. Għalhekk igħidu li "Malta qatt ma rruftat qamħ." Ħafna qamħ kien jiġi minn barra, l-aktar minn Sqallija.

Il-bdiewa ta' dari kienu jieħdu l-qamħ għand tal-mitħna biex jitħanhulhom. Kien hawn żewġ xorta ta' mtieħen: dawk tal-miexi u l-oħrajn tar-riħ, li ħafna minnhom kienu nbnew mill-Gvern tal-Kavalieri u oħrajn mill-privat. Meta l-bidwi kien iġib id-dqiq mitħun mingħand tal-mitħna, il-mara tiegħu kien ikollha għeriebel żgħar u tgħarblu biex id-dqiq, is-smid, is-smida, u l-qxura, kollox imur għalih. Imbagħad, meta jmissha, tmur il-forn u tagħġen hi stess il-ħobż b'idejha ġewwa lembi li jkun bħal skutella kbira mibnija apposta fejn issir il-għaġna. Waqt li tkun tagħġen, mal-għaġina tħallat xi ftit ħmira, jew għaġina qarsa, biex il-ħobż ikun jista' jogħla u jiġi artab u tajjeb. Mingħajr ħmira l-ħobż jibqa' ażżmu, ma jitlax u jkun iebes. B'dana kollu ġie li kienu jagħmlu ħobż ażżmu jew mazzot għal żmien il-Għid il-Kbir bħala devozzjoni. Imma din kienet ħaġa rari.

### *Il-Ħobż*

Meta l-għaġna tkun lesta, il-għaġina titqassam f'ħobż u fi ħbejżiet. Fuq kull ħobża l-mara tagħmel sinjal bil-għaġina stess biex tagħraf il-ħobż tagħha minn tan-nies. Imbagħad il-furnar ixoqq ħafif kull ħobża bis-sikkina, u jdaħħlu fil-forn moħmi bil-ħatab u bix-xewk. Meta jsir, il-ħobż ikollu qoxra ta' lewn safrani, tfuħ u tqarmeċ. Iżda l-qalba tal-ħobż, imsejħa l-ilbieba, kienet tkun samranija għax id-dqiq tat-taħħan ma kienx ikun raffinat. Il-mara tad-dar kienet tagħmel ħobż biżżejjed biex iservi ġimgħa. Billi kien ikun ħobż tal-qamħ u tax-xgħir, għalkemm samrani, kien ikun sustanzjuż iżjed minn dak raffinat, u aktar ma jeqdiem, aktar jitjieb. Minbarra l-ħobż, jekk jibqa' xi ftit dqiq żejda, il-mara tad-dar kienet tagħmel bziezen żgħar inkella xi qarmuċ biex jikluhom it-tfal.

### *Ftajjar, sfineġ, ravjul u fdewwex*

Bid-dqiq, il-mara tal-bidwi kienet tagħmel kull xorta ta' ftajjar, sfineġ, ravjul, fdewwex, torot, pastizzi, u qassatat. Il-ftira kienet tkun mimlija bil-ġbejniet jew bl-irkotta. Tip ta' ftira oħra li ssir fil-forn kienet tissejjaħ xawwata. Sfinġa kienet tkun ftira rqiqa u ratba moqlija fit-taġen, u meta tagħmel ir-ravjul, jekk jibqagħalha xi ftit għaġina żejda, kienet tqattagħha strixxi strixxi, imsejħin fdewwex, tgħallihom mar-ravjul u jikluhom fil-ħalib. It-torot jew torti u l-pastizzi kienu jkunu mimlija bil-ġbejniet jew bl-irkotta, hekk ukoll il-qassatat, imma dawn kienu jsiru fi żmien il-Għid il-Kbir u mal-ġbejniet tħallat il-ful aħdar. Ikel antik ieħor kienu l-kavati li kienu jkunu bħal ftietel tal-għaġina bil-għasel fuqhom. Min din il-kelma għandna wkoll l-isem tal-"kagħak tal-kavatelli", dari popolari f'Għawdex fi żmien il-Milied.

### *Għasida tas-Smid*

Wara li tgħarbel id-dqiq tat-taħħan, il-mara tal-bidwi l-qxura kienet tagħtiha lill-bhejjem. Is-smida terġa' tgħarbilha, il-ħoxna tgħassidha lit-tiġieġ biex jikluha, u l-irqiqa, li kienet tissejjaħ "smid", tagħmilha għasida għall-familja. Il-għasida kienet tkun imħawra bit-tursin, bil-bżar jew b'xi ħxejjex oħra aromatiċi.

Kagħak, biskotti, biskutteli u gallett dari kien hawn ukoll fran li jagħmlu l-kagħak jew qagħaq, - qagħqiet kemm ħelwin, kif ukoll m'humiex - il-biskotti, biskuttelli, gallett u fi żmien il-Għid il-Kbir, il-figolli. Il-mara kienet tieħu d-dqiq għand il-furnar u dak jaħdmu skond kif tkun tixtieq hi. Dari bid-dqiq, li jkun imħallat apposta, kienu jagħmlu kull xorta ta' pasti, imqaret mimlija bit-tamar u moqlija fiż-żejt, u ftietel, wieħed fettul. Ix-Xewkija kien hemm il-forn tal-gallett, ta' Rapa. Hemm iżjed x'wieħed igħid dwar il-fran f'Għawdex.

### *Tipi ta' Għaġin*

Il-għaġin, imqarrun, tarja (għaġin irqiq tal-brodu), ilsien il-għasfur, spagetti, spagettuni, kusksu jew kuskus, makkaruncelli, ħoloq u żibeġ, stilel u għeġejjen oħra kienu jsiru għand tal-għaġin b'magni apposta. Jien niftakar sewwa l-magna tal-għaġin ta' Ġużepp ta' l-Isfar mix-Xewkija li kienet tinsab Triq it-Tiġrija, ir-Rabat, quddiem il-bieb ta' fuq tal-Villa Rundle.

### *Ħobż għad-Devozzjoni*

Fl-aħħar nett kien hemm xi ħobż żgħir ħafna li kien isir għad-devozzjoni bħall- Ħobż ta' Sant'Antnin, il-Ħobż ta' San Nikola, u l-Għażżiela taż-Żebbuġ, Għawdex, jiġifieri isem il-Madonna maħdum bil-għaġina u msajra fiż-żejt. Din kienet tinżamm minn sena għal oħra biex tħares id-dar mis-sajjetti. *(Jissokta)*

ATTWALITÀ




# GĦAWDEX FIL-MEDIA LOKALI

*Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*

Għawdex huwa gżira ċkejkna ta' madwar 28,000 ruħ. Xorta iżda ta' spiss narawh fuq il-ġurnali; anzi nżid ngħid li mhux dejjem qed jingħata dak li ħaqqu! Għad li żgħira fid-daqs, gżiritna hija dejjem bejta ħajja ta' attivitajiet li għandha poplu bieżel u intelliġenti li jistħoqqlu ħafna aħjar u li mhux dejjem qed jieħu dak li bi dritt jimmeritah. Każ tipiku li nnutajtu dan l-aħħar huwa l-fatt li l-gazzetta li toħroġ ta' kuljum bl-Ingliż *'The Times'* m'għadx għandha s-suppliment ta' Għawdex. Tgħid Għawdex mhux relevanti f'għajnejn id-direzzjoni ta' dan il-ġurnal?! Nemmen li bi ftit tarrieda tajba, il-qarrejja ta' dal-ġurnal jerġa' jibda jkollhom stampa ċara ta' dak li jkun għaddej fil-gżira Għawdxija. Ejja ma noqogħdux nixxaħħu għal ftit reklami ma' gżira fejn din il-gazzetta għandha wara kollox ċirkolazzjoni tajba!

Kif jaf kulħadd, Għawdex m'għandux ġurnal tiegħu w allura l-ġurnali li għandna għandhom iħossuhom fid-dmir li jiddedikaw regolarment ftit spazju għal dak li jkun għaddej fil-gżira tagħna. Biex tagħqad, dan l-aħħar f'Għawdex kienet bdiet toħroġ gazzetta ta' kull xahar bl-Ingliż, *'The Edge'*, u fil-fehma tiegħi kienet bdiet taqbad sew ir-rittmu, iżda ħabta u sabta, din waqfet milli tkompli toħroġ. Kienet toħroġ bl-Ingliż u dal-fatt kien jagħtini ftit fastidju. Jista' jkun li dan kien wieħed mill-fatturi li waqfet ħesrem. Il-ftit edizzjonijiet li laħqu ħarġu, nizluli tajjeb u kont offrejt anke s-sehem letterarju tiegħi. Id-direzzjoni mnejn Savina ma tatna l-ebda informazzjoni ta' x'ġara u ma ġarax. Ma neħdux gost li waqfet meta Għawdex kien sa jkollu vuċi oħra differenti.

Bla dubju, għandna xi ġurnali li jagħtuna paġna fil-ġimgħa, b'mod speċjali dawk tal-partiti. (Naturalment dawn iridu minn Għawdex, għalkemm dan l-aħħar xi ħadd ried jorbotna mal-Mellieħa!). L-istess tagħmel *'Il-Ġens'* u s-*'Sunday Times'* u bosta drabi *'It-Torċa'*. *'Il-Mument'* jaħseb fina kull ħmistax permezz ta' ġurnalista Għawdxi li jaħdem *'full time'* mal-*Media.Link*.

Iżda ħalli nfakkru li fl-10 tax-xahar ta' Ġunju, ir-rivista tagħna *'Il-Ħajja f'Għawdex'* għalqet 61 sena, rivista ta' kull xahar li ma waqfet qatt tagħti servizz, għalkemm ejja ngħidu li qed titfa' kontinwament piż finanzjarju fuq id-djoċesi Għawdxija li tgħinha biex tibqa' miexja 'l quddiem. Hija rivista ta' livell għoli b'għadd ta' kontributuri varji. Jiddispjaċini ninnota li r-*'reading public'* mhux tajjeb daqskemm wieħed jixtieq u għalhekk nappella biex insaħħu l-kultura tal-qari fost il-poplu tagħna. X'hemm ħażin, per eżempju, li meta tiġi biex tagħti rigal, tagħti abbonament għal sena! Intant, il-Knisja tistampa wkoll kull *weekend* il-Bullettin tal-Ħadd li jitqassam b'xejn lil-familji kollha, mezz ieħor ta' tagħrif li jiftaħ tieqa fuq il-parroċċa jew raħal.

Dawn huma żewġ pubblikazzjonijiet tagħna li jaslu għand il-familji għawdxin b'mod regolari, jagħtuhom ħafna tagħrif u tagħlim u għalhekk inħoss li għandna nagħtuhom is-sapport kollu tagħna. Nistaqsi: Għaliex *'Il-Ħajja f'Għawdex'* għandu jkollha biss ma' l-elf abbonat fi gżira ta' madwar 28,000 ruħ, fejn għandek daqshekk familji b'żgħażagħ li qed ikomplu l-edukazzjoni terzjarja tagħhom u tant impjegati fiċ-Ċivil u oqsma oħra akkademiċi!

Illum it-*television* sar neċessarju u bżonnjuż daqs il-*'fridge'* u l-*'cooker'* u ma tidħolx f'familja li ma ssibilhomx sett tat-televiżjoni meta mhux iktar minn wieħed ukoll! L-iżball huwa meta naħsbu li kull ma jingħad minn ġo din il-'kaxxa ż-żgħira' huwa vanġelu! Madankollu, programmi tajbin insibu wkoll, u ma jonqsux xi wħud dwar Għawdex li huma mimlija tagħrif interessanti fuq *TVM, Super One* u *NET*.

Fil-lista tal-mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali llum żdied ukoll il-*computer* u mill-kumdità ta' darek tista'

tniżżel ħafna ħwejjeġ u tagħrif ankè dwar Għawdex għal '*projects*' u l-'*homework*' ta' uliedek. Tista' wkoll issir taf fuq artijiet imbiegħda u barranin, fuq it-temp, sa tista' tħallas u tibbukkja l-ajruplan. Iżda rridu noqogħdu attenti għax permezz ta' din it-teknoloġija reċenti u moderna, tista' ssib ruħek fuq '*sites*' li ma jagħmlu xejn ġid u tista' tidħol f'diskursati (*chatting*) ma' nies li ma jkunu xejn jaħsbuha bħalna, jew agħar u agħar ikollhom xi aġenda moħbija. Hemm '*websites*' u '*websites*'. Hawn ta' min isemmi u jfittex l-għadd sabiħ ta' 'websites' Għawdxin, mimlija tagħrif dwar Għawdex, speċjalment dawk tal-Ministeru għal Għawdex, tal-Kunsilli Lokali, tal-Kurja, parroċċi u xi għaqdiet kulturali għawdxin. Prosit lil min jieħu ħsiebhom u jaġġornahom!

Naħseb li l-Pluraliżmu fix-Xandir ukoll kompla jgħin biex fi djarna, kemm fuq it-*television*, kif ukoll fuq ir-*radio*, daħlu iktar stazzjonijiet lokali u l-għażla kompliet titwessa. Jiena niftakar ir-*Rediffusion* li kien mezz kif wieħed jista' joqgħod id-dar jisma' kwalunkwe tip ta' programmi, imma kien '*one way traffic*', fis-sens li kellu biss semmiegħa, kollha '*at the receiving end*'. Illum l-istorja nbidlet totalment u n-nies erħilha taqbad it-telefon u tieħu sehem fil-programmi '*live*' f'diskussjonijiet, '*chat shows*' bħalma kont nagħmel jien u erġajt qed nagħmel fuq l-istazzjon ta' parroċċa, li bħalu nibtu xi ħdax f'Għawdex. Kulħadd jista' jsemma leħnu, u l-Għawdxin ma jibqgħux lura. Sa ftit taż-żmien ilu Għawdex kellu wkoll l-uniku '*radio station*' li kien jitrasmetti 24 siegħa kuljum u kien segwit ħafna – *Radio Calypso*. Ma ngħidx li radjijiet oħra ma jagħtuniex xi ftit ta' l-'*air-time*', iżda x'differenza jkollok f'Għawdex il-*Calypso Radio* bi preżentaturi u *disc jockeys* għawdxin! Id-direzzjoni ġdida f'Buġibba lanqas indenjat tagħmel kuntatt mal-preżentaturi għawdxin li għal tnax-il sena żammew lil dan ir-*radio* għaddej, u tagħtihom ċans jippreżentaw xi programm minn Għawdex...

F'Għawdex għandna l-'*Għaqda Ġurnalisti Għawdxin*' imwaqqfa fl-1960 mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi u l-Kav. Koli Apap. Ta' kull sena tlaqqa' l-ġurnalisti u kittieba fil-festa ta' San Franġisk de Sales, Isqof ta' Ginevra u Patrun tal-Ġurnalisti. Din iżda teħtieġ is-sapport sħiħ ta' l-edituri tal-ġurnali kollha biex tkun tista' timxi 'l quddiem. Xi ftit għajnuna li kienet tingħata wkoll mill-*Gozo Channel* biex tmexxi lil Għawdex 'l quddiem ġiet imwaqqfa xi żmien ilu!

Intant, dan hu fil-qosor Għawdex u l-Media. Kelma ta' l-aħħar fuq il-lingwaġġ li nużaw. Importanti li l-Malti li nużaw fil-Media tagħna ikun il-Malti ta' l-Akkademja (li minnha jien nifforma parti), Malti tajjeb, kemm fuq it-TV u r-*Radios* kif ukoll fuq il-ġurnali u l-perjodiċi tagħna, biex b'hekk il-messaġġ jasal tajjeb u jħalli l-frott mixtieq, għall-ġid ta' Għawdex u l-Għawdxin.

# "Il-Ħajja f'Għawdex" tagħlaq 61 sena



*Nhar is-Sibt fil-għodu, 10 ta' Ġunju, Mons Isqof Mario Grech qaddes fil-knisja mperrċa fuq il-blat, iddedikata lill-Madonna, qabel tilħaq il-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. Huwa kien akkumpanjat mill-Arċipriet tal-Qala u saċerdoti oħra fosthom Dun Anton Sultana u Fr. Reuben Micallef, it-tnejn li huma responsabbli mill-pubblikazzjoni tar-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex".*



*L-okkażjoni kienet it-tifkira tal-61 sena mill-bidu ta' din ir-rivista li fi kliem Mons Isqof Mario Grech qed tagħmel mill-aħjar li tista' biex tkompli tħares l-interessi ta' Għawdex, rivista orjentata fuq il-linji pastorali tad-Djoċesi, u li għandha tkompli tgħinna ngħixu l-valuri nsara. Għadha attwali t-twiddiba ta' San Pawl lil Timotju (meħuda mill-qari ta' dik il-għodwa): "Xandar il-Kelma!" L-isqof imbagħad radd ħajr lil għadd ta' kontributuri li attendew għall-quddiesa u ħeġġiġhom biex ikomplu jagħtu sehemhom biex il- "Ħajja f'Għawdex" tissokta tagħti s-servizz tagħha lil Għawdex u l-Għawdxin. Wara, dawk kollha preżenti kienu l-mistiedna tad-Direzzjoni tar-Rivista għal Pizza u Drinks fuq iż-zuntier ta' din il-kappella msemmija lill-Madonna tal-Blat, għall-arja tal-baħar u l-kampanja.*



***Kav Joe M Attard***

## Passiġġata Biblika - 17

*"Kemm sejrin żball, għax la tafu l-iskrittura u lanqas il-qawwa ta' Alla". (Mt 22:29)*

# MIN MA JAFX L-ISKRITTURA... MA JAFX LIL KRISTU

minn Fr. Charles Buttigieg

**San Ġirolmu jippermettili llum nissellef il-frażi tiegħu: "l-injoranza ta' l-Iskrittura hija l-injoranza ta' Alla", sabiex nużaha bħala titlu għal dan l-artiklu, fid-dawl ta' ħafna fantasija u injoranza li nkitbet u ntweriet dan l-aħħar dwar il-persuna ta' Ġesù Kristu. Verament li l-immaġni tal-persuna divina ta' Kristu qegħda tiġi ttraduta, mibjugħa u mċappsa għall-miljuni ta' dollari, kif qalilna b'mod ċar Patri Raniero Cantalamessa, Predikatur tad-Dar Pontifiċja fl-intervent tiegħu tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena quddiem il-preżenza tal-Papa; fejn sostna li miljuni ta' nies qed ikunu mqarrqa llum minn imħuħ żbaljati li qegħdin ibagħbsu l-immaġni ta' Kristu.**

## Il-Mistoqsija: 'Kristu kien miżżewweġ?' ...Injoranza u Ereżija

Li wieħed jistaqsi, u iktar u iktar isostni li Ġesù kien miżżewweġ lil Marija Madalena; jirrifletti nuqqas kbir ta' għarfien tal-vanġeli kanoniċi tal-Knisja: dak ta' San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann, kif ukoll tal-kotba kollha ispirati tal-Bibbja. Din l-injoranza intenzjonata għandha skop ieħor, li l-għeruq tiegħu nsibuh fl-ereżija dwar Kristu, li Ġesù huwa biss bniedem u mhux Alla. Ereżija li trid twarrab għal kollox il-qofol tal-misteru tal-Inkarnazzjoni: *"Hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' ilsir, sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem." (Fil 2:6-7).*

**Dawn il-fantasiji qarrieqa ta' żmienna kienu minn dejjem**; hekk insibu diġà fil-bidu tal-Knisja, l-ereżiji tal-ebjonisti fit-tieni seklu, tal-arjani fir-raba' seklu u l-ereżiji kollha tal-kitbiet injostiċi, li ċaħdu għal kollox id-divinità ta' Kristu. Din l-ereżija ġiet ikkundannata fil-Konċilju ta' Nicea tas-sena 325 W.K., bl-istqarrija li l-iben ta' Alla hu: "mnissel, mhux magħmul, natura waħda mal-Missier." Fis-sebgħinijiet, it-teologu protestant William Phipps kien ippropona li Ġesù kien miżżewweġ u fisser b'mod żbaljat il-ħafna dehriet ta' Ġesù Rxoxt lil Madalena, għax kien proprju miżżewweġ lilha. Uħud minna għandhom jiftakru tajjeb is-snin tmenin, fejn dawn il-fantasiji dwar il-ħajja ta' Kristu kienu ntwerew bħala *films*. Li għandu jħassibna llum, mhux biss xi ktieb jew xi film, imma pjuttost dik il-'mewġa intenzjonata' li trid tfarrak il-pruwa tad-'dgħajsa' tal-Knisja. Imma huwa kliem Kristu stess li jagħmlilna kuraġġ: *"...u s-setgħat ta' l-infern ma jegħelbuhiex" (Mt 16:18)*, għax Huwa jibqa' dejjem magħha.

Għalhekk ser nuri f'dan l-artiklu li Ġesù ma kienx miżżewweġ lil Marija Madalena jew xi mara oħra, permezz ta' tliet argumenti fundamentali. L-ewwelnett għaliex Ġesù huwa veru Alla u veru bniedem, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, l-Iben ta' Alla, li bħala bniedem perfett iħabbar diġà is-Saltna tas-Smewwiet. It-tieni għaliex il-vera 'għarusa' ta' Kristu hija l-Knisja u t-tielet għaliex il-missjoni tal-imħabba ta' Kristu hija waħda universali u ma tistgħax tkun marbuta ma' persuna waħda. Dan l-istudju ser isir bl-għajnuna tal-vanġeli għax: *"... il-kelma tiegħek hi l-verità" (Ġw 17:17)* u naraw ukoll kif anke l-apokrifi stess u l-kitbiet pagani, qatt ma jsemmu li Ġesù kien miżżewweġ.

## A. Ġesù Kristu: Veru Alla u Bniedem Perfett - *Il-Vanġeli Kanoniċi*

**Fl-ebda vanġelu kanoniku ma nsibu li Ġesù kien miżżewweġ.** Dan ma jfissirx li Ġesù kien kontra ż-żwieġ jew kontra n-nisa. Ġesù ma kienx miżżewweġ, għaliex il-Persuna Divina ta' Kristu hija 'l fuq mill-iskop u l-finijiet taż-żwieġ bejn raġel u mara fuq din l-art u għaliex l-umanità perfetta tiegħu tħabbar diġà s-Saltna tas-Smewwiet: *"...fejn la jiżżewġu u lanqas jiżżewġu" (Mt 22:30).* Dan hu argument fundamentali li ma jnaqqas xejn mil-libertà u mill-volontà ta' Kristu.

Ġesù stess jitkellem miċ-ċelibat fejn isemmi dawk il-persuni li jiċċaħħdu li jiżżewġu għas-Saltna ta' Alla: *"...u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet..." (Mt 19:12).* Iċ-ċelibat ma kienx xi ħaġa ta' barra minn hawn fiż-żmien Ġesù, kien jiġi pprattikat minn xi individwi ta' spiritwalità kbira. Għalhekk l-ideja, li fi żmien Ġesù ma kinetx drawwa li raġel jibqa' ġuvni imma kellu jiżżewweġ bilfors, m'hix eżatta. Infatti l-profeta Ġeremija kien imsejjaħ proprju minn Alla biex jgħix il-ħajja tiegħu ċelebi (ara Ġer 16:1). San Ġwann il-Battista ma kienx miżżewweġ kif ukoll kien l-appostlu San Ġwann l-Evanġelista. San Pawl stess kien ċelebi (ara 1 Kor 7:7), fejn huwa jħares lejn iċ-ċelibat bħala don partikulari tal-grazzja fejn wieħed jingħata esklussivament għal Alla. Fiż-żmien Ġesù insibu l-komunità ta' Qumran, l-Esseni, fejn l-irġiel kienu jiddedikaw ħajjithom lil Alla fiċ-ċelibat. Anke l-kitbiet ġudajċi bħal il-'Mixna' u t-'Talmud' li jitkellmu ħafna mill-astinenza sesswali qabel is-servizz liturġiku, jitkellmu ukoll miċ-ċelibat. Infatti nsibu ukoll xi Rabbini li kienu ċelibi.

Minn naħa l-oħra Ġesù wera b'mod ċar il-qdusija taż-żwieġ, anzi għollih għal-livell ta' sagrament u saħaq kontra d-divorzju: *"...Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara, u qal, 'Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed'? Għalhekk m'humiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (Mt 19:4-6, ara ukoll Mk 10:1-12 u Lq 16:18).* Infatti, l-appostli ħafna minnhom kienu miżżewġin (ara 1 Kor 9:5), bħalma kien San Pietru fejn tissemma ukoll il-kunjata tiegħu li Ġesù fejjaqha mid-deni li kellha (ara Mk 1:29-31).

Fuq kollox Ġesù juri rispett u jagħti dinjità lill-mara, f'kultura fejn il-mara kienet għadha sottomessa għar-raġel (għalkemm fil-kultura lhudija, il-mara kellha rispett kbir f'konfront ma' kulturi oħra). San Luqa jsemmi n-nisa twajba li marru wara Ġesù sabiex isegwuh ukoll: *"Kellu miegħu t-Tnax; u xi nisa li kien fejjaqhom mill-ispirti ħżiena u mill-mard; Marija, li kienu jgħidulha ta' Magdala, li minnha kienu ħarġu seba' xjaten; Ġwanna, mart Huza, prokuratur ta' Erodi; Susanna, u ħafna oħrajn, li kienu jaqduhom minn ġidhom" (Lq 8:1-3).* L-ewwel xhieda tal-Qawmien ta' Kristu jkunu proprju n-nisa li marru sabiex jidilku l-ġisem mejjet ta' Ġesù wara li għadda s-Sibt imma sabu l-'qabar vojt'.

Fl-aħħarnett insemmu d-djalogi ta' Ġesù man-nisa, li m'humiex ftit fil-vanġeli; fejn l-ebda waħda minnhom ma hija magħrufa mill-evanġelisti bħala l-mara tiegħu: il-mara Samaritana; Marta u Marija, l-aħwa ta' Lazzru; il-mara adultera; Marija Madalena u diversi episodji oħra. Ħaġa oħra ta' min isemmi f'dan l-artiklu, hija li Marija Madalena qatt ma hija msemmija li kienet preżenti fl-Aħħar Ċena; kienu preżenti l-appostli biss u dan bir-raġun, għax f'ikliet bħal dawn, in-nisa kienu jkunu dejjem f'kamra oħra għalihom.

### *- L-Apokrifi*

L-apokrifi huma dawk il-kitbiet li ma ġewx meqjusin mill-Knisja bħala ispirati minħabba d-dettalji sekondarji li fihom u għalhekk ma ġewx inklużi fil-lista tal-kotba tal-Bibbja. Fihom anke xi esaġerazzjonijiet bla bażi u għalhekk ġew moħbijin u npoġġija għal ġenb għax kellhom kontenut dubjuż, anzi żbaljat f'xi uħud minnhom.

Iżda kontra dak li sikwit jingħad, **fl-ebda vanġelu apokrifu ma niltaqgħu maż-żwieġ ta' Ġesù mal-Madalena jew isemmu lill-Madalena bħala l-mara ta' Ġesù**. Il-Madalena hija msemmija bħala waħda mid-dixxipli u ħabiba ta' Ġesù. Fil-vanġelu apokrifu ta' Marija Madalena, hija msemmija bħala dik l-iktar 'ippreferita' minn Ġesù. Fil-vanġelu apokrifu ta' Filippu f'63:30, insibu imbagħad li Ġesù kien ibus lil Marija Madalena. Hija din 'il-bewsa' li ġiet interpretata b'mod ħażin. B'daqshekk ma jfissirx li Ġesù kien miżżewweġ. L-ewwel insara bħala sinjal ta' paċi kienu jagħtu l-bewsa tal-paċi lil xulxin. Irridu niftakru l-ewwelnett li l-bewsa għandha sinifikat importanti fil-kultura biblika. Hija espressjoni ta' fedeltà, ta' ħbiberija, ta' rispett u tal-komunikazzjoni tal-verità bejn żewġ persuni. Hija ukoll att spiritwali fejn il-bniedem li jilqa' l-bewsa jkun jilqa' l-grazzja ta' Alla. Hawnhekk nistgħu nifhmu l-gravità tal-bewsa ta' Ġuda, bewsa ta' fedeltà li ssir sinjal ta' tradiment. Il-bewsa b'tgħanniqa mbagħad hija sinjal ta' tislima kif naraw fl-Antik Testment, bejn l-aħwa Ġakobb u Esaw (ara Ġen 33:4) u t-tislima ta' San Pawl lill-komunità f'1 Kor 16:20: *"insellmulkom l-aħwa kollha. Sellmu lil xulxin b'bewsa qaddisa"*. Għalhekk, saħansitra, il-kitbiet apokrifi stess, qatt ma jsemmu lil Marija Madalena miżżewġa lil Ġesù.

### *- Kitbiet Pagani*

Punt ieħor li mhux ta' min iwarrbu, huwa li **lanqas dawk il-kittieba tal-ewwel sekli li ħaduha kontra r-reliġjon il-ġdida ta' Kristu, ma jsemmu li Ġesù kien miżżewweġ**. L-awturi pagani bħal Tacitu u Svetonju qatt ma kitbu li Ġesù kien miżżewweġ lil Marija Madalena.

## B. Il-vera u l-unika għarusa ta' Kristu

L-analoġija taż-żwieg hija storja dominanti li niltaqgħu magħha fl-Antik Testment, l-istorja ta' imħabba bejn Alla u l-poplu tiegħu: *"Il-għarus tiegħek il-ħallieq tiegħek, il-Mulej ta' l-eżerċti jismu; il-Feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Israel, 'Alla ta' l-art kollha' jissejjaħ" (Is 54:5).*

Fil-Ġdid Testment din ir-rabta ta' imħabba, isseħħ fi Kristu mal-Knisja. Għalhekk l-unika 'għarusa' ta' Ġesù hija l-Knisja kif naraw tajjeb f'Ef 5:25: *"Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha"* u f'2 Kor 11:2: *"Jiena għajjur għalikom bl-istess għira ta' Alla, għax jiena għarrastkom lil għarus wieħed, bħallikieku kontu xebba safja biex inressaqkom quddiem Kristu"*. San Pawl ikompli jħares lejn iż-żwieġ nisrani bħal mera taż-żwieġ ta' Kristu u l-Knisja: *"għax aħna lkoll membri tal-Ġisem tiegħu. Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru qiegħed ingħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir!..." (Ef 5:30-33).* Anke l-aħħar ktieb tal-Bibbja, l-Apokalissi, juri ukoll dan il-ħsieb, fejn naraw il-glorja tal-għarusa, mart il-ħaruf (ara Apok 21:9-10).

## C. It-Tgħanniqa Universali ta' Kristu

Ġesù, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, sar bniedem bħalna mhux biex iħobb persuna waħda u jingħaqad magħha fiż-żwieġ, imma biex iħobb lill-bnedmin kollha. Din hija l-missjoni tal-imħabba ta' Alla: *"Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3:16).* It-tgħanniqa tal-Imħabba ta' Kristu trid tiġbor lil kulħadd sabiex jagħmilna lkoll familja waħda, dik ta' Alla. Il-qofol ta' din l-Imħabba ta' Alla, laħqet il-qofol tagħha fil-glorja tas-salib: *"U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja." (Ġw 12:32).*

Sfortunament xi uħud, ma jgħarfux din l-imħabba ta' Kristu u minflok jippruvaw jinbidlu huma, jgħawġu l-verità ta' Kristu, saħansitra jċappsu l-persuna tiegħu billi taparsi jagħmluha iktar 'attrajenti' u 'romantika'. Hemm bżonn li jinbidlu huma u mhux ibiddlu lil Kristu! Kellu raġun San Pawl jgħid: *"...imma aħna nxandru lil Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi" (1 Kor 1:23).*

Nagħmlu stedina biex inkomplu mela niffurmaw ruħna bħala insara bit-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, fejn hemmhekk biss naslu biex ngħarfu lil Kristu: *"L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla u tiswa biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett..." (2 Tim 3:16-17).*

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ħidma u Proġetti b'risq ir-raħal ta' San Lawrenz

**Jikteb Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz**

**San Lawrenz: ir-raħal tal-meravilji, raħal fil-punent ta' Għawdex bi storja rikka, kultura ħajja, imżejna bl-isbaħ siti li l-Ħallieq għoġbu jżejjen bihom lil pajjiżna. Raħal b'popolazzjoni ta' ftit aktar minn ħames mitt ruħ.**

Il-politika tal-Kunsill Lokali San Lawrenz iddur mal-bniedem, għalhekk nemmnu li kull attività, kull proġett li jiġi mwettaq ikun għall-bniedem. Ninvestu flus il-poplu li jiġu afdati f'idejn ir-rappreżentanti tal-poplu sabiex intejbu l-livell ta' għixien f'kull settur.

Il-membri eletti ta' kull leġiżlazzjoni jħarsu lejn il-gvern lokali bħala l-aktar strument tajjeb sabiex iċ-ċittadin jingħata l-aħjar servizz b'dinjità. Hija priorità għalina li ċ-ċittadin iħossu komdu, ferħan u moħħu mistrieħ li jgħix ġo San Lawrenz. Naħdmu ma' l-għaqdiet kollha sabiex nagħmlu mill-lokalità tagħna, lokalità attiva fejn kull ċittadin iħossu li qed jifforma parti minn komunità ħajja. Qed nippruvaw insawru komunità solidali flimkien, għalhekk il-ħidma tagħna naħdmuha fuq dawn il-pilastri:

### • Proġetti kbar (Ħidma infrastrutturali)

Bil-proġetti ta' infrastruttura li qed inwettqu fir-raħal mhux biss qed intejbu l-livell ta' l-għixien iżda wkoll nedukaw lill-poplu u nsaħħu l-mentalità ta' aktar tisbieħ ambjentali. Fl-istess ħin qed nagħtu wkoll priorità lill-kunċett ta' aċċessibbiltà. Finalment niżguraw li l-poplu tagħna jkun involut fit-teħid tad-deċiżjonijiet f' diversi laqgħat pubbliċi li jsiru.

***Asfaltar ta' Toroq*** - Toroq li ġew miksija u ħafna drabi mibnija mill-ġdid huma, Triq Nicholas Monsarrat, Triq ta' Bieb il-Għar,Triq Dun Salv Portelli, Triq it-Torri ,Triq Wied Merill, Triq il-Wileġ u parti minn Triq il-Ġebla tal-Ġeneral, u Triq Ciangura. Dan ifisser li 85 fil-mija tat-toroq tar-raħal huma asfaltati mill-ġdid. It-toroq kollha msemmija inbidlilhom il-*main* tal-ilma u f' diversi toroq oħra sar ukoll *water culvert*. F'dawn l-istess toroq il-kunsill ħa ħsieb li t-toqob tal-arbli tal-festa jitgħattew b'tappieri apposta .

***Water Culverts*** - Aħna konxji mill-problema kbira ta' għargħar ta'l-ilma li kienet teżisti f' xi toroq tar-raħal. Għalhekk il-Kunsill ħaseb sa mill-bidu sabiex isolvi din il-problema b'*waterculverts* . Dawn saru fi Triq il-Wileġ, Triq id-Duluri, parti minn Triq San Lawrenz, fi Triq Ciangura. Sar ieħor fi Triq Dun Salv Portelli, parti minn Triq Nicholas Monsarrat u Triq ta' Bieb il-Għar.

***Bankini*** - Il-Kunsill enfasizza wkoll fuq l-aċċessibbiltà tal-bankini. Għalhekk il-Kunsill imbarka fuq proġett li jwassal sabiex apparti li jkollna bankini uniformi, dawn ikunu wkoll ta' użu għal kulħadd.

### • Tisħiħ ta' l-identità

Matul dawn l-aħħar snin il-Kunsill ħadem ukoll sabiex isaħħaħ l-identità tal-lokalità permezz ta' monumenti. Permezz ta' dawn, il-Kunsill ried ukoll ifakkar lil dawk il-Lawrenzjani li ħadmu sabiex illum qed ingawdu din il-lokalità. Dawn il-proġetti inkorporaw fihom ukoll *open spaces* li jkomplu jsebbħu l-ambjent tal-madwar, u jaqdu l-bżonn ta' rikreazzjoni. Saru Monumenti f'ġieħ Dun Salv Portelli l-ewwel Kappillan (quddiem l-iskola), Nicholas Monsarrat, kittieb famuż ingliż li għex fir-raħal tagħna (quddiem il-librerija) u fil-preżent qed isir ieħor f' ġieħ Dun Ġuzepp Cauchi qassis mir-raħal (fl-*area* magħrufa ta' Bieb il-Għar)



***Faċilitajiet sportivi u rikreattivi*** - Saru *belvedere* u *playing field* fi Triq Nicholas Monsarrat. Dan kien proġett li ntlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti speċjalment mill-familji li għandhom it-tfal żgħar. Fl-istess sena twettaq proġett ieħor importanti fil-lokalità, dak ta' *ground* bit-*turf* sintetiku.

### • Ninvestu fl-edukazzjoni

Nemmnu wkoll bis-sħiħ li rridu ngħinu ħafna lill ġenituri



tagħna jaffrontaw l-isfidi li jiltaqgħu magħhom fit-trobbijja ta' uliedhom. B'dan il-ħsieb f'moħħu il-Kunsill Lokali ma tul is-snin organizza b'mod professjonali diversi korsijiet intensivi għall-ġenituri u wliedhom, fost l-oħrajn jiġu organizzati *empowerment courses* għat-tfal li ser jibdlu l-iskola bħalma huma studenti tal-*Year 6,* studenti tal-*Form 5* u studenti tas-*6th form* separatament. Il-Kunsill Lokali San Lawrenz qed jipprepara lil dawn l-istudenti jaffrontaw l-isfidi li toffrilhom il-ħajja.

Bħala parti mill-politika edukattiva tiegħu l-Kunsill jagħti wkoll l-għajnuna u s-sapport lill-istudenti fil-mixja edukattiva tagħhom, bħalma huwa servizz ta' *photo copying*, riċerka, u kull assistenza oħra immaġinabbli. Il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jirrikonoxxi pubblikament is-suċċess li jkunu kisbu dawn l-istudenti, billi waqt serata li tiġi mtellgħa fil-jiem tal-festa, jissejħu fuq il-palk u jingħataw dan ir-rikonoxximent. Il-Kunsill Lokali jemmen ukoll fil-*life long learning,* liema edukazzjoni tibqa' tingħata anke wara ż-żmien obligatorju ta' l-iskola. Għal dan il-għan isiru diversi korsijiet oħra għal adulti.

***Twaqqif ta' Librerija u Reference room*** - Il-Kunsill Lokali minn dejjem kien il-promotur ewlieni tal-qari fil-lokalità tagħna. Il-Kunsill bidel is-swali tal-librerija, għamilhom aktar qrib l-iskola, b'faċilitajiet moderni u attrezzahom bl-aktar mod professjonali u attraenti. Biex inħajru aktar il-qari fit-tfal tagħna, matul il-ġranet tas-sajf u wkoll darba fil-ġimgħa fil-ġranet ta' l-iskola l-Kunsill jorganizza sessjonijiet ta' qari għat-tfal minn persuni kwalifikati fil-qasam.

Dan l-aħħar il-Kunsill Lokali wkoll poġġa lir-raħal tagħna fid-dinja teknoloġika permezz ta' sit fuq l-internet li jagħti l-informazzjoni kollha fuq ir-raħal tagħna. Dan is-sit qed ikun aġġornat kuljum bl-aħbarijiet mir-raħal, u jagħti opportunità lil kulmin jixtieq jikkontribwixxi permezz ta' kummenti. L-indirizz tas-sit huwa http://www.sanlawrenz.gov.mt.

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iggarantixxa edukazzjoni sportiva bit-twettieq tal-proġett ta' grawnd bit-*turf* fil-*ground* ta' l-iskola, id f'id ma' *St Laurence Spurs FC* u l-Iskola Primarja, liema proġett intlaqa' tajjeb ħafna. Dan il-grawnd huwa wkoll mgħammar b'faċilitajiet biex jiġu pprattikati sports oħra bħal *volleyball* u *basketball.* Bl-esperjenza tas-suċċess li ksibna bit-twaqqif tat-team tat-tfajliet tal-*volleyball*, nemmnu li dan il-grawnd jista' jerġa' jagħti spinta 'l quddiem lil dan l-isport fir-raħal.

## • Politika soċjali

Minn dejjem żammejna lil dawk l-aktar fil-bżonn fuq quddiem ta' l-aġenda tagħna. Għalhekk il-Kunsill ħaseb sabiex iwaqqaf *Childcare Centre* fil-lokalità tagħna u konna l-ewwel Kunsill f'Malta u f'Għawdex li daħal għal dan l-obbligu ta' żmienna. L-anzjani tagħna wkoll jipparteċipaw fid-*Day Care Centre* li jsir għalihom darba fil-ġimgħa.

Konxji mill-fatt li xi nies fil-lokalità tagħna, fil-festa ta' San Lawrenz u fil-Milied, l-aktar żewġ ġranet importanti fil-kalendarju soċjali, ma jkollhomx ikla tajba ta' nofs inhar, ħsibna sabiex f'dawn il-jumejn fis-sena jitqassmu *Meals on Wheels.*

***Twaqqif ta' Folkgroup*** - F' Ġunju 2004 il-Kunsill Lokali waqqaf *folkgroup,* l-ewwel wieħed imwaqqaf minn xi Kunsill Lokali u dan bl-iskop li apparti li nżommu d-drawwiet tagħna ħajja nagħtu wkoll opportunità lin-nisa tad-dar li jkollhom żvog ieħor fil-ħajja. Dan il-grupp jimpenja mal-35 ruħ.

***Fondi mill-Unjoni Ewropea*** - Il-Kunsill Lokali tagħna kiseb suċċess kbir fl-akkwist ta' fondi mill-Unjoni Ewropea taħt il-proġett YOUTH liema proġett qed jagħti opportunità liż-żgħażagħ tagħna li jagħmlu esperjenza barra minn xtutna flimkien ma' żgħażagħ oħra Ewropej. Grazzi għal dan il-proġett 90 fil-mija taż-żgħażagħ tagħna kellhom din l-opportunità.

Is-sena li għaddiet il-Kunsill Lokali San Lawrenz iffirma wkoll il-ġemellaġġ ma' Colle Umberto fl-Italja. Għal dan il-proġett il-Kunsill ukoll irċieva fondi mill-Unjoni Ewropea. U f'Mejju li għadda il-ġemellaġġ tal-Kunsill Lokali San Lawrenz ġie magħżul mill-Kumissjoni Ewropea bħala l-ġemellaġġ mudell għall-Ewropa.

Proġett ieħor importanti li qed jitwetteq fil-lokalità tagħna u qed jiġi ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea huwa l-proġett ambjentali tad-Dwejra.

***Il-Proġett tad-Dwejra*** -Matul dawn l-aħħar snin il-Kunsill Lokali kien impenjat ħafna fil-ħidma tal-proġett tad-Dwejra, liema proġett ser iwassal sabiex din il-bajja unika mhux biss f'Għawdex imma fil-bqija tad-dinja, ikollha *management* aħjar. Żgur li kulħadd jaqbel ma' dan, u kien proprju għalhekk li akkwistajna l-fondi mill-UE għal dan il-għan.

Forsi ħafna jistaqsu imma eżatt x'ħa jiġri? Għal dan l-iskop saru diversi laqgħat pubbliċi sabiex kulħadd ikun infurmat u jħossu parti minn dan il-proġett.

Fil-futur qarib ser jingħata bidu għal restawr tal-ħitan tas-sejjieħ kif ukoll għall-irranġar tal-pjazza tad-Dwejra u parkeġġ tajjeb. Ser jiġi mibni ċentru interpretattiv li jkun jista' jintlaħaq minn kulħadd. Il-*boathouses* eżistenti ser isirilhom intervent fuqhom sabiex jiġu kollha regolati u wkoll jingħatalhom *face lift* li jkun jaqbel ma' l-ambjent uniku tal-Qawra. Kif ukoll, wara li qed jirriżulta li qed issir ħsara fuq il-baħar b'dettriment li l-ħut qed kull ma jmur jispiċċa, ser jittieħdu miżuri sabiex dan jiġi mħares.

Il-Kunsill jemmen li dan il-proġett ser iħares lil dan il-patrimonju mhux biss għal-lum imma wkoll għall-futur. Ir-riżultati ser narawhom fil-futur għall-ġid ta' uliedna.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar.

# XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



## *Patri Ġużepp Portelli S.J. (1904-1986)*

### *1. Profil fil-Qosor*

Patri Ġużepp Portelli ma għamilx ħwejjeġ straordinarji iżda għaraf jgħix ta' missjunarju Ġiżwita għal ħajtu kollha fl-Indja.

Twieled fit-28 ta' Mejju 1904 fir-raħal tal-Qala ġewwa Għawdex. Dejjem kien bil-ħajra li jmur reliġjuż iżda ma kienx jaf ma' liema ordni kellu jingħaqad. Kien ta' spiss jitlob lill-Verġni Marija sabiex turih it-triq. Bil-mod il-mod il-Mulej beda jurih li jridu mal-Ġiżwiti. Huwa wasal għal din il-konklużjoni meta kien jistudja fis-Seminarju ta' Għawdex, fejn il-memorja tal-Ġiżwiti kienet għadha ħajja. Fl-aħħar Patri Ġużepp Meilaq S.J. u Patri Franġisk Galea S.J. rranġawlu biex ikun jista' jkellem lir-Rettur tal-Kulleġġ ta' San Alwiġi.

Beda n-novizzjat lejn l-aħħar ta' Settembru 1923 f'Bagharia, f'Palermo ġewwa l-Italja. Ġara li waqt in-Novizzjat, P. Anton Debono S.J. li waqqaf il-missjoni tas-Santals ġewwa l-Indja, telaq għal hemmhekk minn Palermo. In-novizzi kienu preżenti għat-tluq tiegħu. U din l-esperjenza kienet fattur biex Ġużeppi, li kien dejjem bix-xewqa li jmur il-missjoni, jitlob lill-Provinċjal biex iħallieh imur. Għalhekk il-Provinċjal wara n-novizzjat u sena karissimat, fis-sena 1926 tah il-permess biex imur fil-Missjoni ta' l-Indja, fejn kompla l-istudju tiegħu sakemm ġie ordnat saċerdot f'Kurseong fil-21 ta' Novembru 1935.

L-ewwel għoxrin sena tal-ħidma pastorali għaddiehom jieħu ħsieb l-iskejjel kif ukoll bħala kappillan. Iżda f'Marzu ta' 1956 waqt li kien fi żjara fiċ-ċentri tal-missjoni, ġiet l-aħbar li ħatruh superjur tal-missjoni, kariga ta' responsabbiltà kbira. Bħala superjur tal-Missjoni, Patri Portelli kien iqis il-ħatra tiegħu bħala penitenza. Dam f'din il-kariga sa 1961. Matul dan iż-żmien ta' din il-kariga l-Internunzju Mons. Knox, li wara sar Arċisqof ta' Melbourne u Kardinal, għamel żjara fil-missjonijiet kollha biex jara jekk kienx wasal iż-żmien li titwaqqaf xi djoċesi. Patri Portelli ħa sehem fid-diskussjonijiet li saru. U saħansitra kien hemm xi għajdut li kien ser jinħatar bħala l-Isqof il-ġdid. Iżda f'Indja li kienet ħadet l-indipendenza, saret l-għażla ta' wieħed Indjan. Dan kien Mons. Leo Tigga, li ġie kkonsagrat Isqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann mill-Isqof Mikiel Gonzi mgħejjun minn għadd sabiħ ta' isqfijiet indjani.

Imbagħad reġa' għall-ħajja ta' qabel bħala missjunarju. Kien iżur l-irħula, l-iskejjel u jagħmel kuntatt ma' persuni li ma humiex insara. Kien jieħu ħsieb l-katekumeni l-ġodda sabiex iħejju ruħhom għall-magħmudija. Ħadem ħafna wkoll għall-istampa t-tajba bl-ilsien Santali. Iż-żmien tal-missjoni ma kienx ward u żgħar. Huwa stess jikteb: "Matul ix-xogħol tiegħi, iltqajt ma' xi diffikultajiet minħabba l-injoranza, il-kundizzjoni soċjali u l-mentalità tas-Santali, jiġifieri li dawn in-nies kważi kollha kienu f'idejn *unscrupolous money-lenders* u li kienu jiddependu minnhom għal kull bżonn" (minn ittra tiegħu).

Fl-aħħar żjara li għamel Malta ħafna kienu tal-fehma li ma għandux imur aktar l-Indja. Iżda huwa baqa' deċiż li jkompli l-missjoni tiegħu. Fl-aħħar sentejn ta' ħajtu, id-dawl kien naqsu sewwa u ftit li xejn kien iħalli kamartu. Ħalla lil din id-dinja fl-24 ta' Awissu 1986. B'kollox għadda sittin sena fl-art tal-missjoni.

***Angelo Xuereb***









## *Relazzjoni bħala Knejjes Aħwa*

Kif San Pietru u Sant'Andrija kienu aħwa, il-Knisja Kattolika u dik Ortodossa għandhom relazzjoni speċjali bħal knejjes aħwa, qal Benedittu XVI. Wara l-mewt u l-qawmien ta' Kristu, San Pietru mar Ruma biex iwettaq il-missjoni universali li fdalu Ġesù, qal il-Papa waqt l-udjenza ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2006. Sant'Andrija, mar fid-dinja griega u sar "appostlu tal-Griegi". Il-vanġeli juru li f'ħajjithom u f'mewthom, San Pietru u Sant'Andrija kienu "aħwa veri" u l-fraternità tagħhom hi espressa "simbolikament fir-rapport speċjali bejn is-sedi ta' Ruma u Kostantinopji, knejjes (li huma) tassew aħwa", qal il-Papa. Quddiem folla ta' aktar minn 35,000 pellegrini fi Pjazza San Pietru, Benedittu XVI kompla serje ta' diskorsi fuq l-appostli billi dar fuq Sant'Andrija, qaddis patrun tal-Patrijarkat Ortodoss Ekumeniku ta' Kostantinopli.

## *"Boom" ta' vokazzjonijiet fl-Indja*

Il-vokazzjonijiet fl-Indja qed jiżdiedu bħal qatt qabel waqt li numru li qed jikber ta' żgħażagħ qed jitħejjew għas-saċerdozju. F'intervista li ta Fr. Ignatius Prasad, Rettur tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù f'Chennai (ex Madras, fl-Istat Indjan ta' Tamil Nadu), huwa ppreżenta din il-valutazzjoni pożittiva tal-Knisja. Is-saċerdot spjega minħabba n-nuqqas ta' spazju fis-seminarju tiegħu, 23 kandidat ma ġewx aċċettati u kienu kostretti jkomplu l-preparazzjoni tagħhom xi mkien ieħor.

## *"Gara online" għal 'star' nisrani tal-futboll*

Kelliem ta' l-Isqfijiet Olandiżi laqa' tajjeb l-inizjattiva ta' kuntest *online* biex jintagħżel nisrani *star* tal-futboll matul il-*FIFA Word Cup* ta' din is-sena 2006. "Hemm ħafna reżistenza għall-idea li *footballer* jista' wkoll ikun nisrani", qal l-imsemmi kelliemi Pieter Kohen. "Tajjeb turi li *players* li se jsiru *superstars* tul it-turnament huma wkoll nies spiritwali li jemmnu fi Kristu. Hu mod kbir li tevanġelizza fejn normalment ma tistennihiex. Gristlijk, grupp ta' għalliema u *lecturers* kattoliċi u protestanti Olandiżi, ippubblika lista ta' ħdax-il *star* tal-futboll nsara, fuq il-*website* tagħhom *www.gristelijk.nl.*

## *Il-Knisja ttrattat "Da Vinci Code" bi prudenza*

La kien hemm skomuniki u anqas *boycotts* mxerrda mal-Knisja biex jopponu l-film "*The Da Vinci Code*" li ħafna nsara jemmnu li jgħawweġ il-wirt li ħallielna Kristu. B'udjenza diġà lesta minħabba l-bejgħ kbir tan-novella li ġġib l-istess isem, biex ma nsemmux il-pubbliċità kbira, il-film kien popolari. Imma skond Michael Bernacchi, professur tal-*marketing* fil-*University of Detroit Mercy*, it-tweġiba kalma mill-Knisja Kattolika kienet eżattament dak li kien meħtieġ mis-sitwazzjoni. "Il-Knisja bħala *body* formali, istituzzjonali ma setgħetx tittrattaha aħjar", qal Bernacchi wara l-ewwel ġimgħat tal-film fit-teatri. Il-film, li ġie kklassifikat bħala "moralment offensiv" mill-Uffiċċju għall-Film u x-Xandir tal-Konferenza ta' l-Isqfijiet Kattoliċi ta' l-Istati Uniti, għamel aktar minn 77 miljun dollaru fl-ewwel *weekend* tiegħu, skond il-*website BoxOfficeMojo.com.*

## *Kontra l-korruzzjoni fil-Kamerun*

L-iskejjel kattoliċi fil-Kamerun, pajjiż magħruf għall-korruzzjoni li fih, niedew programm biex jgħallmu l-istudenti jagħrfu u jagħixxu kontra d-diżonestà fl-iskejjel tagħhom u fil-bqija tas-soċjetà. "Il-post naturali biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni hi fl-iskejjel" qalet Suor Josephien Julie Ntsama, kap ta' skola sekondarja kattolika f'Yaounde, il-kapitali tal-Kamerun. Imma l-programm pilota jindirizza wkoll il-ġenituri. Il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema taċ-ċivil fil-pajjiż, inklużi għalliema, jaqilgħu salarji baxxi u jistrieħu fuq it-tixħim biex jitimgħu l-familji tagħhom.

GĦANDEK IL-BEJT
QED JOQTOR?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN



GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

ATTWALITÀ




# IŻ-ŻJARA F'GĦAWDEX TAL-KUMMISSARJU EWROPEW GĦALL-POLITIKA REĠJONALI

*Rapport minn Joe Grech*

L-Eċċellenza tagħha, Prof. Danuta Hubner tokkupa il-post tant importanti ta' Kummissarju ta' l-Unjoni Ewropea, u hi responsabbli għall-Politika Reġjonali ta' 254 reġjun li jagħmlu parti mill-Unjoni Ewropea. Hi ta' nazzjonalità pollakka, miżżewġa u għandha żewġt itfal. Fost postijiet għoljin oħra fil-karriera professjonali tagħha, hi kellha l-karigu ta' Ministru ta' l-Affarijiet Barranin fil-Polonja u anke kienet Sottu Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru ta' l-Industrija u Kummerċ fil-Polonja. Hi membru ta' diversi bordijiet ta' Fundazzjonijiet f'Berlin, f'Londra u f'Warsaw, kif ukoll hi membru f'diversi Instituzzjonijiet Edukattivi u Kunsilli ta' Xjenza f'diversi lokalitajiet.

Il-Kummissarju Danuta Hubner ġiet Malta fuq l-istedina personali tal-Prim Ministru ta' Malta, l-Onorevoli Dr Lawrence Gonzi. L-iskop taż-żjara tagħha ġie deskritt bħala l-akkwist ta' esperjenza personali li twassal lill-Unjoni Ewropea biex tħoss aktar mill-qrib il-polz taċ-ċittadin Malti u Għawdxi.

Nhar it-Tnejn, 24 ta'April, 2006, il-Kummissarju għamlet żjara uffiċjali f'Għawdex. Din kienet l-ewwel darba li Danuta Hubner żaret 'l Għawdex. F'Għawdex, il-Kummissarju kienet akkumpanjata minn diversi uffiċjali ta' l-UE, kif ukoll minn Dr Joanna Drake, li hi ir-Rappreżentanta tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta. Mal-wasla tagħha f'Għawdex, il-Kummissarju ġiet milqugħa minn diversi personalitajiet, fosthom is-Segretarju permanenti, is-sur J. Micallef, u l-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Giovanna Debono. Preżenti ukoll kien hemm is-sur Richard Cachia Caruana, kif ukoll personalitajiet distinti minn diversi dipartimenti tal-Gvern Malti.

Wara li ngħatat il-merħba fl-Mġarr, il-Kummissarju ittieħdet tara d-diversi proġetti li qed jitwettqu bl-għajnuna tal-Fondi Ewropej. Dan sar bl-iskop li tara il-progress ta' l-implementazzjoni tal-proġetti li qed jiġu iffinanzjati minn fondi ewropej għall-perjodu ta' programmar ta' bejn l-2004 u l-2006. Fost l-oħrajn, hi għamlet żjara lill-Mużew ta' l-Arkeoloġija fiċ-Ċittadella, ir-Rabat, fejn hemm vetrini speċjalizzati, mixtrija bl-għajnuna finanzjarja ta' l-UE, li joffru sigurtà kbira għat-teżori arkeoloġiċi uniċi misjuba waqt skavi fiċ-Ċirku tax-Xagħra, Għawdex. Marret, ukoll, tara x-xogħol ta' infrastruttura li qed isir fi triqat Għarb/San Lawrenz, u anke żaret is-sit fejn qed jitwettaq il-proġett ta' Wied il-Mielaħ, l-Għarb.

Iżda, il-qofol taż-żjara tagħha f'Għawdex kienet id-diskussjoni pubblika, li nżammet fil-lukanda Kempinski, San Lawrenz, bit-titolu ta': "L-Ewropa qed tisma' lil Għawdex"? Fost il-parteċipanti, kien hemm ukoll rappreżentanza minn għaqdiet mhux governattivi, fosthom il-'*Gozo Business Chamber*' u l-'*Gozo Tourist Association*'.




Fil-ftuħ tad-djalogu, Dr Joanna Drake spjegat li l-iskop tal-miġja tal-Kummissarju Hubner f'Għawdex kien, mhux biss biex tisma', iżda ukoll biex tesperjenza u tifhem aktar mil-qrib il-bżonnijiet speċifiċi tal-gżira ta' Għawdex, kif ukoll il-problemi u l-iżvantaggi li jinħolqu kaġun ta' l-insularità doppja tal-gżira. Għalhekk stiednet interventi mill-preżenti, hekk kif il-Kummissarju Hubner tispiċċa d-diskors tagħha.

Fid-diskors tagħha, il-Kummissarju Hubner spjegat li matul il-kariga tagħha bħalha Kummissarju, diġà żaret 'il fuq minn 70 reġjun fid-diversi pajjiżi tal-UE. Semmiet ir-riżultati tanġibbli li ġa twettqu minn finanzjament ta' l-UE f'Għawdex, kif ukoll irreferiet għax-xogħol li beda jitwettaq fl-infrastruttura għawdxija. Spjegat li bħalissa qed jiżviluppa l-kunċett li kull reġjun, anke dak fost l-iżgħar reġjuni bħalma hu Għawdex, għandu javanza u jimxi l-quddiem.

Irreferiet għall-laqgħa li kellha mal-Ministru għal Għawdex fejn ġew diskussi l-bżonnijiet u l-isfidi biex il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadin għawdxi tkompli titjieb. Temmet id-diskors tagħha billi semmiet il-fatt li Għawdex se jgawdi minn mhux inqas minn għaxra fil-mija tal-fondi ta' l-UE għas-snin 2007-2013, li huma fondi allokati għal Malta fi proġetti li ser ikomplu jkattru aktar ġid u aktar xogħol.

Waqt il-ħin tad-diskussjoni, kien hemm diversi interventi minn nies preżenti. L-interventi li l-aktar spikkaw u li tagħhom intalbet tweġiba, indirizzaw il-qafas li jeżisti dwar kif l-Ewropa tista' tisma' liċ-ċittadin; il-possibbiltà li tiġi estiża d-deroga dwar sussidju fuq it-traġitt ta' prodotti agrikoli bejn Malta u Għawdex; l-approvazzjoni mill-UE dwar għajnuna mill-Gvern Ċentrali biex jittaffa t-traġitt bejn Malta u Għawdex; proposti mill-UE biex id-differenzi ekonomiċi bejn Malta u Għawdex jiġu mnaqqsa; użu mill-"*Globalisation Adjustment Fund*" tal-UE minn ħaddiema għawdxin li jispiċċaw bla xogħol, u fondi mill-UE biex tiżdied l-aċċessibbiltà bejn Malta u Għawdex.

Ġie ssuġġerit li kwalunkwe għajnuna mill-Gvern Ċentrali dwar it-traġitt bejn Malta u Għawdex ma għandhiex titqies li qed toħloq xi diżgwid fil-kompetittività, peress li din tgħin biss biex l-industrija għawdxija taħdem fuq l-istess bażi kummerċjali bħall-fabbriki oħra li jaħdmu f'Malta. Sar diskors dwar il-ħtieġa mmedjata fir-restawrar taċ-Ċittadella, u anke saret riferenza għas-suċċessi li għamlu diversi industrijalisti għawdxin sforz l-għajnuna finanzjarja mill-UE, kif ukoll bħala riżultat tas-Suq Ħieles ta' l-UE.

Il-Kummissarju Hubner tkellmet dwar l-interventi li saru u wegħdet li ser tiddiskutihom fi Brussels. Hi stiednet ukoll lir-rappreżentanti tal-għaqdiet u organizzazzjonijiet biex jissuġġerixxu proġetti u inizjattivi li bil-finanzjament tal-Fondi Reġjonali ta' l-UE jgħinu biex ikattru x-xogħol u l-ġid għal Għawdex. Seħqet li żjarat ta' dan it-tip jgħinu ħafna sabiex l-aspirazzjonijiet u l-bżonnijiet taċ-ċittadin għawdxi jiġu ikkunsidrati fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fi Brussels. Ikkonkludiet id-djalogu billi nkoraġġiet lill-parteċipanti sabiex jidentifikaw il-prijoritajiet ta' Għawdex, sabiex b'għajnuna finanzjarja mill-UE, Għawdex jimxi 'l quddiem f'kull qasam u b'mod partikolari fil-ħolqien ta' aktar xogħol u b'ekonomija iktar kompetittiva.




# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

## *Għawdxin li għadna niftakru - 34* *Minn Pawlu Mizzi*

# FRENĊ TA' L-GĦARB

Meta smajt bih l-ewwel darba, dan Frenċ, kont għadni student żgħir is-seminarju. Bilkemm kelli għaxar snin.

Darba, fl-iskampanjata ta' San Martin – kont fis-sekonda niftakar – Karmenu Pace ta' Rożanna ħadni l-ġnien tagħhom Taċ-Ċawla. Magħna kien hemm ukoll Toni tagħna. Kellhom ġnien kbir u stajna niġru u nilagħbu kemm irridu. Imma, kif wasalna u Karmenu fetaħ il-kamra li tagħti għall-ġnien, f'rokna lemaħ xkubetta. Kien donnu skopra xi ħaġa li kien qed ifittex! U kemm kemm jinstama' tenna minn taħt l-ilsien: *'Iwa, ħoj, haw kede ċisk!'*

Imbagħad refagħha u qalli: *'Dejn tof, to Frenċ tas-sojf!'*

Imbagħad, qisu kaċċatur żgħir, libes il-beritta li kien hemm imdendla ħdejha, dendel il-barżakka u poġġa l-ixkubetta fuq spalltu. Ippassiġġa tnejn tul il-kamra, imbagħad, qalilna: *'Trejċ immurru al lalwett?'*

Jien qatt ma kont sparajt u m'għedtlux le. U, biex jurini kemm mhix xi ħaġa diffiċli tispara, tella' l-ixkubetta ma' għajnejh u ħa l-mira lejn bieb li kien jagħti għall-ġnien.

Jien, biex nurih li ma kontx inqas gwapp minnu, għedtlu: *'Okot, stenne, ħalli nura! Andik il-kanna mejx dritte!'*

U kont sa mmur nittawwal fiha. Imma kif iġġebbidt fuq ponot subgħajja, għotort u kont kważi waqajt. Ħsibtu kien fixkilni Toni tagħna. U dort biex nimbuttaħ b'minkbi. Ma lħaqtx, imma, dawwart wiċċi li l-ixkubetta ma sparatx. U ma' l-isparatura skiet. Il-kamra mtliet bid-duħħan. Kien qisna ġo xi sħaba kbira. Lanqas lil xulxin ma bqajna naraw. Issummajna t-tlieta. Karmenu telaq l-ixkubetta fl-art. U jien u Toni baxx baxx ħriġna 'l barra. Lanqas kelli saħħa ngħid kelma. Tassew tbikkimt. Bilkemm ridt nemmen li kont għadni ħaj.

*'Frenċ ħelsik!'* qalli Karmenu aħna u sejrin lejn id-dar.

Ngħid is-sewwa ma kellix moħħu dak il-ħin. Kont għadni mmutat. U bqajt għal bosta snin wara ma ridt lanqas nisma' bl-istorja. L-iċken ħoss kien jaħsadni. L-iktar tisbita ta' bieb! Kont donni nerġa' nara l-leħħa ta' l-isparatura u t-tir jidwi f'widnejja. U ċ-ċomb ivenven fil-veru sens tal-kelma minn taħt imnieħri.

U iktar ma kbirt iktar bdejt nossessjona ruħi b'dak li kien qalli Karmenu. *'Frenċ ħelsik!'*

U sirt *teacher* u l-istorja ta' l-ixkubetta, minkejja x-xettiċiżmu tiegħi, baqgħet tberren ġo moħħi. Min kien Frenċ li ħelisni?

Darba, meta kont għadni kemm bdejt ngħallem l-iskola ta' Raħal Ġdid, ġiet għandi mara tibki kemm tiflaħ.

'Jien omm Leli Vassallo,' qaltli. 'Ser. Issa ilni ġimgħa ma nibgħatu l-iskola. Qabdu d-deni u ma jridx jinżillu!'

U kompliet tibki. 'Ħudni għand Frenċ,' qaltli. 'Dak żgur jagħtih jixrob xi ħaxixa u jfejqu! Ħudni għandu jaħasra!'

Ma kontx naf x'naqbad ngħidilha. Lil Frenċ jien ma



kontx nafu.

'U kif jista' jkun?' qaltli. 'Malta kollha kienet qed issemmih!'

U rrakkontatli kif anke t-tifla t'oħtha kien fejjaq. Lanqas biss kien raha. U kompliet tirrakkontali u tibki.

Minn moħħi, dak il-ħin, għaddiet xmara ta' ħsibijiet. Tgħid veru l-istejjer li kienu jgħidu fuq dan Frenċ? Kien hu Frenċ ta' l-ixkubetta? Dak li ħelisni minn tir f'rasi?

Lil omm Leli Vassallo, għalhekk, ma stajtx ngħidilha le. Jien ukoll xtaqt niltaqa' ma' dan Frenċ li kien qed jagħmel il-mirakli. U kif wasalna Għawdex bqajna sejrin l-Għarb.

Ħabbatt u minn wara bieb imbexxaq feġġ raġel twil xipli. Bqajt inħares lejh. Wiċċu impressjonani. L-iktar it-tbissima li kellu tilqgħek. U stennejtu jkellimni.

Qalli li nhar ta' Ġimgħa ma kienx jara nies. Il-mara, kif semgħetu, infexxet tibki. 'Jaħasra qed imut Leli tiegħi,' qaltlu. Frenċ ma tkellimx. Poġġa idu fuq spallejha u ċaqlaq rasu.

'Imm anki l-Bambin fejjaq is-Sibt!' qaltlu. 'Għaliex sa tibgħatni Malta hekk? Anki fuq streċer inġibulek!'

Frenċ baqa' fuq l-għatba bla ma qal kelma. Imbagħad b'ħarstu lejn l-art qallha: *'Oħtoj, nof! Jin, imme, ma nusta namillew xej. Laqqas 'k naroħ!'*

U hekk kien. Għax l-għada, meta waslet lura d-dar Leli Vassallo kien diġa ħalliena.

Esperjenza li ma nsejtha qatt! Ninxef niftakar. Ix-xettiċiżmu li kelli fuq il-mirakli għal ftit ħabat sa jgħib. Imma, id-dubju baqa'. U erġajt mort għandu. Iktar, imma, biex nitkixxef milli biex nitfejjaq.

Il-kamra tiegħu kienet mimlija bis-santi. Tal-Madonna ta' Pinu kbira prominenti fin-nofs. U madwarha ta' Padre Piju, ta' Karmni Grima, ta' Franġisk Portelli, u ta' Fra Baskal. U meta n-nies telqu u bqajna weħidna, tħaddidna għal ftit qisna ilna nafu 'l xulxin minn żmien żemżem. Imbagħad, għamilli salib fuq ġbini u ħriġt.

Kemm tfejjaqt b'dak is-salib fuq ġbini ma nafx. Żgur, imma, li ħriġt iktar imħawwad minn għandu. Ħassejtni naqbad it-tjubija. Għaraft li kien qaddis. Li kellu tassew is-setgħat ta' bilokazzjoni li kellhom il-qaddisin tal-medju evu. Imma ridt inkun naf iktar fuqu.

Fi tfulitu Frenċ ried isir qassis. Bżonnu, imma, kien fil-familja u kif għalaq it-tlettax-il sena ħalla l-iskola u ntafa' jaħdem ġor-raba.

Sa ma għalaq l-40 sena, il-mard ma tbiegħed qatt minn daru. Ta' 22 sena tilef lil missieru u ftit wara mietu ukoll tlieta minn ħutu l-bniet. Imbagħad siefer ħuh. U ftit wara miet ukoll ir-raġel t'oħtu. U warajh ħalla żewġt itfal żgħar iltiema. Qalbu, għalhekk, intgħaġnet fil-mard u lill-marid kien jagħdru u jipprova jgħinu b'kulma kien jaf u jista'.

Darba wieħed mit-tfal ta' ħutu waqa' u kiser l-għaksa ta' siequ. Allavolja ma kienx infermier, medd idu u għamel kulma seta' biex ma jħallihx ibati. U fejqu.

Dakinhar stess ir-raħal kollu sar jaf. U ħafna bdew imorru għandu. Anke minn barra r-raħal. Min għax ħass uġiegħ f'dahru u min biex jagħtih parir fuq xi tilwima li tkun inqalgħet id-dar. Ma kien iħabbat ħadd il-bieb li ma kienx jiftaħlu. U għal kulħadd kellu xi tip ta' fejqan. Jew permezz ta' xi ħaxixa, denb-iż-żiemel jew il-boqoxrom, jew permezz ta' xi kelma ta' faraġ.

Fl-1938 ittella' l-Qorti mixli mill-pulizija li qed jaħdem ta' tabib bla patenti. Il-maġistrat Parnis sabu ħati, imma, tah biss l-artiklu 23 għax kellu kondotta tajba u żgur li b'li kien qed jagħmel kien qed jagħmel ġid mhux ħsara.

Minkejja din is-sentenza, iżda, il-bieb ta' Frenċ ma ngħalaqx. Uħud mit-tobba stess kienu jibagħtu għandu pazjenti tagħhom. 'Frenċ ,' stqarr fil-Qorti t-tabib Tabone, 'jagħti mhux jieħu. Jekk il-ħxejjex li jagħti ma jagħmlux ġid, qatt ma smajt li għamlu ħsara.'

Kienu jimpressjonaw lil kulħadd l-istejjer li kienu jgħidu fuqu. Darba fil-bidu tal-ħamsinijiet, waqt li kont qed nieħu drink id-*Duke of Edinburgh Hotel*, kittieb ingliż Christopher Keninmonth, impressjona ruħu jisma' l-istejjer fuqu. Kien dak iż-żmien li kien qed jiġbor tagħrif għal *travel book* fuq Malta. 'Trid tmur għandu biex tifhem x'sens kbir ta' intuwizzjoni kellu,' għidtlu.

Kont insejtha l-istorja. Xi tliet snin wara, f'Lulju ta' l-1956 erġajt mort għandu. Bilkemm laħaq rani. *'Usma,'* qalli, *'dawk il-ħbip tijak, l-Ingliżej, kinew ġew tof!'* Imbagħad x'ħin rani m'ommi u ħass li jien ma kontx qed inkompli miegħu, induna għalfejn konna morna għandu.

Kien l-għada li ħija Ġorġ kien intlaqat b'daqqa ta' trakk u tħalla għal mejjet fl-art hu u ġej lura d-dar mill-festa ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat. Kellu biss 22 sena. U bħal m'għamilt m'omm Leli Vassallo għamilt ukoll m'ommi u ġrejna għand Frenċ. Ridnih ukoll jagħmel miraklu. Imma, it-tobba qalu li Ġorġ kellu l-*cranium* miksur u li ftit kien hemm tama li sata' jeħlisha.

*'Memx x' tamil'* qalilna. *'Ir-ros, imme, mejx meksure! Nitulbow aleħ, memx xtamil iżjit!'* U ħareġ santa ta' San Ġorġ minn ħobbu u qalli biex inpoġġihielu taħt l-imħadda.

Jien xtaqt nagħmel dak li qalli. Imma, ma kontx konvint li b'dik is-santa setgħu jsiru mirakli. Kont bla fidi. U, minflok, mort f'rokna nibki. U bkejt, u bkejt u bkejt. Sa tlajt mat-tabernaklu, inħabbat fuqu u nistaqsi: 'Imma, għaliex, għaliex?'

Ġorġ miet l-għada. U iktar ma għadda ż-żmien iktar ħassejtni ħati li m'għamiltx iżjed għalih. Tnax-il sena wara ridt nara jekk dak li qalli Frenċ kienx minnu jew le. U qlajtu minn qabru u neħħejtlu l-faxxa li kienet għadha marbuta ma' rasu. Il-*cranium* kien sħiħ. Lanqas kellu girfa! Binti Annamaria, li dakinhar kellha biss għaxar snin, ma qalitx kelma. Jien xtaqt ninsa. L-ispettru ta' Frenċ, imma, kien issammar f'kull rokna ta' ruħi u ma ħallienix.

Kull storja dwaru kienet tgħidli l-istess. Frenċ kien fenomenu. Il-bniedem t'Alla. Kellu messaġġ għal min kien tassew jemmen fih. Lin-neputija ta' l-isqof Pace fejjaqha minn ponot f'rasha. U lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-sur Joseph Axisa, fejqu ukoll. Kienu, imma, nies ta' fidi.

Frenċ kien jorbot fuq il-fidi f'Alla u l-qaddisin tiegħu. Għalih il-fiduċja fil-Madonna ta' Pinu kienet kollox. U ħafna kienu jfiequ bl-interċessjoni tagħha. Għalhekk kienu jqisuh b'qaddis. U n-nies kienet tmur għandu ma' l-iċken uġiegħ li kienet tħoss!

Kien hemm, imma, min kien imur biss għall-kurżità. Mhux l-ewwel darba li Frenċ kien jagħraf l-għan tagħhom. Imma ma kienx iċanfarhom, anke jekk ġie li wissihom. Darba marru għandu xi studenti tal-mediċina, fosthom żagħżugħa li fl-eżamijiet kienet tibża' u, billi kienet tistudja u qatt ma tmur tajjeb, talbitu jitlob għaliha.

*'Mux ent andik bżunn et-tolb, emme,'* qalilha. *'Loħrojn, dowk sħabik! Dowk! Trejt tutoj bix el-Bambojn jatojk!'*

U r-riżultat ġie. U hi għaddiet u sħabha kellhom jirripetu l-kors.

Darba oħra tfajla minn dawk li kont naf jien kienet tbati minn taqlib menstruwali. It-tabib tagħha waħħal li kienet il-marrara. Frenċ, imma, qallha li dak ma kienx ħlief skerz fin-natura u li meta tiżżewweġ jgħaddilha. U t-tabib għażel li jagħmlilha operazzjoni. Waqt l-operazzjoni, imma, sabu li l-gwaj ma kienx ġej mill-marrara u biex jelimina kull dubju li l-uġiegħ seta' kien ġej minn band'oħra, neħħielha l-appendiks. Wara l-operazzjoni u għal iktar minn sena wara t-taqlib baqa' ma marx. Mar biss wara li żżewġet kif

kien qalilha Frenċ. U sallum li għaddew iktar minn ħamsin sena t-taqlib ma tfaċċa qatt.

Il-Fariżej, imma, ma naqsux. Kien hemm min ma ħamilx jara 'l Frenċ jagħmel tant ġid. U pprova jħammġu anke b'għemilu. Xlewh li kien jitħallas. U minkejja li Frenċ ċaħad li qatt ħa xi flus, sofra tiġrib anke min-nies tal-Knisja.

'Naċċertak,' qalli darba l-pittur Joseph Briffa, 'li kull sold li kultant kienu jagħtuh għamlu opri fil-knisja Ta' Pinu jew qassam minnu lill-foqra. Nixhed għalih jien!'

'Veru li f'xi stejjer kien hemm min jeżaġera,' qalli l-ispiżjar Bondì, 'din li sa ngħidlek, imma, hi verissima.'

'Darba kien ġie għandi bugħaddas ingliż. Wieħed minn ta' l-ammiraljat. Kien milwi bl-uġiegħ f'daħru. Ħadd ma fejqu. Lanqas il-professuri ta' Londra. Mar għand Frenċ, allavolja kien Protestant. U wara ftit messaġġi biż-żejt u t-terra, fejqu. Jekk kienx jemmen bil-Madonna ta' Pinu ma nafx. Naf, imma, li kuldarba li kien jarani kien jgħidli: *'Joe, that miracle man! He is a miracle man!'*

Stejjer bħal dawn kienu jikkonfonduni. L-iktar wara l-episodju ta' ħija. Fil-bidu tas-sittinijiet kienet bdiet tiġri x-xniegħa li fuq l-għolja ta' Għammar Frenċ kien qed jara 'l Madonna. U kif jiġri f'pajjiż żgħir l-aħbar kienet qajmet ħafna ħafna għagħa. U kulmeta kien jitla' Frenċ fuq l-għolja miegħu kienet titla', jgħidu r-Rużarju, folla sħiħa. Fosthom anke l-Kummissarju Fiteni.

Ngħid is-sewwa x-xettiċiżmu li kelli, b'dawn l-istejjer kiber flok naqas. Kont inħoss fija xi ħaġa li ma taqbilx ma' twemmini. L-istejjer donnhom kienu iktar folklor, riżultat ta' emozzjoni, milli turija ġenwina ta' fidi fil-Madonna. Meta għaddejt l-istorja lin-*news room* tat-*Times of Malta* u għedtilhom kif kont naħsibha, insistew li għandi mmur nintervista lil Frenċ. U mort.

Sibtu ġej mill-għalqa. U, kif rani, qalli: *'Don, x'ġibik aw Pawl, f'dot trub?'*

Tbissem. Kien donnu diġa jaf l-għaliex. U, kif ersaqt iktar lejh, għedtlu: 'Smajt li qed tidhirlek il-Madonna!'

Wiċċu xegħel u ċ-ċiera daħkanija fuqu żdiedet. Ġibed xuftejh 'il ġewwa, imma, ma lissen l-ebda kelma.

'Veru?' erġajt staqsejtu.

Kompla jitbissem. U, bla ma qagħad jaħsibha, bħal kieku ġietu x-xoqqa f'moxtha, weġibni kważi b'ironija: *'Mele l-Madunna trejt tura krewħ bħalej!'*

Tweġiba ta' avukat. La 'iva' u lanqas 'le'. Imma tweġiba ċajtiera. Waqqagħli l-argument kollu u ma staqsejtu xejn iktar fuqu. Ħassejtni qed nindaħal fejn ma jasagħnix. U ma kelli l-ebda dritt. Lanqas bħala ġurnalista.

U dawwart malajr il-kliem u semmejtlu t-tijatrin ta' Dun Alwiġ Mizzi. U qalli kemm kien jieħu gost fuq il-palk jagħmilha tal-buffu. U tkellimna fuq il-politika u l-politikanti. U kemm minnhom marru għandu biex iħajruh joħroġ magħhom. U fuq l-Isqof Pace. U fuq il-ħxejjex mediċinali li bihom kien fejjaq tant nies.

'Min għallmek fuqhom?' staqsejtu.

Ma weġibnix. Imma, dar lura u b'subgħajh urieni l-knisja ta' Pinu. *'Dejk! Hemm!'* qalli. *'Dejk almitnej!'*

Ma għedtx kelma oħra. Imbagħad, wara ftit reġa' qalli: *'Ejj! Ejj almitnej killix!Kint inħissa tejdlej x'sa nejt u x'sa namil. U ma kint niżbalja qett!'*

Kultant kien jieqaf u jiskot. U konna nibqgħu mexjin bla ma ngħidu kelma. F'dak is-skiet, imma, it-tħaxwix ta' saqajna fuq iż-żargħa kien itarraxni u kull kelma li kien ikun qalli kont inħossha nieżla fil-fond ta' ruħi tnigges qisha l-labra tal-professur waqt operazzjoni.

*'Anki mite kint immur nispura kint inħissa fejnej,' qalli, 'lix-xbubette kint inhissa taqbis f'idejje u ma kintx nulqut waħde.'*

Kliemu ħassejtu jċaqlaqli l-pedamenti tas-subkonxju tiegħi. Fakkarni f'ta' Rożanna. U demmi kesaħ ġo fija. Erġajt donni qed nara l-leħħa tat-tir ta' l-ixkubetta u nisma' t-tvenvina taċ-ċomb għaddej sbrixx minn ma' rasi.

U 'l Karmenu ta' Rożanna jgħidli: *'Frenċ ħelsik!'*

Bqajt mehdi naħseb. Mitluf qisni f'ħolma.

Wasalna f'tarf il-passaġġ ta' l-għalqa bla ma lanqas naf kif. Imbagħad, Frenċ poġġa idu fuq spallti. U donnu biex iserraħli moħħi li dik ma kienet xejn ħolma, qalli:

*'Nof, nof, ent tħebbe ukill el Madunna!'*

Ma kellix saħħa nwieġbu. U lanqas saħħa nikteb l-istorja għat-*Times of Malta*. Dik il-mixja, imma, ma nsejthiex. Bidlitli ħajti. U poġġietni fuq rotta ġdida.

Elf darba ġietni x-xewqa li nerġa' mmur narah. Kont inħossni midjun lejh. Bqajt, imma, insegwieh mill-bogħod. Anke fuq it-*television* kont għamilt programm fuqu. Meta smajt l-aħbar ta' mewtu fid-19 ta' Mejju 1967 ħassejtni tlift lil xi ħadd minn ta' ġewwa. U, wara, fuq il-*Heritage* daħħalt il-bijografija bir-ritratt tiegħu fil-*Portrait Gallery* fost l-ogħla personalitajiet tal-gżejjer tagħna.

Ma stajtx ninsiħ lil Frenċ. L-ixkubetta. Omm Leli Vassallo tibki. Ħija Ġorġ. It-tbassir tiegħu.

Imma l-iktar dawk l-aħħar kelmiet li qalli: *'Nof, nof, ent tħebbe ukill el Madunna!'*

Kemm għadhom jidwu f'widnejja dawk kliemu! U t-taptip t'idu fuq spallti!

Niftakar fihom inġib quddiem għajnejja lil Christopher Keninmonth meta kont bgħattu għandu u l-emozzjoni li ħass, wara li mar rah, kif jiddiskriviha f'*The Brass Dolphins* :

*'... I felt easy after leaving him. I wondered whether the tap he had given me on my shoulder in parting had been in forgivingness for I have never felt that I was more completely understood by anyone; but then I thought it had been in encouragement. Frenċ is not the kind of man to take it on himself to judge, to condemn or to forgive ...'*

Għax għalija dan ukoll kien Frenċ ta' l-Għarb. Il-bniedem sempliċi, bla pretenzjoni, mimli tjubija. Il-bidwi bla skola li kien jaf jagħder u ma jikkundannax. Li, kif qaltlu **dik** li għallmitu, kien jgħin, iħobb u bi kliemu jfarraġ il-qlub!

***Pawlu Mizzi***

## *APPREZZAMENT*

# *Patri Ġiġi Camilleri S.J.*



*Tard bil-lejl, l-Erbgħa 10 ta' Mejju 2006, miet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex Patri Ġiġi Camilleri S.J. Imwieled ix-Xagħra fis-16 ta' Mejju 1929 minn Ċensu u Ġenesja nee Sultana. Ġiġi kien l-ewwel minn seba' wlied. Ta' 19-il sena qata' xewqtu li jmur jaħdem fil-missjoni l-Indja billi f'Novembru 1946 daħal Novizz mal-Ġiżwiti u wara erba' snin Novizzjat, f'Ottubru 1950 ħalla xtut art twelidu u salpa lejn l-Indja. Hemmhekk reġa' ltaqa ma' Patri Anton Debono S.J., missjunarju pijunier Għawdxi u li kien hu li ġibdu għal warajh waqt żjara f'Għawdex meta Ġiġi kien il-Liċeo.*

*Wara sena jistudja l-Hindi u sena jgħallem fil-Kulleġġ ta' St Joseph ġewwa Guhiajori studja l-Filosofija f'De Nobili College, Poona u wara beda kors fit-Teoloġija f'Kurseong, fuq il-muntanji Himalayas, fejn fit-18 ta' Marzu 1959 ġie ordnat Saċerdot mill-Arċisqof Ferdinand Perier. Hekk ingħata bidu għall-appostolat saċerdotali tiegħu, erbgħa u erbgħin sena ta' ħidma ġewwa l-Indja, fost il-foqra tas-Santal Parganas. Lura Guhiajori, f'St Joseph High School serva kemm bħala Assistent Kap, u kemm Kap tal-Kulleġġ.*

*Mill-1968 sa l-1991 serva bħala kappillan fil-Parroċċa ta' Tinpahar u ta' Dudhani. Kemm dam Dudhani serva bħala Vigarju Ġenerali ta' żewġ Isqfijiet, Kunsillier tas-Superjur tal-Missjoni tal-Ġiżwiti l-Indja; wieħed mill-kunsilliera ta' l-Isqof; Vigarju Foranju u anke s-Superjur tal-Ġiżwiti fid-distrett. L-Isqof anke kien ħatru l-ewwel Direttur tas-*Social Development Centre. *Patri Ġiġi wettaq ħidma missjunarja bla heda; bil-mutur tiegħu kien jilħaq l-iktar partijiet imbegħda u iżolati. Kien imur jassisti għal żwiġijiet, jgħammed, jassisti moribondi u jmexxi funerali. Bena diversi kappelli uħud minnhom imsemmija għall-Madonna Ta' Pinu. Waħda mill-ħafna parroċċi li waqqaf hija l-Parroċċa ta' Shikari-para, illum monument ħaj lilu bi knisja kbira u sabiħa, kunvent tas-sorijiet, kulleġġ kbir għall-bniet u hostel għas-subien li jistudjaw fl-iskola primarja.*

*Iżda Patri Ġiġi ma kienx biss missier spiritwali. Fil-qalb kbira tiegħu stkennu l-foqra, il-morda, l-iltiema, dawk bla xogħol. Ħadem bla heda biex itejjeb il-ħajja ta' dawk kollha madwaru. Mhux biss ipprovdielhom għall-għixien iżda għallimhom jipprovdu għalihom infushom u l-familji tagħhom. Għenhom iħaffru bjar biex fl-istaġun qalil tas-sħana jkollhom x'jixorbu u jsaqqu l-għelieqi. Patri Ġiġi kien jiġbed lil kulħadd warajh bil-ġenerożita' kbira tiegħu dejjem lest jgħin fejn kien hemm bżonn. Mons. S.M. Tiru, Isqof ta' Khunti, l-Indja, li miegħu Patri Ġiġi ħadem mill-qrib, f'messaġġ wara mewtu iddeskrivieh bħala l-id il-leminija tiegħu dinamika, semma t-tjubija tiegħu, qal li Patri Ġiġi ta servizz kbir lill-Knisja u li l-post li ħalla vojt ma seta' jimtela qatt.*

*Minħabba li saħħtu marret lura, is-superjuri talbuh jiġi lura Malta fl-1994. Patri Ġiġi dejjem obda dak kollu mitlub minnu iżda din ta' l-aħħar kienet ordni diffiċli wisq għalih li jaċċetta. Obda bil-ħsieb li wara ftit xhur Għawdex jerġa' lura qalb is-Santali ġewwa l-Indja. Iżda l-ansjetà iktar ħaditu lura u kien biss wara li għalqitlu l-visa u li ma setax imur lura l-Indja li aċċetta s-sitwazzjoni. L-aħħar tnax-il sena għaddihom fid-Dar ta' l-Irtiri Manresa, ir-Rabat u ntefa' jagħmel missjoni oħra fost l-Għawdxin.*

*Diversi parroċċi, fosthom il-parroċċa tax-Xagħra, gawdew mis-servizzi tiegħu; kien Direttur Spiritwali ta' żewġ Praesidia fix-Xewkija u kien jgħaddi siegħat twal fil-konfessjonarju. Dan għamlu wkoll ġewwa l-Ingilterra u Fatima fejn kull sajf kien iħossu fid-dover li jmur jgħin. Kien magħruf bħala l-Patri tal-kuruni billi kellu sengħa kbira jdomm kuruni tar-Rużarju l-ġmiel tagħhom. Kien ukoll magħruf bħala l-Patri tat-tikwisa, taħlita ta' ħxejjex u ħwawar li kull min rifes Dar Manresa daq minnha.*

*Il-funeral tiegħu f'raħal twelidu fit-13 ta' Mejju, it-tifkira ta' l-Ewwel Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima li lejha kellu devozzjoni u mħabba kbira, kien xhieda ta' kemm Patri Ġiġi kien rispettat. L-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech kien il-Konċelebrant prinċipali f'quddiesa li fiha ħadu sehem 'l fuq minn sebgħin saċerdot u bl-attendenza distinta ta' l-għola dinjitarju tal-pajjiż, l-E.T. il-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami.*

*Patri Ġiġi m'għadux magħna, qiegħed jieħu l-premju tat-tgawdija eterna li jistħoqqlu, iżda l-memorja tiegħu tibqa' ħajja għal żmien twil u mnaqqxa fl-istorja ta' għżiritna. Lil ħutu, speċjalment Patri George S.J., missjunarju l-Indja, noffru l-kondoljanzi tagħna.*

**R. Sultana**



# L-Istorja Soċjali tal-Mediċina

miġbura minn Dr. Mario Saliba

## (IL-ĦAMES PARTI)

**Għalhekk insibu li l-allat eġizzjani kienu jfejqu l-mard kif ukoll iġibu l-mard. Skond "Il-Ktieb tal-Mewt" ġisimna huwa maqsum f'36 parti u kull parti hija kkontrollata minn alla speċifiku li għandu x'jaqsam ma' marda partikulari. Hekk alla Tot kien jispeċjalizza fil-mard tal-għajnejn, Nejt kienet l-alla tal-ħlas tat-trabi.**

Il-mediċina kienet għadha tikkonsisti minn allat, maġija u ritwali tas-sħaħar. Minkejja dan nafu li fiż-żmien l-Eġizzjani ġa kienu jafu b'250 marda fosthom l-enemija, ażma, anġina, u numru ta' mard tal-ġilda. Infezzjonijiet fil-ġilda, infezzjonijiet minn dud u diversi mard tal-għajnejn.

### Il-Mediċina fil-Greċja tal-Qedem

Fi żmien il-Greċja tal-qedem kellhom diversi allat li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u l-mard. L-aqwa wieħed kien Asklepios li huwa meqjus bħala l-alla tal-mediċina u tal-fejqan. Asklepios dejjem kien iffigurat bil-bastun f'idejh u mdawwar mal-bastun hemm serp. Dan huwa s-simbolu tal-professjoni medika u għadu jintuża sallum. Asklepios kellu qawwa speċjali biex ifejjaq il-feriti. Skond Omeru, Asklepios kien l-iben favorit ta' Apollo, l-alla tax-xemx. It-tifla ta' Asklepios, Hygieia kienet l-alla mara tas-saħħa u l-kelma iġjene ġejja propju mill-isem ta' din alla mara.Tifla oħra ta' Asklepios kienet Panacea, li tfisser kura ta' kollox! Asklepios tant ħalla impatt fuq is-soċjetà griega li f'kull belt (polis) bnew tempju għal dan l-alla tas-saħħa. L-iktar wieħed famuż minn dawn it-tempji kien dak tal-gżira ta' Cos li hija 30 mil bogħod minn Ateni u li hija l-post fejn twieled Ippokrate (460 – 377 qK).



Il-Greċja tal-Qedem bħal Ruma l-Antika u l-Eġittu tal-Farahuna, lagħbet parti importanti fl-istorja tal-mediċina. Kif ser naraw l-aqwa tabib li kellha kien Ippokrate. Sas-sena 1200 qK il-Greċja kienet qed tiżviluppa f'kull qasam – kummerċ, biedja, gwerer, tbaħħir, snajja', eċċ. Il-għerf tagħhom fil-mediċina żviluppa ma' dawn l-oqsma. Għalhekk il-Griegi ġa kienu jipprattikaw xi tip ta' mediċina sa minn dawn iż-żminijiet bikrin.

Fil-Lliad ta' Omeru insibu li s-suldati li kienu milquta bil-vleġeġ kienu jkunu kkurati minn tabib preżenti fuq il-kamp tal-ġlied.

Huma bnew ukoll postijiet imsejħa *asklepeia* għal dawk li kellhom saħħithom batuta. Dawn ma kienux xi sptarijiet imma tempji lil allat biex il-morda jfiequ.

### Il-Ġurament ta' Ippokrate



- Naħlef fil-preżenza ta' l-Aktar Qawwi, Appollo u quddiem il-familja tiegħi, l-għalliema u sħabi, li nżomm dan il-ġurament u l-fehma tiegħi skond il-kapaċità u l-ġudizzju tiegħi.
- Inżomm lil kull min għallimni din l-arti, b'għożża daqs il-ġenituri tiegħi u bl-istess spirtu u dedikazzjoni ngħaddi l-għerf u l-arti tal-mediċina lill-oħrajn.
- Nimxi fuq dak il-metodu ta' kura li skond, il-ġudizzju u l-kapaċità tiegħi, inħoss li jkun għall-aħjar tal-pazjent u nwarrab dak il-metodu li hu ta' ħsara jew li ma jagħmilx ġid.
- Qatt ma nippreskrivi u anqas namministra doża ta' mediċina li ġġib il-mewt lil xi ħadd u lanqas intemm il-ħajja umana fil-ġuf ta' l-omm.
- Ngħaddi ħajti fis-safa, fil-qdusija u fil-benefiċenza waqt li nħaddem l-arti tiegħi.
- Meta nkun f'xi dar ta' pazjent nara li ngħin lil dak li jkun mingħajr ma nabbuża mill-pożizzjoni tiegħi billi jkolli x'naqsam sesswalment ma' xi mara jew raġel f'dik id-dar, kemm jekk il-pazjent ikun ħieles jew skjav.
- F'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-pazjent inżomm sigriet dawk il-ħwejjeġ li minn qaddishom għandhom jinżammu mistura.
- Filwaqt li nżomm dan il-ġurament bla miksur, jalla ngawdi l-ħajja u l-prattika tas-sengħa bil-barka ta' l-Aktar Għoli u jalla nkun rispettat minn sħabi u mis-soċjetà, imma jekk nikser dan il-ġurament, jiġrili l-kuntrarju.

Ippokrate huwa meqjus bħala l-fundattur tal-mediċina. Dan minħabba li huwa beda sistema ta' tagħlim li komplewha tobba oħrajn li ġew warajh. Huwa kien jemmen li l-mard mhux ġej minħabba spirti ħżiena jew dnubiet tal-bnedmin. Huwa ħoloq it-teorija tal-kawża naturali tal-mard u l-metodu naturali kif tittratta l-mard. Skond din it-teorija l-kawża tal-mard huma l-erba' materji: id-demm, il-bili, il-materja safra u l-materja sewda li ma' xulxin jiddeterminaw jekk il-bniedem ikunx f'saħħtu jew marid. Huwa, bil-għajnuna ta' xi segwaċi tiegħu, kiteb madwar 60 trattat dwar il-mediċina li jissejħu l-Kollezzjoni ta' Ipprokrate. Huwa pprattika ta' tabib madwar il-Greċja kollha. Waqqaf skola medika fuq il-gżira ta' Cos u jibqa' magħruf l-iktar għall-ġurament ta' Ippokrate.

Kif taraw din hija bħal kodiċi ta' etika li fuqhom għandu jimxi kull tabib meta jipprattika l-professjoni tiegħu. Jidher ċar li fi żmien Ippokrate it-tobba kienu kollha irġiel! Għalkemm għaddew eluf ta' snin dan il-ġurament ta' Ippokrate għadu validu sallum. Ippokrate miet fis-sena 377qK u llum huwa meqjus bħala "Missier il-Mediċina". Il-mediċina ta' żmien Ippokrate kienet ferm differenti minn dik tallum. Dak iż-żmien ma kienux jistudjaw fuq il-ġisem tal-bniedem għalhekk kienet mediċina dgħajfa ħafna u ma kellhiex kura effettiva. L-iktar preġju li kellha kien li l-pazjent kien stmat ta' bniedem bid-dinjità tiegħu u kien hemm ċertu rapport ta' stima lejn it-tabib u rispett lejn il-pazjent.

Xjentist ieħor ta' żmien il-Greċja tal-Qedem huwa Aristotile (384-322 qK) li kien iben ta' tabib u student ta' Pluto. Artistotile kien l-ewwel filosofu-xjentist. Huwa beda jistudja l-mard billi jeżamina l-intern ta' l-annimali.



## Il-Mediċina fi żmien Ruma l-Antika (146 qK – 476 wK)

Celius u Galen (129 – c. 216 wK) inqatgħu mit-tagħlim grieg u bnew is-sisien tal-mediċina tallum. Għalhekk il-mediċina ta' Galen kienet f'saħħitha u l-awtorità tiegħu baqgħet tiddomina sa kważi millenju u nofs wara. Galen kien iben perit sinjur imwieled Pergamon (illum Bergama) fit-Turkija. Il-leġġenda tgħid li meta Galen kellu sittax-il sena missieru kellu viżjoni ta' Asklepios. Wara huwa bagħat lill-ibnu jistudja l-mediċina f'Ruma fejn kellu ħafna suċċessi. Galen ma kienx wisq umli, anzi kien bniedem jippretendiha u kien anke jwaqqa' għaċ-ċajt lil sħabu u kien jikkonsidrahom bħala buffi injoranti! Minkejja din l-arroganza, kellu kapaċitajiet kbar u saħansitra kien jistudja fuq l-annimali biex ikun jista' jifhem iktar il-mard. Huwa kien jiftaħar b'dan il-kliem: "Jiena għamilt ħwejjeġ kbar għall-mediċina! Jiena biss urejt it-triq tal-mediċina. Għalkemm Ippokrate kien fetaħ din it-triq, jiena biss għamiltha passabbli!". Minn hawn naraw l-umiltà ta' Galen!

Meta daħal il-Kristjaneżmu fl-Imperu Ruman il-mediċina u r-reliġjon bdew jidħlu fuq xulxin u mhux dejjem kien hemm atmosfera feliċi. Xi padri ewlenin tal-Knisja kienu jikkunsidraw lill-mediċina bħala qasam pagan u b'ċajta jew bis-serjetà kienu jgħidu:"*ubi tre physici, due athei*" (fejn hemm tlett tobba, tnejn huma atej). Bil-wasla tal-Kristjaneżmu ma naqsux il-qaddisin li ħafna minnhom kienu jassoċjawhom ma' mard u fejqan. Għalhekk insibu l-ħruq ta' Sant'Antnin, iż-żifna ta' San Vitus, eċċ. Il-morda kienu jitolbu lil dawn il-qaddisin biex ifiequ mill-mard tagħhom. San Kosma u San Damjan saru l-qaddisin protetturi tal-mediċina. Hemm diversi qaddisin oħrajn li jsirulhom wegħdi biex ifiequ minn ċertu mard. Dawn kollha huma użanzi u drawwiet li daħlu fil-kultura reliġjuża tal-Punent.

## Il-Mediċina fiż-Żminijiet Bikrin - 499wK

Fis-Seklu 5 fl-Indja, Susruta kien jemmen li hemm diversi kawżi tal-mard fosthom l-eredità, il-korriment, l-ambjent, il-ġuħ u l-età. Tobba ħindu sa mill-qedem kienu ġa jafu li l-malarja tiġi minn gidma ta' nemusa u l-pesta jikkawżawha l-ġrieden mejta. Sa anke kienu kapaċi jagħmlu ċerti operazzjonijiet bħal tat-tonsilli, ineħħu l-ġebla mill-bużżieqa ta' l-urina, ineħħu ċerti tumuri, u saħansitra jagħmlu operazzjonijiet fl-għajnejn bħal katarretti. F'dak iż-żmien wieħed mill-kastigi meta persuna tinqabad f'adulterju kien li jaqtgħulha saqajja' barra. Għalhekk il-kirurgi ta' dak iż-żmien kellhom ħafna xogħol.

## Il-Mediċina fiż-Żminijiet Medjevali (500 – 1450 wK)

Fiż-żminijiet medjevali l-mediċina kienet iddominata mill-Għarab. Fost l-aqwa tobba li kellhom jibqgħu jissemmew kienu Avicenna u Razes. Id-dinja islamika kienet ferm iktar avvanzata minn dik tal-Punent. It-tobba fil-pajjiżi bħal Iraq, Iran u l-Eġittu komplew estendew ix-xogħol ta' Galen bi studji iktar profondi u iktar sistemizzati. L-Ewropa dak iż-żmien kienet għadha fiż-żminijiet mudlama u ma kien hemm l-ebda ħjiel ta' progress.

*(jissokta)*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*Futbol f'Għawdex*



# NADUR YOUNGSTERS CHAMPIONS GĦAT-TMIEN DARBA FL-ISTORJA

*minn Korrispondent Sportiv*

L-istaġun tal-futbol f'Għawdex 2005/2006 li ġie fi tmiemu fl-aħħar ta' Mejju, kellu bħala protagonisti ewlenin it-timijiet ta' *Nadur Younsgters* u *Kerċem Ajax*. Nadur rebħu l-kamjonat *OnVol* tal-ewwel diviżjoni għat-tmien darba fl-istorja tagħhom, filwaqt li *Kerċem Ajax* pattew għad-diżappunt tal-kampjonat billi rebħu għall-ewwel darba l-kompetizzjonijiet tat-Tazza GFA u l-'*BOV Super Cup*'.

L-istaġun li għadu kif spiċċa kien wieħed ta' transizzjoni, fejn wara li fl-istaġun li għadda rajna nfluss qawwi ta' plejers barranin u maltin, fl-istaġun 2005/2006 nbidlu xi regolamenti sabiex in-numru ta' plejers barranin ġie limitat. Finalment nistgħu ngħidu li dan il-bdil fir-regolamenti ġab aktar livellament bejn it-timijiet filwaqt li bosta plejers għawdxin kellhom aktar opportunità sabiex jesprimu t-talenti tagħhom.

***Kampjonat OnVol tal-ewwel diviżjoni***

Il-kampjonat għalhekk kien wieħed kumbattut, fejn matul l-ewwel fażi ħames timijiet prattikament issieltu sabiex iżommu l-postijiet l-aktar għolja fil-klassifika, sakemm mbagħad fl-aħħar fażi l-ġlieda spiċċat bejn Nadur u Kerċem. Interessanti huwa l-fatt illi Nadur u Kerċem spiċċaw il-kampjonat b'partita ta' gowls skurjati u gowls li sofrew, 40 u 17 rispettivament. Dan ifisser li ż-żewġ protagonisti kellhom l-aħjar attakk u difiża tal-kampjonat. Id-dwell bejn Nadur u Kerċem kien wieħed intensiv u eċitanti sabiex il-kampjonat ġie deċiż fl-aħħar logħba, li kienet konfront dirett. Il-logħba spiċċat fi draw ta' 2-2, li kien biżżejjed sabiex Nadur żammew punt vantaġġ fuq Kerċem u għalhekk kisbu r-rebħ tal-aktar kompetizzjoni importanti f'Għawdex għat-tmien darba fl-istorja tagħhom.

Madanakollu r-rebħ tal-kampjonat *OnVol* tal-ewwel diviżjoni għan-Nadur kien wieħed meritat. Bla dubju ta' xejn ir-rebħ tal-kampjonat kien frott tax-xogħol li Nadur għamlu l-istaġun ta' qabel. It-tim kien immexxi mill-plejer kowċ Alex Simoncic. Simoncic kien mhux biss il-protagonista tat-tim fil-grownd iżda ukoll fil-preparazzjoni tat-tim matul l-istaġun. Protagonisti għan-Nadur kienu l-ex-plejer internazzjonali Joe Camilleri, li bla dubju kien kolonna fid-difiża u Alex Ribic. Ribic flimkien mal-attakkanti Anthony Portelli u Joseph Portelli kienu ta' theddida għal kull difiża. Il-gowlkiper Jonathan Xuereb, Matthew Portelli u Michael Vella kienu tlitt plejers li ġew akkwistati mingħand timijet oħra u kellhom sehem kbir fis-suċċess tan-Nadur. Ta' sodisfazzjon għan-Nadur kien il-fatt li kien hemm sehem ukoll ta' diversi plejers li bdew minn '*nursery*' ta' Nadur, bħal Frank Paul Azzopardi, Jeffrey Meilak u Peter Buttigieg fost l-oħrajn.

**DIVISION I**

| | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| NADUR Y | 18 | 13 | 3 | 2 | 40 | 17 | 42 |
| KERĊEM A | 18 | 13 | 2 | 3 | 40 | 17 | 41 |
| SANNAT L | 18 | 9 | 2 | 7 | 42 | 27 | 29 |
| XEWKIJA T | 18 | 6 | 3 | 9 | 24 | 34 | 21 |
| XAGHRA U | 18 | 6 | 2 | 10 | 24 | 44 | 20 |
| GHAJNSIELEM | 18 | 3 | 4 | 11 | 16 | 32 | 13 |
| SK VICTORIA W | 18 | 2 | 6 | 10 | 22 | 37 | 12 |

**Division II**

| | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| QALA SJ | 15 | 12 | 3 | 0 | 36 | 10 | 39 |
| VICTORIA H | 15 | 7 | 6 | 2 | 22 | 13 | 27 |
| ST LAWRENCE S | 15 | 8 | 3 | 4 | 21 | 15 | 27 |
| ORATORY Y | 15 | 5 | 4 | 6 | 30 | 24 | 19 |
| ŻEBBUĠ R | 15 | 3 | 1 | 11 | 16 | 36 | 10 |
| GHARB R | 15 | 1 | 1 | 13 | 11 | 39 | 4 |





Kerċem kienu sfidanti denji. Huma saħħew mhux ftit it-tim mill-istaġun ta' qabel fejn akkwistaw plejers importanti bħal Mario Azzopardi, Brian Portelli, Charles Hili, Jason Portelli u Sabri Rais fost l-oħrajn, filwaqt li kellhom staġun tajjeb ukoll il-gowlkiper Inim Aktpan, l-attakkant Alfred Effiong u l-plejer ta' nofs il-grownd Elton Vella. Kerċem pattew qares għaż-żewġ telfiet kontra Nadur fl-ewwel u fit-tieni rownd, sabiex imbagħad riedu bilfors rebħa fl-aħħar logħba sabiex setgħu jirbħu l-kampjonat wara għoxrin sena.

*Sannat Lions* flimkien ma' *Xewkija Tigers* u *Xagħra United* kienu fost il-kontendenti għar-rebħ tal-kampjonat fl-ewwel fażi tal-istaġun. Sannat, għalkemm kellhom diversi akkwisti wara li kisbu l-promozzjoni, l-istaġun ta' qabel kienu l-aktar sfidanti qawwija. Madanakollu huma naqsu li jkunu konsistenti u tilfu l-pass ma' Nadur u Kerċem biex spiċċaw fit-tielet post fil-klassifika. *Xewkija Tigers* naqsu li jsibu forma tajba matul l-istaġun u qatt ma' rnexxielhom jagħmlu l-qabża fil-kwalità li setgħet iżżommhom mat-timijiet ta' quddiem. Xagħra *United* kienu diżappuntati. Kellhom potenzjal qawwi b'taħlita tajba ta' plejers żgħażagħ mill-klub stess u plejers barranin ta' esperjenza, iżda dan baqa' ma ġiex espress b'wirjiet tajba biżżejjed fil-grownd. L-akbar diżappunt tal-kampjonat kienu bla dubju l-ex-*champions* Għajnsielem. Huma għaddew staġun jiġġieldu kontra r-relegazzjoni u kienu żammew posthom fl-ewwel diviżjoni wara li rebħu l-'*play-off*' kontra r-*relegation* ma' Victoria *Hotspurs*. SK Victoria *Wanderers*, li lagħbu fl-ewwel diviżjoni wara li Żebbuġ *Rovers* ċedew posthom u lagħbu fit-tieni diviżjoni, qatt ma rnexxielhom jkunu kompettitivi biżżejjed u spiċċaw ġew relegati.

***Kampjonat "Sprite" tat-Tieni Diviżjoni***

Il-kampjonat *Sprite* tat-tieni diviżjoni kien dominat għal kollox minn *Qala St Joseph*. Huma baqgħu mhux megħluba u aċċertaw mir-rebħ tal-promozzjoni tlitt logħbiet qabel tmiem il-kampjonat. L-akbar sfidanti għal-Qala kienu Victoria *Hotspurs* u St Lawrence *Spurs*. Madanakollu dawn iż-żewġ timijet ma' rnexxielhomx jirbħu l-ebda konfront dirett, filwaqt li tilfu l-punti bejniethom sabiex b'hekk kollox spiċċa favur Qala. Victoria kellhom is-sodisfazzjon li jispiċċaw fit-tieni post b'differenza ta' gowls aħjar minn *St Lawrence* u għalhekk lagħbu '*play-off*' kontra Għajnsielem. *Oratory Youths* nqatgħu kmieni mill-ġlieda għar-rebħ tal-kampjonat iżda baqgħu jittamaw li setgħu jirbħu t-tieni post fil-klassifika. Żebbuġ *Rovers* ma kellhom l-ebda pretenzjoni u kisbu xi riżultati nkoraġġanti filwaqt li Għarb *Rangers* spiċċaw fl-aħħar post u kisbu rebħa waħda fl-aħħar logħba tal-kampjonat.

***Kompetizzjonijiet oħra***

Kerċem *Ajax* spiċċaw l-istaġun fuq nota eċċellenti billi rebħu l-kompetizzjonijiet tat-Tazza GFA u l-*Bank of Valletta Super Cup*. Fil-finali taż-żewġ kompetizzjonijiet Kerċem għelbu lil Għajnsielem (3-1) u Xewkija *Tigers* (2-0) rispettivament. Nadur *Youngsters* rebħu t-Tazza Indipendenza filwaqt li Għajnsielem rebħu t-Tazza Jum il-Ħelsien. *Qala St Joseph* kisbu '*d-double*' fit-tieni diviżjoni billi rebħu ukoll il-kompetizzjoni FXB KO.

***Unuri ndividwali***

Fi tmiem l-istaġun tħabbru l-unuri ndividwali f'diversi kategoriji. L-plejer tas-sena ntrebaħ mill-plejer kowċ ta' *Nadur Youngsters* Alex Simoncic, filwaqt li l-'*captain*' ta' Nadur, Anthony Portelli rebaħ l-unur ta' l-aħjar plejer għawdxi. Joe Xerri ta' *Qala St Joseph* rebaħ l-unur tal-aħjar plejer tat-tieni diviżjoni. L-attakkant ta' Sannat *Lions* Ricardo Saverino spiċċa '*top-scorer*' tal-kampjonat *OnVol* tal-ewwel diviżjoni b'19-il gowl, filwaqt l- Ishaku Umoru ta' Qala u Dione Lautier ta' *Oratory Youths* spiċċaw '*top-scorers*' tat-tieni diviżjoni b'14-il gowl. L-aktar żagħżugħ promettenti tal-kampjonat *OnVol* ġie vvutat il-plejer ta' Nadur, Frank Paul Azzopardi.






SMUGGLER'S CAVE
BAR ® RESTAURANT ® PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*







## 5. Ta' Kerċem

*Fl-għoli mperreċ bil-blat taħtek*
*tal-madwar qisek sultan,*
*Kerċem raħal kwiet u mkabbar*
*b'tas-Sokkors, omm is-Setgħan.*

*San Girgor ir-raħeb Papa*
*rabat miegħek ismu sħiħ,*
*ma ssibx dar mingħajr xi Gori,*
*tas-Sokkors kwadru sabiħ.*

*Knisja mżejna minn fuq s'isfel*
*titular tal-Busuttil,*
*Briffa temm is-saqaf kollu,*
*xogħol sabiħ u tassew prim.*

*F'minn ta' Lulju t-tieni ġimgħa*
*festa kbira mill-Kerċmin*
*li fl-armar u fit-tħejjija*
*tħabbatha ma' l-ewlenin.*

*B'banda wkoll jista' jiftaħar,*
*tat-talent in-nies Kerċmin,*
*għall-parroċċa jagħmlu kollox*
*u bejniethom imxerkin.*

*Minn tarf s'ieħor raħal ħlejju*
*ħdejn Sar Raflu sebħ għalih,*
*tal-Lunzjata l-wied u r-raba'*
*iservuh għal ftit mistrieħ.*







# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit



Id-Dwejra minn Ras il-Wardija



Ix-Xlendi minn Ras il-Wardija

# APS Bank Home Loans

- **Best Rates**
- **Savings of a maximum of Lm500 in Bank fees**
- **No processing fees**
- **No Bank legal fees**
- **No early repayment fees**
- **Flexible repayment solutions**

APS bank

ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO

*The Bank You Want Us To Be*

www.apsbank.com.mt